# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 2

Edizzjoni bil-Malti — Leġiżlazzjoni

Volum 58

6 ta' Jannar 2015


Werrej

II *Atti mhux leġiżlattivi*

REGOLAMENTI


★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/1 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-rappurtar perjodiku dwar it-tariffi imposti mill-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għall-fini ta' superviżjoni kontinwa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq** (1) ..... 1

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq** (1) ..... 24

★ **Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/3 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal strumenti finanzjarji strutturati** (1) ..... 57


(1) Test b'relevanza għaż-ŻEE

MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli tal-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II

*(Atti mhux leġiżlattivi)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA’ DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1

**tat-30 ta’ Settembru 2014**

**li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għar-rappurtar perjodiku dwar it-tariffi imposti mill-aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu għall-fini ta’ superviżjoni kontinwa mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq**

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta’ Settembru 2009 dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]), u b’mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(4a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 11(3) u l-punt 2 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jobbligaw lil kull aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu biex kull sena tiżvela lill-ESMA il-lista ta’ tariffi li jiġu imposti lil kull klijent għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu individwali u għal kull servizzi anċillari, kif ukoll il-politika tagħha tal-ipprezzar, inklużi l-istruttura tat-tariffi u l-kriterji tal-ipprezzar relatati mal-klassifikazzjoni tal-kreditu għal kategoriji ta’ assi differenti. Huwa essenzjali li jiġu pprovduti d-dettalji tekniċi dwar il-kontenut li għandu jiġi rrappurtat u l-format li għandu jintuża mill-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu sabiex ikunu konformi mal-obbligi tagħhom u jippermettu lill-ESMA teżerċita s-setgħat superviżorji kontinwi tagħha.

(2) Sabiex ikomplu jittaffew il-konflitti ta’ interess u tiġi faċilitata l-kompetizzjoni ġusta fis-suq ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu, l-ESMA trid tiżgura li l-politiki tal-ipprezzar, il-proċeduri u finalment it-tariffi imposti mill-aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu lill-klijenti ma jkunux diskriminatorji. Id-differenzi fit-tariffi imposti għall-istess tip ta’ servizz għandhom ikunu ġustifikabbli b’differenza fil-kostijiet effettivi f’dak li għadu x’jaqsam ma’ forniment ta’ dan is-servizz lil klijenti differenti. Barra minn hekk, it-tariffi imposti għas-servizzi ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu lil xi emittent speċifiku ma għandhomx jiddependu fuq ir-riżultati jew fuq l-eżitu tal-ħidma li tkun saret.

(3) L-informazzjoni dwar it-tariffi li trid tiġi sottomessa minn aġenziji ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati għandha tippermetti lill-ESMA tidentifika klassifikazzjonijiet tal-kreditu li jkunu jeħtieġu aktar skrutinju u azzjonijiet ta’ segwitu u ta’ sorveljanza ulterjuri possibbli. Għandhom jiġu imposti tariffi simili għal klassifikazzjonijiet tal-kreditu u servizzi anċillari b’karatteristiċi simili, filwaqt li d-differenzi fil-livelli tat-tariffi jiġu ġġustifikati fuq il-bażi ta’ differenzi fil-kostijiet. L-informazzjoni miġbura għandha tippermetti lill-ESMA tidentifika, għal kull aġenzija ta’ klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata, servizzi paragunabbli u t-tariffi rispettivi tagħhom u għaldaqstant tiskopri xi devjazzjonijiet sinifikanti fit-tariffi imposti. L-ESMA tista’ wara dan, twettaq investigazzjonijiet sabiex tivverifika li kull tariffa bħal din tkun stabbilita skont il-politiki u l-proċeduri tal-ipprezzar legali u li d-differenzi fil-livelli tat-tariffi bbażati fuq id-differenzi fil-kostijiet huma konsistenti mal-prinċipji tal-kompetizzjoni ġusta, li ma jkunux dovuti għal kunflitti ta’ interess u li ma jiddependux fuq ir-riżultati jew l-eżitu tal-ħidma li tkun saret.

(4) Il-politiki u l-proċeduri tal-ipprezzar għandhom jiġu rrapportati għal kull tip ta’ klassifikazzjoni. Għal finijiet ta’ rappurtar u għad-distinzjoni ċara bejn kull politika u proċedura tal-ipprezzar u l-aġġornamenti rispettivi tagħhom,

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

kull verżjoni tal-politiki ta' pprezzar bl-iskedi tariffarji rispettivi tagħha, tal-programmi ta' tariffi u tal-proċeduri għandu jkollha numru ta' identifikazzjoni. Għall-għanijiet l-oħrajn kollha, il-politiki tal-ipprezzar għandhom jinkludu l-istrutturi tariffarji kif ukoll il-kriterji tal-ipprezzar li jistgħu jiġu applikati mill-persuna jew persuni li qed jinnegozjaw it-tariffi li għandhom jitħallsu għal klassifikazzjoni ta' kreditu individwali. Il-politiki tal-ipprezzar għandhom jinkludu wkoll kull frekwenza jew programmi tariffarji oħra li minnhom l-entità klassifikata jew l-abbonat jistgħu jibbenefikaw f'termini ta' tariffi differenti imposti għal klassifikazzjoni individwali jew sett ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jirreġistraw l-istanzi kollha fejn il-politiki tal-ipprezzar, l-iskedi tariffarji, il-programmi u l-proċeduri tariffarji ma jkunux ġew applikati u l-istanzi kollha ta' devjazzjonijiet mill-politika tal-ipprezzar kif applikata għal klassifikazzjoni ta' kreditu individwali, b'identifikazzjoni ċara tal-klassifikazzjoni ta' kreditu involuta.

(5) L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li huma parti minn grupp, għandhom ikunu jistgħu jirrapportaw jew id-dejta dwar il-klassifikazzjonijiet tagħhom separatament lill-ESMA, jew jagħtu mandat lil xi aġenzija oħra ta' klassifikazzjoni ta' kreditu fi ħdan il-grupp biex din tissottometti d-dejta għan-nom tal-membri kollha tal-grupp li huma soġġetti għar-rekwiżiti tar-rapportar.

(6) Għall-fini ta' dan ir-Regolament, l-"istrutturar ta' ħruġ ta' dejn" u "l-kwistjoni ta' dejn" għandhom jinkludu strumenti finanzjarji jew assi oħra li jirriżultaw minn tranżazzjoni jew skema ta' titolizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(61) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1].

(7) Sabiex jippermettu lill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu reġistrati biex jiżviluppaw sistemi u proċeduri adegwati skont l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi pprovduti mill-ESMA u biex jiġu żgurati l-kompletezza u l-korrettezza tar-rapportar tad-dejta dwar it-tariffi, l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati għandhom inizjalment jirrapportaw dwar id-dejta tat-tariffi individwali disa' xhur wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Ir-rapport inizjali għandu jsir fir-rigward ta' dejta tat-tariffi mid-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Obbligu bħal dan ma għandux jiġi interpretat bħala kwittanza mill-obbligu fuq l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati biex jissottomettu informazzjoni perjodika dwar it-tariffi skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009 fil-perjodu interim.

(8) Il-politiki u l-proċeduri tal-ipprezzar għandhom jiġu pprovduti fuq bażi kontinwa b'tali mod li kull bidla materjali tiġi rrappurtata mingħajr dewmien żejjed wara l-adozzjoni tagħha u l-aktar tard sa 30 jum wara l-implimentazzjoni tagħha. L-informazzjoni li trid tiġi rrapportata għandha tingħabar f'format standard biex tippermetti lill-ESMA tirċievi u tipproċessa r-rekords awtomatikament fis-sistemi interni tagħha. Minħabba d-diffikultajiet tekniċi u l-progress tekniku maż-żmien, għadd ta' struzzjonijiet tekniċi tar-rapportar dwar it-trasmissjoni jew il-format tal-fajls li għandhom jiġu sottomessi mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jista' jkollhom jiġu aġġornati u kkomunikati mill-ESMA permezz ta' komunikazzjonijiet jew linji gwida speċifiċi.

(9) Fejn aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ma tikkonformax mar-rekwiżiti ta' rappurtar tagħha, l-ESMA għandu jkollha s-setgħa li titlob l-informazzjoni permezz ta' deċiżjoni maħruġa skont l-Artikolu 23b(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, jew li tieħu miżuri investigattivi oħrajn.

(10) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess lill-Kummissjoni mill-ESMA, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2].

(11) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa fir-rigward tal-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu dan ir-Regolament huwa bbażat, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Ikkonċernati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Il-prinċipji ġenerali**

1. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jissottomettu t-tipi ta' rapporti li ġejjin lill-ESMA:

---

[1] Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

[2] Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

(a) il-politiki ta' u l-proċeduri tal-ipprezzar kif stabbiliti fl-Artikolu 2;

(b) dejta tat-tariffi għall-attivitajiet ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu pprovduti taħt il-mudell fejn l-emittent iħallas kif stabbilit fl-Artikolu 3(1);

(c) dejta tat-tariffi għall-attivitajiet ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu pprovduti taħt il-mudell fejn l-abbonat jew l-investitur-iħallas kif stabbilit fl-Artikolu 3(2).

2. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jiżguraw l-eżattezza u l-kompletezza tal-informazzjoni u tad-dejta rapportati lill-ESMA.

3. Għal gruppi ta' aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, il-membri ta' kull grupp jistgħu jagħtu mandat lil membru wieħed biex jissottometti r-rapporti meħtieġa skont dan ir-Regolament f'isimhom. Kull aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li għan-nom tagħha jiġi sottomess rapport bħal dan għandha tiġi identifikata fid-dejta sottomessa lill-ESMA.

*Artikolu 2*

**Il-politiki u l-proċeduri tal-ipprezzar**

1. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jipprovdu lill-ESMA l-politiki tal-ipprezzar tagħhom, l-istruttura tariffarja jew l-iskedi tariffarji u l-kriterji tal-ipprezzar fir-rigward ta' dawk l-entitajiet ikklassifikati jew l-istrumenti finanzjarji li fuqhom huma joħorġu l-klassifikazzjonijiet ta' kreditu u, fejn applikabbli, politiki tal-pprezzar li jirigwardaw is-servizzi anċillari.

2. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jiżguraw li għal kull tip ta' klassifikazzjoni tal-kreditu offrut, il-politiki tal-prezzijiet ikun fihom jew ikunu akkumpanjati mill-entrati li ġejjin:

(a) l-ismijiet tal-persuni responsabbli għall-approvazzjoni u l-manutenzjoni tal-politiki tal-ipprezzar, l-iskedi tariffarji u/jew programmi tariffarji, inklużi dawk responsabbli għall-iffissar ta' tariffi, l-identifikatur intern, il-funzjoni u d-dipartiment intern li għalihom il-persuni jappartjenu;

(b) kull linja gwida interna għall-applikazzjoni tal-kriterji tal-ipprezzar fil-politiki tal-ipprezzar, kull skeda tariffarja u/jew programm tariffarju relatati mal-istabbiliment ta' tariffi individwali;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-firxa tariffarja jew l-iskeda tariffarja u l-kriterji applikabbli għat-tipi differenti ta' tariffi, inklużi dawk stipulati fl-iskedi tariffarji;

(d) deskrizzjoni dettaljata ta' kull programm tariffarju, inkluż programm ta' relazzjoni, il-frekwenza ta' programm ta' użu, programm ta' lealtà, jew programm ieħor, u inklużi l-kriterji ta' applikazzjoni u l-firxa tariffarja, li minnhom il-klassifikazzjonijiet ta' kreditu individwali jew sett ta' klassifikazzjoni jistgħu jibbenefikaw f'termini tariffarji;

(e) fejn applikabbli, il-prinċipji tal-ipprezzar u r-regoli li għandhom jintużaw kull meta jkun hemm relazzjoni jew konnessjoni bejn it-tariffi imposti għal servizzi ta' klasifikazzjoni tal-kreditu u servizzi anċillari jew kull servizz ieħor ipprovdut lill-klijent, skont it-tifsira tat-tieni subparagrafu tal-punt 2 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 (il-klijent), mill-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu u/jew kull waħda mill-entitajiet li tappartjeni lill-grupp tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu skont it-tifsira tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE ([1]), kif ukoll kull entità marbuta mal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jew kumpanija oħra tal-grupp tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu permezz ta' relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE;

(f) l-ambitu ġeografiku tal-applikazzjoni tal-politika tal-ipprezzar, skeda tariffarja jew programm tariffarju f'dak li għandu x'jaqsam mal-lokazzjoni tal-klijenti u l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jew l-aġenziji li japplikaw il-politika tal-ipprezzar, l-iskeda tariffarja jew il-programm tariffarju;

(g) l-ismijiet tal-persuni awtorizzati biex jiffissaw tariffi u imposti oħra skont il-politika tal-ipprezzar rispettiva, skeda tariffarja jew programm tariffarju, inklużi dawk responsabbli għall-iffissar ta' tariffi, l-identifikatur intern, il-funzjoni u d-dipartiment intern li għalihom jappartjenu l-persuni.

3. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jiżguraw li l-proċeduri tal-ipprezzar ikun fihom jew ikunu akkumpanjati mill-entrati li ġejjin:

(a) l-ismijiet tal-persuni responsabbli għall-approvazzjoni u l-manutenzjoni tal-proċeduri li jimplimentaw il-politiki tal-ipprezzar, inklużi dawk responsabbli għall-iffissar ta' tariffi, l-identifikatur intern, il-funzjoni u d-dipartiment intern li għalihom jappartjenu l-persuni;

([1]) Is-seba' Direttiva tal-Kunsill 83/349/KEE tat-13 ta' Ġunju 1983 ibbażata fuq l-Artikolu 54(3)(g) tat-Trattat dwar il-kontijiet konsolidati, (ĠU L 193, 18.7.1983, p. 1).

(b) deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri u l-kontrolli fis-seħħ biex dawn jiżguraw u jimmonitorjaw il-konformità stretta mal-politiki tal-ipprezzar;

(c) deskrizzjoni dettaljata tal-proċeduri fis-seħħ għat-tnaqqis tat-tariffi jew biex b'mod ieħor wieħed jitbiegħed mill-iskedi tariffarji jew mill-programmi tariffarji;

(d) l-ismijiet tal-persuni direttament responsabbli għall-monitoraġġ tal-applikazzjoni tal-politiki tal-ipprezzar għal tariffi individwali, inkluż l-identifikatur intern, il-funzjoni u d-dipartiment intern li għalihom jappartjenu l-persuni;

(e) l-ismijiet tal-persuni direttament responsabbli għall-iżgurar tal-konformità tat-tariffi individwali mal-politiki tal-ipprezzar, inkluż l-identifikatur intern, il-funzjoni u dipartiment intern li għalihom jappartjenu l-persuni;

(f) deskrizzjoni dettaljata tal-miżuri li għandhom jiġu adottati f'każ ta' ksur tal-politiki tal-ipprezzar, tal-iskedi tariffarji, il-programmi u l-proċeduri tariffarji;

(g) deskrizzjoni dettaljata tal-proċedura għar-rappurtar lill-ESMA ta' kull ksur materjali ta' politiki jew proċeduri tal-ipprezzar li jista' jirriżulta fi ksur tal-punt 3c tat-Taqsima B tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

*Artikolu 3*

**Lista' ta' tariffi imposti fuq kull klijent**

1. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati li jipprovdu klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq mudell fejn l-emittent iħallas, jipprovdu lill-ESMA t-tariffi imposti fuqkull klijent għall-klassifikazzjonijiet tal-kreditu individwali u kull servizzi anċillari għal kull entità ġuridika kif ukoll dawk aggregati minn grupp ta' kumpaniji.

2. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati li jipprovdu klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq mudell fejn l-abbonat jew l-investitur iħallas, jipprovdu lill-ESMA, fuq bażi għal kull klijent, it-tariffi totali mħallsa għal servizzi bħal dawn kif ukoll għas-servizzi anċillari pprovduti.

3. Kull devjazzjoni mill-politiki jew mill-proċeduri tal-ipprezzar, jew in-nuqqas ta' applikazzjoni ta' politika tal-ipprezzar, skeda tariffarja jew programm tariffarju, jew proċedura tal-ipprezzar għal klassifikazzjoni tiġi rreġistrata mill-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati, b'identifikazzjoni ċara tal-ispjegazzjonijiet ewlenin għad-devjazzjoni u l-klassifikazzjoni individwali involuti fil-format stipulat fit-Tabella 1 tal-Anness II. Dawn ir-rekords jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ESMA meta jintalbu.

*Artikolu 4*

**It-tipi ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu**

L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jikklassifikaw il-klassifikazzjonijiet li jridu jiġu rrapportati skont it-tipi definiti fl-Artikolu 3 tar-Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2 ([1]).

*Artikolu 5*

**Dejta li għandha tiġi pprovduta**

1. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jipprovdu lill-ESMA l-entrati stabbiliti fl-Artikolu 2(2) u (3), u d-dejta stipulata fit-Tabelli minn1 sa 4 tal-Anness I, kif ukoll il-politiki tal-ipprezzar, l-iskedi tariffarji, il-programmi u l-proċeduri tariffarji f'fajls separati.

2. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jipprovdu lill-ESMA bid-dejta stabbilita fit-Tabelli 1 u 2 tal-Anness II għad-dejta tariffarja dwar kull klassifikazzjoni tal-kreditu individwali maħruġa u t-tariffi imposti għal klassifikazzjonijiet tal-kreditu u kull servizz anċillari għal kull klijent skont l-Artikolu 3(1).

3. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati li pprovdew klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq il-mudell fejn l-abbonat jew l-investitur iħallas tipprovdi lill-ESMA d-dejta stipulata fit-Tabella 1 tal-Anness III għal kull klijent tas-servizzi ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu pprovduti, skont l-Artikolu 3(2).

4. Id-dejta speċifikata fit-Tabelli minn 1 sa 4 tal-Anness I, it-tabelli 1 u 2 tal-Anness II, u t-Tabella 1 tal-Anness III tiġi sottomessa lill-ESMA f'fajls separati.

---

([1]) Regolament ta' Delega tal-Kummissjoni (UE) 2015/2 tat-30 ta' Settembru 2014 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (Ara l-paġna 24 ta' dan il-Ġurnal Uffiċjali).

*Artikolu 6*

**Ir-rappurtar inizjali**

1. Kull aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata tipprovdi d-dejta lill-ESMA billi timla t-tabelli minn 1 sa 4 tal-Anness I u fajls separati għall-politiki tal-ipprezzar, l-iskedi tariffarji, il-programmi u l-proċeduri tariffarji li hija qed tapplika għal kull tip ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li fih hija attiva, skont l-Artikolu 5(1), fi żmien 30 jum wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

2. Ir-rapportar inizjali dwar it-tariffi msemmija fl-Artikolu 5(2) u (3) jiġi sottomess lill-ESMA disa' xhur wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament u jinkludi d-dejta miġbura mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament sat-30 ta' Ġunju 2015.

3. It-tieni rapport dwar it-tariffi msemmi fl-Artikolu 5(2) u (3) jiġi sottomess lill-ESMA sal-31 ta' Marzu 2016 u jinkludi d-dejta miġbura mill-1 ta' Lulju 2015 sal-31 ta' Diċembru 2015.

*Artikolu 7*

**Ir-rappurtar kontinwu**

1. Mingħajr preġudizzju għar-rekwiżiti ta' rappurtar inizjali stabbiliti fl-Artikolu 6, l-informazzjoni sottomessa skont l-Artikolu 5 tiġi sottomessa fuq bażi annwali sal-31 ta' Marzu u tinkludi dejta u politiki tal-ipprezzar, skedi tariffarji, programmi tariffarji, u proċeduri tariffarji li jirrelataw mas-sena kalendarja preċedenti.

2. Mingħajr preġudizzju għall-paragrafu 1, bidliet materjali għall-politiki tal-ipprezzar, l-iskedi tariffarji, il-programmi u l-proċeduri tariffarji jiġu rrappurtati lill-ESMA fuq bażi kontinwa mingħajr dewmien żejjed wara l-adozzjoni tagħhom u l-aktar tard sa 30 jum wara l-implimentazzjoni tagħhom.

3. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jinnotifikaw lill-ESMA minnufih dwar kull ċirkostanza eċċezzjonali li tista' tipprevjeni jew iddewwem b'mod temporanju ir-rappurtar skont dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Proċeduri tar-rapportar**

1. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jissottomettu l-fajls tad-dejta skont l-istruzzjonijiet tekniċi pprovduti mill-ESMA u billi jużaw is-sistema ta' rapportar stabbilita mill-ESMA.

2. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jaħżnu l-fajls tad-dejta mibgħuta u li jkunu waslu għand l-ESMA skont l-Artikolu 5 kif ukoll ir-rekords ta' devjazzjoni msemmija fl-Artikolu 3(3) f'forma elettronika għal mill-inqas ħames snin. Dawn il-fajls jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ESMA meta jintalbu.

3. Meta aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata tidentifika żbalji fattwali f'dejta li tkun ġiet irrapportata, tinforma lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed u tikkoreġi d-dejta rilevanti skont l-istruzzjonijiet tekniċi pprovduti mill-ESMA.

*Artikolu 9*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*

*Il-President*

José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

*Tabella 1*

**Ir-rappurtar ta' politiki tariffarji għal kull klassi ta' klassifikazzjoni fis-seħħ u aġġornamenti materjali sussegwenti**

| Nru | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA (Credit Rating Agency) | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' rappurtar. Hija pprovduta mill-ESMA mar-reġistrazzjoni. | Mandatorju | |
| 2 | L-ambitu tas-CRA | Identifikazzjoni tas-CRAs li japplikaw il-politika tal-ipprezzar | Mandatorju | ISO 17442 |
| 3 | Identifikatur tal-politika tal-ipprezzar | Identifikatur uniku tal-politika tal-ipprezzar li jinżamm. Il-bidliet kollha minbarra l-ambitu ta' tipi ta' klassifikazzjoni koperti mill-politika tal-ipprezzar għandhom iżżommu l-istess identifikatur uniku. Bidliet fl-ambitu jeħtieġu identifikatur tal-ipprezzar ġdid. | Mandatorju | L-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar f'format "PP_[identifikatur intern tal-politika tal-ipprezzar]" |
| 4 | Data tal-validità tal-Politika tal-Ipprezzar | Id-data li minnha l-politika tal-ipprezzar hija valida. | Mandatorju | Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ). |
| 5 | Data tat-tmiem tal-Politika tal-Ipprezzar | Tmiem id-data ta' validità tal-politika tal-ipprezzar. | Mandatorju | Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) jew 9999-01-01 |
| 6 | Indikazzjoni ta' mudell | Indikazzjoni ta' jekk il-politika tal-ipprezzar tirreferix għall-mudell "l-emittent iħallas" jew "l-investitur iħallas" jew "l-abbonat iħallas." L-ESMA tifhem li s-CRAs jistgħu joperaw is-servizzi taħt aktar minn mudell wieħed u għalhekk huwa possibbli li politika tal-ipprezzar tkun tista' tintuża għaż-żewġ tipi ta' mudelli. F'tali każijiet I u S jistgħu jintgħażlu t-tnejn. | Mandatorju | — "I" għall-mudell "l-emittent iħallas", u/jew<br>— "S" għall-mudell l-"investitur iħallas" jew "l-abbonat iħallas" |
| 7 | Ambitu tal-iskala ta' klassifikazzjoni | Deskrizzjoni tat-tip ta' klassifikazzjonijiet jew servizzi anċillari inklużi jew koperti mill-politika tal-ipprezzar. | Mandatorju | Indikazzjoni dwar jekk il-politika tal-ipprezzar tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "C" għal klassifikazzjoni korporattiva (esklużi bonds koperti), |

| Nru | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| | | | | — "S" għal klassifikazzjoni sovrana u għal klassifikazzjoni ta' finanzi pubbliċi,<br>— "T" għal klassifikazzjoni ta' finanzjamenti strutturati,<br>— "B" għal klassifikazzjoni ta' bonds koperti,<br>— "O" għal tipi oħra ta' klassifikazzjoni,<br>— "A" għal servizzi anċillari. |
| 8 | Is-segmenti tal-industrija tal-politika tal-ipprezzar | Għar-rappurtar ta' klassifikazzjoni korporattiva indika jekk il-politika tal-ipprezzar tapplikax għal klassifikazzjoni f'wieħed minn dawn is-segmenti tal-industrija li ġejjin: (i) finanzjarju, (ii) tal-assigurazzjoni, (iii) korporattivi oħra | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra "C" fil-każella 7 "Ambitu tal-politika tal-ipprezzar" | Indikazzjoni dwar jekk il-politika tal-ipprezzar tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— FI — għall-istituzzjonijiet finanzjarji inklużi l-banek, is-sensara u n-negozjanti,<br>— IN — għat-tip ta' klassifikazzjoni tal-Assigurazzjoni,<br>— CO — għal emittenti Korporattivi li mhumiex parti mill-klassijiet FI jew IN. |
| 9 | Klassi ta' assi tal-politika tal-ipprezzar | Għar-rappurtar ta' klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati indika jekk il-politika tal-ipprezzar tapplikax għal klassifikazzjonijiet f'wieħed minn dawn is-segmenti li ġejjin: (i) RMBS, (ii) ABS, (iii) CMBS, (iv) CDO, (v)ABCP, (vi) oħrajn. | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra"T" fil-każella 7 "Kamp ta' applikazzjoni tal-politika tal-ipprezzar" | Indika jekk il-politika tal-ipprezzar tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "RMBS" għal klassifikazzjonijiet RMBS;<br>— "ABS" għal klassifikazzjonijiet ABS,<br>— "CMBS" għal klassifikazzjonijiet CMBS,<br>— "CDO" għal klassifikazzjonijiet CDO,<br>— "ABCP" għal klassifikazzjonijiet ABCP,<br>— "OTH" oħrajn |
| 10 | Settur | Għar-rappurtar ta' klassifikazzjonijiet sovrani u tal-finanzi pubbliċi indika jekk il-politika tal-ipprezzar tapplikax għal klassifikazzjonijiet f'wieħed minn dawn is-segmenti li ġejjin: (i) Klassifikazzjoni mill-Istat, (ii) klassifikazzjoni ta' awtorità lokali jew reġjonali, (iii) Organizzazzjonijiet supranazzjonali (għajr istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali), (iv) entitajiet pubbliċi, (v) Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra "S" fil-każella 7 "Kamp ta' applikazzjoni tal-politika tal-ipprezzar" | Indika jekk il-politika tal-ipprezzar tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "SV" — Klassifikazzjoni tal-istat<br>— "SM" — Klassifikazzjoni ta' awtorità lokali jew reġjonali<br>— "SO" — Klassifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet supranazzjonali għajr "IF"<br>— "PE" — Klassifikazzjoni ta' entitajiet pubbliċi |

| Nru | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| | | | | — "IF" — Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali |
| 11 | Politika tal-ipprezzar preċedenti | L-identifikazzjoni tal-politika tal-ipprezzar ta' qabel li l-politika attwali qed tissostitwixxi. | Mandatorju<br>Applikabbli jekk il-politika tal-ipprezzar attwali tbiddel il-kamp ta' applikazzjoni ta' politika tal-ipprezzar preċedenti | L-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar f'format "PP_[identifikatur intern tal-politika tal-ipprezzar]" |
| 12 | Isem il-fajl tal-politika tal-ipprezzar | Isem il-fajl tal-politika tal-ipprezzar. Jiġu rrappurtati f'format ZIP | Mandatorju | |

*Tabella 2*

**Ir-rappurtar ta' skedi tariffarji għal kull klassi ta' klassifikazzjoni fis-seħħ u aġġornamenti materjali sussegwenti**

| Nru. | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA (Credit Rating Agency) | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' rappurtar. Hija pprovduta mill-ESMA mar-reġistrazzjoni. | Mandatorju | |
| 2 | L-ambitu tas-CRA | Identifikazzjoni tas-CRAs li japplikaw l-iskeda tariffarja. | Mandatorju | ISO 17442 |
| 3 | Identifikatur tal-iskeda tariffarja | Identifikatur uniku tal-iskeda tariffarja li għandha tinżamm maż-żmien. Il-bidliet kollha minbarra l-ambitu tat-tipi ta' klassifikazzjoni koperti mill-iskeda tariffarji għandhom iżommu l-istess identifikatur uniku. Bidliet fl-ambitu jitolbu identifikatur ġdid għall-iskeda tariffarja. | Mandatorju | Identifikatur għall-iskeda tariffarja fil-format "FS_[identifikatur għall-iskeda tariffarja intern]" |
| 4 | Identifikatur tal-politika tal-ipprezzar | Identifikazzjoni tal-politika tal-ipprezzar li l-iskeda tariffarja hija maħsuba li timplementa. Dan l-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar għandu jikkorrispondi mal-identifikatur(i) stabbilit(i) skont it-Tabella 1 tal-Anness I. | Mandatorju | L-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar f'format "PP_[identifikatur tal-politika tal-ipprezzar intern]" |

| Nru. | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 5 | Data tal-validità tal-iskeda tariffarja | Id-data minn meta l-iskeda tariffarja hija valida. | Mandatorju | Il-format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ). |
| 6 | Data ta' tmiem l-iskeda tariffarja | Data ta' tmiem il-validità tal-iskeda tariffarja | Mandatorju | Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) jew 9999-01-01 |
| 7 | Indikazzjoni ta' mudell | Indikazzjoni dwar jekk l-iskeda tariffarja tirrigwardax il-klassifikazzjoni fejn l-emittent iħallas jew il-mudell fejn l-investitur iħallas. | Mandatorju | — "I" għall-mudell "l-emittent iħallas"<br>— "S" għall-mudell l-"investitur iħallas" jew "l-abbonat iħallas" |
| 8 | Ambitu tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-iskeda tariffarja | Deskrizzjoni tat-tip ta' klassifikazzjonijiet jew servizzi anċillari inklużi fl-iskeda tariffarja. | Mandatorju | Indikazzjoni dwar jekk l-iskeda tariffarja tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— All-<br>— "C" għal klassifikazzjonijiet korporattivi (esklużi bonds koperti);<br>— "S" għal klassifikazzjonijiet sovrani u għal klassifikazzjonijiet ta' finanzi pubbliċi;<br>— "T" għal klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati<br>— "B" għal klassifikazzjonijiet ta' bonds koperti<br>— "O" għal tipi oħra ta' klassifikazzjonijiet<br>— "A" għal servizzi anċillari |
| 9 | Is-segment tal-industrija tal-iskeda tariffarja | Għar-rappurtar ta' klassifikazzjonijiet korporattivi indika jekk l-iskeda tariffarja tapplikax għal klassifikazzjonijiet f'xi waħda minn dawn is-segmenti tal-industrija: (i) finanzjarju, (ii) tal-assigurazzjoni, (iii) korporattivi oħra | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra "C" fil-kaxxa 8 "Ambitu tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-iskeda tariffarja" | Indikazzjoni dwar jekk l-iskeda tariffarja tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "FI" - għall-istituzzjonijiet finanzjarji inklużi l-banek, is-sensara u n-negozjanti,<br>— "IN" — għat-tip ta' klassifikazzjoni tal-Assigurazzjoni,<br>— "CO" — għal mittenti Korporattivi li mhumiex parti mill-klassijiet FI jew IN. |
| 10 | Klassi ta' assi tal-iskeda tariffarja | Għar-rappurtar ta' klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati indika jekk l-iskeda tariffarja tapplikax għal klassifikazzjonijiet f'wieħed mis-segmenti li ġejjn: (i) RMBS, (ii) ABS, (iii) CMBS, (iv) CDO, (v)ABCP, (vi) oħrajn. | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra"T" fil-kaxxa 8 "Kamp ta' applikazzjoni tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-iskedi tariffarji" | Indikazzjoni dwar jekk l-iskeda tariffarja tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "RMBS" għal klassifikazzjonijiet RMBS,<br>— "ABS" għal klassifikazzjonijiet ABS,<br>— "CMBS" għal klassifikazzjonijiet CMBS, |

| Nru. | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| | | | | — “CDO” għal klassifikazzjonijiet CDO,<br>— “ABCP” għal klassifikazzjonijiet ABCP,<br>— “OTH” oħrajn |
| 11 | Il-kaxxa tal-iskeda tariffarja | Għar-rappurtar ta’ klassifikazzjonijiet sovrani u tal-finanzi pubbliċi indika jekk l-iskeda tariffarja tapplikax għal klassifikazzjonijiet f’wieħed minn dawn is-segmenti li ġejjin: Klassifikazzjoni mill-Istat, (ii) Klassifikazzjoni ta’ awtorità lokali jew reġjonali, (iii) organizzazzjonijiet supranazzjonali (għajr istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali), (iv) entitajiet pubbliċi, (v) Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra “T” fil-kaxxa 8 “Ambitu tat-tip ta’ klassifikazzjoni tal-iskedi tariffarji” | Indikazzjoni dwar jekk l-iskeda tariffarja tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— “SV” — Klassifikazzjoni mill-Istat<br>— “SM” — Klassifikazzjoni ta’ awtorità lokali jew reġjonali<br>— “SO” — Klassifikazzjoni ta’ organizzazzjonijiet supranazzjonali għajr jekk “IF”<br>— “PE” — Klassifikazzjoni ta’ entitajiet pubbliċi.<br>— “IF” — Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. |
| 12 | Subassi tal-iskeda tariffarja | Jiddefinixxi l-klassijiet sub-assi għall-klassifikazzjonijiet ta’ finanzjamentii strutturati. | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra “T” fil-kaxxa 8 u l-kliem “Klassi ta’ assi” = “ABS” jew “RMBS” jew “CDO” jew “OTH”. | Indikazzjoni dwar jekk l-iskeda tariffarja tapplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— “Kollha”,<br>— CCS — Jekk ABS: Titoli garantiti b’riċevibbli tal-karti ta’ kreditu,<br>— ALB — Jekk ABS: Titoli garantiti b’self fuq karozzi,<br>— CNS — Jekk ABS: Titolu garantit b’selfa għall-konsum,<br>— SME — Jekk ABS: Titoli garantiti b’self ta’ intrapriżi żgħar u medji,<br>— LES — Jekk ABS: Titoli garantiti b’kuntratti ta’ lokazzjoni lil individwi jew negozji,<br>— HEL — Jekk RMBS: Selfiet fuq l-ekwità tad-dar,<br>— PRR — Jekk RMBS: Titolu abbażi ta’ ipoteka residenzjali prima,<br>— NPR — Jekk RMBS: Titolu abbażi ta’ ipoteka residenzjali mhux prima,<br>— CFH — Jekk CDO: Fluss ta’ flus jew CDO/CLO ibridi,<br>— SDO — Jekk CDO: CDO/CLO sintetiċi, |

| Nru. | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| | | | | — MVO — Jekk CDO: CDO tal-valur tas-suq,<br>— SIV — Jekk OTH: veikoli ta' investiment strutturati,<br>— ILS — Jekk OTH: titoli marbuta ma' assigurazzjoni,<br>— DPC — Jekk OTH: kumpaniji ta' prodotti ta' derivattivi,<br>— SCB — Jekk OTH: bonds koperti strutturati,<br>— OTH — Oħrajn |
| 13 | Skeda Tariffarja preċedenti | L-identifikazzjoni tal-iskeda tariffarja ta' qabel li l-iskeda tariffarja attwali qed tissostitwixxi. | Applikabbli jekk l-iskeda tariffarja attwali tbiddel il-kamp tal-applikazzjoni ta' skeda tariffarja preċedenti | Identifikatur tal-iskeda tariffarja fil-format "FS_ [Identifikatur tal-iskeda tariffarja intern]" |
| 14 | Isem il-fajl tal-iskeda tariffarja | Isem il-fajl tal-iskeda tariffarja Għandhom jiġu rrappurtati f'format zip | Mandatorju | |

*Tabella 3*

**Rappurtar ta' programmi tariffarji għal kull klassi ta' klassifikazzjoni fis-seħħ u aġġornamenti materjali sussegwenti**

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' rappurtar. Hija pprovduta mill-ESMA mar-reġistrazzjoni. | Mandatorju | |
| 2 | L-ambitu tas-CRA | Identifikazzjoni tas-CRAs li japplikaw il-programm tariffarju. | Mandatorju | ISO 17442 |
| 3 | Identifikatur tal-programm tariffarju | Identifikatur uniku tal-programm tariffarju li jinżamm matul iż-żmien. Il-bidliet kollha minbarra l-ambitu ta' tipi ta' klassifikazzjoni jew tip ta' programm kopert mill-programm tariffarju għandhom iżommu l-istess identifikatur uniku. Bidliet fl-ambitu jeħtieġu identifikatur tal-programm tariffarju ġdid. | Mandatorju | Identifikatur tal-programm tariffarju fil-format "FP_[identifikatur tal-programm tariffarju intern]" |

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 4 | Identifikatur tal-politika tal-ipprezzar | Identifikazzjoni ta' politika tal-ipprezzar li l-programm tariffarju huwa maħsub li jimplimenta. Dan l-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar għandu jikkorrispondi mal-identifikatur(i) stabbilit(i) skont it-Tabella 1 tal-Anness I. | Mandatorju | Identifikatur tal-politika tal-ipprezzar f'format "PP_ [identifikatur tal-politika tal-ipprezzar intern]" |
| 5 | Data tal-validità tal-programm tariffarju | Id-data minn meta l-programm tariffarju huwa validu. | Mandatorju | Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ). |
| 6 | Data tat-tmiem tal-programm tariffarju | L-aħħar data tal-validità tal-programm tariffarju. | Mandatorju | — Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) jew 9999-01-01 |
| 7 | Indikazzjoni ta' mudell | Indikazzjoni dwar jekk il-programm tariffarju jirrigwardax il-mudell ta' klassifikazzjonijiet fejn l-emittent iħallas, il-mudell fejn l-investitur iħallas jew dak fejn l-abbonat iħallas. | Mandatorju | — "I" għal mudell "l-emittent iħallas", u/jew<br>— "S" għall-mudell l-"investitur iħallas" jew "l-abbonat iħallas" |
| 8 | L-ambitu tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-programm tariffarju | Deskrizzjoni tat-tip ta' klassifikazzjonijiet jew servizzi anċillari inklużi fil-programm tariffarju. | Mandatorju | Indikazzjoni dwar jekk il-programm tariffarju japplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "C" għal klassifikazzjonijiet korporattivi (esklużi bonds koperti),<br>— "S" għal klassifikazzjonijiet sovrana u għal klassifikazzjonijiet ta' finanzi pubbliċi,<br>— "T" għal klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati,<br>— "B" għal klassifikazzjoni ta' bonds koperti,<br>— "O" għal tipi oħra ta' klassifikazzjoni,<br>— "A" għal servizzi anċillari |
| 9 | Is-segment tal-industrija tal-programm tariffarju. | Għar-rappurtar ta' klassifikazzjonijiet korporattivi indika jekk il-programm tariffarju japplikax għal klassifikazzjonijiet f'xi waħda minn dawn is-segmenti tal-industrija: (i) finanzjarju, (ii) tal-assigurazzjoni, (iii) korporattivi oħra | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra "C" fil-kaxxa 8 "Ambitu tal-programm tariffarju" | Indikazzjoni dwar jekk il-programm tariffarju japplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— FI - għall-istituzzjonijiet Finanzjarji inklużi l-banek, is-sensara u n-negozjanti,<br>— IN - għat-tip ta' klassifikazzjoni tal-Assigurazzjoni,<br>— CO - għal emittenti Korporattivi li mhumiex parti mill-klassijiet FI jew IN. |

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 10 | Klassi ta' assi tal-programm tariffarju | Għar-rappurtar ta' klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati indika jekk il-programm tariffarju japplikax għal klassifikazzjonijiet f'wieħed mis-segmenti li ġejjn: (i) RMBS, (ii) ABS, (iii) CMBS, (iv) CDO, (v) ABCP, (vi) oħrajn. | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra "T" fil-kaxxa 8 "Ambitu tal-klassifikazzjoni tal-programm tariffarju" | Indikazzjoni dwar jekk il-programm tariffarju japplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "RMBS" għal klassifikazzjonijiet RMBS,<br>— "ABS" għal klassifikazzjonijiet ABS,<br>— "CMBS" għal klassifikazzjonijiet CMBS,<br>— "CDO" għal klassifikazzjonijiet CDO,<br>— "ABCP" għal klassifikazzjonijiet ABCP,<br>— "OTH" oħrajn |
| 11 | Il-kaxxa tal-programm tariffarju | Għar-rappurtar ta' klassifikazzjonijiet ta'-finanzi sovrani u pubbliċi indika jekk il-programm tariffarju japplikax għal klassifikazzjonijiet f'wieħed minn dawn is-segmenti li ġejjin: (i) Klassifikazzjoni tal-Istat, (ii) Klassifikazzjoni ta' awtorità lokali jew reġjonali, (iii) organizzazzjonijiet supranazzjonali (għajr istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali), (iv) entitajiet pubbliċi, (v) istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra "S" fil-kaxxa 8 "Ambitu tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-programm tariffarju" | Indikazzjoni dwar jekk il-programm tariffarju japplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "SV" — Klassifikazzjoni mill-Istat<br>— "SM" — Klassifikazzjoni ta' awtorità lokali jew reġjonali<br>— "SO" — Klassifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet supranazzjonali għajr jekk "IF"<br>— "PE" — Klassifikazzjoni ta' entitajiet pubbliċi.<br>— "IF" — Istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali. |
| 12 | Subassi tal-programm tariffarju | Jiddefinixxi l-klassijiet sub-assi għall-klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati. | Mandatorju<br>Applikabbli biss jekk tiddaħħal l-ittra "T" fil-kaxxa 8 u l-kliem "Klassi ta' assi" = "ABS" jew "RMBS" jew "CDO" jew "OTH". | Indikazzjoni dwar jekk il-programm tariffarju japplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— CCS - Jekk ABS: Titoli garantiti b'riċevibbli tal-karti ta' kreditu,<br>— ALB - Jekk ABS: Titoli garantiti b'self fuq karozzi,<br>— CNS - Jekk ABS: Titolu garantit b'selfa għall-konsum,<br>— SME - Jekk ABS: Titoli garantiti b'self ta' intrapriżi żgħar u medji, |

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| | | | | — LES - Jekk ABS: Titoli garantiti b'kuntratti ta' lokazzjoni lil individwi jew negozji,<br>— HEL - Jekk RMBS: Selfiet fuq l-ekwità tad-djar,<br>— PRR - Jekk RMBS: RMBS prima,<br>— NPR - Jekk RMBS: RMBS mhux prima,<br>— CFH - Jekk CDO: Fluss ta' flus u CDO/CLO ibridi,<br>— SDO - Jekk CDO: CDO/CLO sintetiċi,<br>— MVO — Jekk CDO: CDO tal-valur tas-suq,<br>— SIV — Jekk OTH: veikolu ta' investiment strutturati,<br>— ILS — Jekk OTH: titoli marbuta ma' assigurazzjoni,<br>— DPC — Jekk OTH: kumpaniji ta' prodotti ta' derivattivi,<br>— SCB — Jekk OTH: bonds koperti strutturati,<br>— OTH — Oħrajn |
| 13 | Tip ta' programm inkluż | Deskrizzjoni tat-tip ta' programm inkluż fil-programm tariffarju, bħal pereżempju jekk ikun relatat ma' u/jew jinkludi programm tal-frekwenza tal-użu, programm ta' lealtà, programmi multi-issuance, xiri ta' pakkett jew klassifikazzjonijiet ta' kreditu jew tipi oħra ta' programmi. | | Indika jekk il-programm tariffarju japplikax għal wieħed jew aktar minn:<br>— "Kollha",<br>— "F" frekwenza tal-użu,<br>— "L" programm ta' lealtà,<br>— "M" programmi multi-issuance,<br>— "B" għal xiri ta' pakkett ta' għadd predefinit ta' klassifikazzjonijiet ta' kreditu,<br>— "OTH" tipi oħra ta' programm tariffarju |
| 14 | Programm tariffarju preċedenti | L-identifikazzjoni tal-programm tariffarju ta' qabel li l-programm tariffarju attwali qed jissostitwixxi. | Mandatorju<br>Applikabbli jekk il-programm tariffarju attwali jbiddel l-ambitu tal-applikazzjoni ta' programm tariffarju preċedenti. | Identifikatur tal-programm tariffarju fil-format "FP_[identifikatur tal-programm tariffarju intern]" |

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 15 | Skeda/skedi tariffarja/i | Numru uniku ta' identifikazzjoni ta' kull skeda tariffarja applikabbli jew marbut mal-programm tariffarju. Dan l-identifikatur tal-iskeda tariffarja għandu jikkorrispondi mal-identifikatur(i) stabbilit/i skont it-Tabella 2 tal-Anness I. | Mandatorju<br>jekk applikabbli | Identifikatur tal-iskeda tariffarja fil-format "FS_ [identifikatur tal-iskeda tariffarja intern]" |
| 16 | Isem il-fajl tal-programm tariffarju | Isem il-fajl tal-politika tal-programm tariffarju Għandu jiġi rrappurtat f'format ZIP | Mandatorju | |

*Tabella 4*

**Ir-rappurtar tal-proċeduri tal-ipprezzar fis-seħħ u aġġornamenti materjali sussegwenti**

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' rappurtar. Hija prevista mill-ESMA mar-reġistrazzjoni. | Mandatorju. | |
| 2 | L-ambitu tas-CRA | Identifikazzjoni tas-CRAs li japplikaw il-proċedura tal-ipprezzar. | Mandatorju. | ISO 17442 |
| 3 | Il-proċedura tal-identifikazzjoni | Identifikatur uniku tal-proċedura tal-ipprezzar li għandu jinżamm matul iż-żmien. | Mandatorju. | |
| 4 | Identifikatur tal-politika tal-ipprezzar | L-identifikazzjoni tal-politika jew tal-politiki tal-ipprezzar li l-proċedura tal-ipprezzar hija maħsuba biex timplimenta. Dan l-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar għandu jikkorrispondi mal-identifikatur(i) stabbilit(i) fit-Tabella 2 tal-Anness I. | Mandatorju. | L-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar fil-format "PP_ [identifikatur tal-politika tal-ipprezzar intern]" |
| 5 | Identifikatur tal-iskeda tariffarja | Identifikazzjoni tal-iskeda (i) li l-proċedura tal-ipprezzar hija maħsuba li timplementa. Dan l-identifikatur tal-iskeda tariffarja għandu jikkorrispondi mal-identifikatur(i) stabbilit/i fit-Tabella 2 tal-Anness I. | Mandatorju.<br>Jekk applikabbli. | Identifikatur tal-iskeda tariffarja fil-format "FS_ [identifikatur skeda ta' tariffi interni]" |

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 6 | Identifikatur tal-programm tarif-farju | Identifikazzjoni tal-programm tariffarju/tal-programmi tariffarji li l-proċedura tal-ipprezzar hija maħsuba li timplimenta. Dan l-identifikatur tal-programm tarif-farju għandu jikkorrispondi għall-identifikatur(i) stabbilit/i fit-Tabella 3 tal-Anness I. | Mandatorju.<br>Jekk applikabbli. | Identifikatur tal-programm tarif-farju fil-format "FP_[identifikatur tal-programm tariffarju intern]" |
| 7 | Data tal-validità tal-proċedura tal-ipprezzar | Id-data li minnha l-proċedura tal-ipprezzar hi valida. | Mandatorju. | Il-format tad-data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ). |
| 8 | Data tat-tmiem tal-proċedura tal-ipprezzar | Data tat-tmiem tal-validità tal-proċedura tal-ipprezzar | Mandatorju. | Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) jew 9999-01-01 |
| 9 | Isem il-fajl tal-proċedura tal-ipprezzar | Isem il-fajl tal-proċedura tal-ipprezzar Għandu jiġi rrappurtat f'format ZIP | Mandatorju. | |

*ANNESS II*

*Tabella 1*

**Dejta li għandha tiġi rapportata lill-ESMA għal kull klassifikazzjoni tal-kreditu individwali assenjata taħt il-mudell fejn l-emittent iħallas**

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' rappurtar. Hija prevista mill-ESMA mar-reġistrazzjoni. | Mandatorju. | |
| 2 | Sena ta' rappurtar | Is-sena kalendarja li għaliha jirreferi l-perjodu ta' rappurtar. | Mandatorju. | Format: SSSS |
| 3 | Identifikatur tal-klassifikazzjoni | Identifikatur uniku tal-klassifikazzjoni. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien u jkun jikkorrispondi mal-identifikatur irrappurtat skont ir-Regolament ta' Delega (UE) 2015/2 | Mandatorju. | — |
| 4 | Data tal-bidu tal-klassifikazzjoni tal-kuntratt | Data tal-kuntratt inizjali għas-servizz ta' klassifikazzjoni. Tipikament ikun jikkorrispondi għad-data li fiha t-tariffi għas-servizzi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu huma stabbiliti. | Mandatorju. | Il-Format tad-Data u l-Ħin Estiżi skont l-ISO 8601: SSSS-XX-JJ |
| 5 | Skeda tariffarja użata | Identifikatur uniku tal-iskeda tariffarja li taħtha ġew stabbiliti t-tariffi. Dan l-identifikatur tal-iskeda tariffarja għandu jikkorrispondi għall-identifikatur (i) stabbilit/i fit-Tabella 2 tal-Anness I. Fejn l-ebda skeda tariffarja ma ntużat biex jiġi ffissat il-prezz, irid jintuża l-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar. Dan l-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar għandu jikkorrispondi mal-identifikatur(i) stabbilit(i) fit-Tabella 1 tal-Anness I.<br><br>Jekk ma ġew applikati la politika tal-ipprezzar u lanqas skeda tariffarja, għandha tintuża "N". | Mandatorju. | Skeda tariffarja f'format "FS [identifikatur ta' skeda tariffarja intern]" jew identifikatur ta' politika tal-ipprezzar fil-format "PP_ [identifikatur tal-politika tal-ipprezzar intern]"<br><br>"N" Mhux applikat |
| 6 | Persuna(i) responsabbli għall-ipprezzar | Identifikatur intern assenjat mis-CRA lill-persuna (i) responsabbli għall-iffissar tat-tariffi li jirrigwardaw il-klassifikazzjoni, jew billi tiġi applikata l-iskeda tariffarja applikabbli u/jew il-programm tariffarju jew il-persuna li tapprova l-eċċezzjonijiet jew l-iskontijiet fl-iskeda tariffarja u/jew fil-programm tariffarju. | Mandatorju. | L-identifikatur intern tal-persuna responsabbli |
| 7 | Identifikatur tal-Klijenti | Kodiċi uniku assenjat mis-CRA biex jidentifika l-Klijent. Tipikament dan għandu jikkorrispondi mal-emittent tal-istrument jew l-entità, iżda fl-ebda każ m'għandu jtkun SPV. Għal strumenti Finanzjarji Strutturati l-kodiċi uniku għandu jidentifika l-oriġinatur jew l-entità oħra li mil-lat ekonomiku (eż. | Mandatorju. | |

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| | | l-arranġatur), direttament jew indirettament permezz ta' SPV jew SIV, effettivament jinnegozja t-tariffi mal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Dan għandu jikkorrispondi għal Klijent Identifikatur wieħed identifikat fit-Tabella 2 tal-Anness II. | | |
| 8 | Indikazzjoni dwar jekk il-klassifikazzjoni individwali bbenefikatx minn eżenzjoni tariffarja jew minn tnaqqis tariffarju | Ċerti klassifikazzjonijiet tal-kreditu jistgħu ma jħallsux tariffa diretta individwali/jew jistgħu jibbenefikaw minn tnaqqis billi l-klijent seta' ħallas għal sett ta' klassifikazzjonijiet, ammont nominali ta' ħruġ annwali (jew perjodu stabbilit ieħor), tariffa fissa, jew ikun parti minn "pakkett" ta' klassifikazzjonijiet ("Tariffa ta' Grupp"). Din il-kaxxa tidentifika jekk il-klassifikazzjoni individwali hijiex koperta minn tali arranġament mal-Klijent. | Mandatorju. | — "C" — kopert minn ftehim ta' Tariffa ta' Grupp<br>— "N" mhux kopert minn ftehim ta' Tariffa ta' Grupp |
| 9 | L-ammont totali ta' tariffi ċċarġjati | Jidentifika l-ammont totali ta' tariffi ċċarġjati għall-klassifikazzjoni matul is-sena kalendarja preċedenti ta' rappurtar. Fejn ma tħallset l-ebda tariffa għall-klassifikazzjoni tal-kreditu individwali l-ammont għandu jkun ta' 0 għal kulħadd minbarra għal wieħed mill-klassifikazzjonijiet li jibbenefika mit-Tariffa ta' Grupp. | Mandatorju. | Ammont f'EUR |
| 10 | Ammont ta' tariffi inizjali mħallsa | Jidentifika l-ammont ta' tariffi inizjali/bil-quddiem debitati matul is-sena kalendarja preċedenti ta' rappurtar. | Mandatorju. | Ammont f'EUR |
| 11 | Tariffi ta' sorveljanza mħallsa | Jidentifika t-tariffi ta' sorveljanza/monitoraġġ annwali fatturati għas-sena kalendarja ta' qabel. | Mandatorju. | Ammont f'EUR |
| 12 | Tariffi oħra ċċarġjati għas-servizz ta' klassifikazzjoni | Jidentifika t-total ta' tariffi oħra jew ta' kumpens iffatturat fis-sena kalendarja ta' qabel. | Jekk applikabbli. | Ammont f'EUR |
| 13 | Deskrizzjoni ta' tariffi oħra | Indikazzjoni dwar jekk it-tariffi fatturati kinux jinkludu kwalunkwe korrispettiv jew tariffa għal talba globali rapida mill-Klijent għas-servizz ta' klassifikazzjoni. | Mandatorju.<br>Applikabbli jekk "Imposti oħra ċċarġjati" imtliet b'reazzjoni għall-kaxxa "Tariffi oħra ċċarġjati għal servizzi ta' klassifikazzjoni" (il-kaxxa 12). | — "Y" — fejn kienet tapplika tariffa ta' rapidità<br>— "N" — fejn ma kienet tapplika l-ebda tariffa ta' rapidità |

| Nru | Isem il-kaxxa | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 14 | Rabtiet ta' negozjati ma' klassifikazzjonijiet oħra | Tidentifika jekk in-negozjati tariffarji ta' klassifikazzjoni kinux marbuta ma' klassifikazzjonijiet oħra eżistenti tal-Klijent u jekk wasslux għal varjazzjonijiet fit-tariffi finali applikati u mħallsa mill-Klijent. Dan ikun jinkludi servizzi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu pprovduti fir-rigward ta' veikoli stabbiliti biex jiffaċilitaw il-ħruġ, bħal programm tal-MTN. | Mandatorju. | — "Y" għal Iva<br>— "N" għal Le |
| 15 | Identifikazzjoni tal-klassifikazzjoni(jiet) konnessa/i | Identifikatur uniku tal-klassifikazzjoni(jiet) marbuta mal-klassifikazzjoni li qed tiġi rapportata (pereżempju, fil-każ ta' finanzjament strutturat, mudell ta' struttura ta' fiduċjarju u s-serje tiegħu) | Mandatorju.<br>Applikabbli jekk "Y" ġiet mimlija b'reazzjoni għal każella 14. | — Lista ta' identifikaturi |
| 16 | Programm tariffarju | Indikazzjoni dwar jekk il-Klijent jibbenifikax minn tariffi individwali aktar baxxi minn programm imsejjes fuq frekwenza tal-użu jew minn programm tariffarju ieħor. | Mandatorju. | — "Y" għal Iva<br>— "N" għal Le |
| 17 | Identifikazzjoni tal-programm tariffarju | Identifikazzjoni tal-programm tariffarju li taħtu hija pprezzata l-klassifikazzjoni. Għandha tidentifika l-programm tariffarju li jrid jaqbel mal-identifikatur stabbilit fil-programm tariffarju applikabbli stabbilit fit-Tabella 3 tal-Anness I. | Mandatorju jekk tniżżlet "Y" fil-każella 16. | — Identifikatur tal-programm tariffarju fil-format "FP_[identifikatur tal-programm tariffarju intern]" |

*Tabella 2*

**Id-dejta li trid tiġi pprovduta lill-ESMA għal tariffi rċevuti fuq bażi għal kull klijent għas-servizzi ta' klassifikazzjoni u s-servizzi anċillari**

| Nru | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' rappurtar. Hija prevista mill-ESMA mar-reġistrazzjoni. | Mandatorju. | |
| 2 | Identifikatur tal-klijenti | Kodiċi unika assenjata mis-CRA biex tidentifika l-Klijent. Il-klijenti jistgħu jkunu emittenti, entitajiet klassifikati u/jew oriġinaturi, u/jew jinkludu entitajiet li mil-lat ekonomiku, direttament jew indirettament permezz ta' SPV jew SIV, jinnegozjaw it-tariffi mal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fil-kuntest ta' arranġamenti ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. Għal raġunijiet ta' kjarifika | Mandatorju. | |

| Nru | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| | | għandu jiġi nnutat li fl-ebda każ Klijent ma jista' jkun SPV jew SIV. Il-Klijent għandu jżomm l-istess identifikatur uniku f'dawn il-każijiet kollha. | | |
| 3 | Entitajiet ġuridiċi: | Lista ta' entitajiet ġuridiċi li huma inklużi fil-każella tal-Identifikatur tal-Klijenti. | Mandatorju. | Lista ta' ismijiet ta' entitajiet ġuridiċi |
| 4 | It-total tat-tariffi ġenerali fatturati | It-total tat-tariffi fatturati mill-Klijent fis-sena kalendarja preċedenti għal servizzi ta' klassifikazzjoni fejn l-emittent iħallas. | Mandatorju. | Ammont f'EUR |
| 5 | Klassifikazzjonijiet tal-Klijenti | Jidentifikaw kemm għandu klassifikazzjonijiet tal-kreditu l-Klijent mal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu fil-31 ta' Diċembru tas-sena kalendarja preċedenti. | Mandatorju. | Numru ta' klassifikazzjonijiet |
| 6 | It-total tat-tariffi għal programmi | It-total tat-tariffi fatturati mill-klijent fis-sena kalendarja preċedenti għas-servizzi ta' klassifikazzjoni mhux derivati minn klassifikazzjoni individwali iżda minn ħruġ ta' frekwenza, relazzjoni jew tip ieħor ta' programm b'tariffa fissa u tariffi ta' ħruġ żejjed, li jistgħu jkopru klassifikazzjoni waħda jew aktar. | Mandatorju. | Ammont f'EUR |
| 7 | Identifikazzjoni tal-klassifikazzjonijiet | Identifikazzjoni ta' klassifikazzjonijiet maħruġa jew koperti minn programmi tariffarji fis-sena kalendarja preċedenti. | Mandatorju. | Lista ta' identifikaturi ta' klassifikazzjonijiet |
| 8 | It-tariffi riċevuti għas-servizzi anċillari | It-total tat-tariffi fatturati mill-grupp ta' kumpaniji tas-CRA mill-Klijent għal servizzi anċillari fis-sena kalendarja preċedenti. | Mandatorju. | Ammont f'EUR |
| 9 | Servizzi anċillari prinċipali | Identifikazzjoni tat-tliet servizzi ewlenin ipprovduti mill-grupp tas-CRA lill-Klijent fis-sena kalendarja preċedenti, f'termini ta' dħul. | Mandatorju.<br>Jekk tniżżlet ċifra ta' aktar minn 0 fil-każella 8 "tariffi riċevuti għal servizzi anċillari". | Lista ta' servizzi anċillari |
| 10 | Klassifikazzjoni ta' servizzi anċillari | Il-klassifikazzjoni tas-servizzi anċillari għall-ogħla tliet servizzi ewlenin identifikati fil-każella 9 "servizzi anċillari" prinċipali, f'termini ta' dħul. | Mandatorju.<br>Jekk tniżżlet ċifra ta' aktar minn 0 fil-każella 8 "tariffi riċevuti għal servizzi anċillari". | Klassifikazzjoni ta' servizzi anċillari |

| Nru | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 11 | Servizzi oħra | Indikazzjoni dwar jekk ġiex ikkunsidrat l-iffissar ta' tariffi għal servizzi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu mogħtija lill-Klijent ta' kull servizz provdut minn xi entitajiet li jappartjenu għal grupp tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu skont it-tifsira tal-Artikoli 1 u 2 tad-Direttiva 83/349/KEE kif ukoll kull entità marbuta mal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jew ma' kumpanija oħra tal-grupp tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu permezz ta' relazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 12(1) tad-Direttiva 83/349/KEE. | Mandatorju. | — "Y" għal Iva<br>— "N" għal Le |

*ANNESS III*

*Tabella 1*

**Id-dejta li trid tiġi pprovduta lill-ESMA għal tariffi riċevuti għall-abbonament jew għas-servizzi ta' klassifikazzjoni bbażati fuq il-mudell fejn l-investitur iħallas**

Din l-għajnuna għandha tiġi provduta fuq bażi għal kull klijent għal:

(i) l-ewwel 100 Klijent f'termini ta' dħul għal dan it-tip ta' servizz ta' klassifikazzjoni tal-kreditu,

(ii) kif ukoll il-klijenti l-oħra kollha li huma abbonati jew li jħallsu għall-klassifikazzjonijiet bħala investituri u huma wkoll klassifikati mill-grupp ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

| Nru | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ta' rappurtar. Hija prevista mill-ESMA mar-reġistrazzjoni. | Mandatorju | |
| 2 | Identifikatur tal-Klijenti | Kodiċi użata internament mis-sistema biex tidentifika lill-klijent li qed iħallas, qed jiġi fatturat jew li b' xi mod ieħor qed jinnegozja r-rati mal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu biex jirċievi s-servizz ta' klassifikazzjoni tal-kreditu. | Mandatorju | |
| 3 | Tariffi għal kull klijent | It-total ta' tariffi fatturat mill-Klijent għal servizzi ta' klassifikazzjoni msejsa fuq l-abbonamenti provduti fis-sena kalendarja ta' qabel. | Mandatorju | Ammont f'EUR |
| 4 | Identifikazzjoni ta' politika tal-ipprezzar | Identifikazzjoni tal-politika tal-ipprezzar li taħtha s-CRA ċċarġjat lill-Klijent tagħha. L-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar irid jaqbel mal-identifikatur stabbilit fil-politika tal-ipprezzar applikabbli stabbilit fit-Tabella 1 tal-Anness I għal dan l-RTS. | Mandatorju.<br>Jekk applikabbli | L-identifikatur tal-politika tal-ipprezzar fil-format "PP_[identifikatur tal-politika tal-ipprezzar intern]" |
| 5 | Identifikazzjoni ta' skeda tariffarja | Identifikazzjoni tat-tliet skedi tariffarji ewlenin li taħthom is-CRA iċċarġjat lill-Klijent tagħha. L-identifikatur tal-iskeda tariffarja jrid jaqbel mal-identifikatur stabbilit fil-parti tal-iskeda tariffarja applikabbli tal-politika tal-ipprezzar stabbilita fit-Tabella 3 tal-Anness I għal dan l-RTS. | Mandatorju.<br>Jekk applikabbli | Identifikatur tal-iskeda tariffarja fil-format "FS_[identifikatur tal-iskeda tariffarja intern]" |
| 6 | Identifikazzjoni tal-programm tariffarju | Identifikazzjoni tat-tliet programmi tariffarji prinċipali li taħthom is-CRA iċċarġjat lill-Klijent tagħha. L-identifikatur tal-programm tariffarju jrid jaqbel mal-identifikatur stabbilit fil-parti tal-programm tariffarju applikabbli tal-politika tal-ipprezzar stabbilita fit-Tabella 4 tal-Anness I għal dan l-RTS. | Mandatorju.<br>Jekk applikabbli | Identifikatur tal-programm tariffarju fil-format "FP_[identifikatur tal-programm tariffarju intern]" |

| Nru | Isem il-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard |
|---|---|---|---|---|
| 7 | Tal-emittent jew tal-entità kklassifikata | Indikazzjoni dwar jekk il-Klijent huwiex ukoll emittent, entità kklassifikata, jew inkella Klijent skont it-Tabella 2 tal-Anness II. | Mandatorju. | — "Y" għal Iva<br>— "N" għal Le |
| 8 | Indikazzjoni tal-klijenti ewlenin | Indikazzjoni dwar jekk il-Klijent kienx wieħed mill-100 klijenti ta' abbonamenti ewlenin f'termini ta' dħul fis-sena kalendarja preċedenti. | Mandatorju. | — "Y" għal Iva<br>— "N" għal Le |
| 9 | It-tariffi riċevuti għas-servizzi anċillari | It-total tat-tariffi fatturati mill-grupp ta' kumpaniji tas-CRA mill-klijent għal servizzi anċillari fis-sena kalendarja ta' qabel. | Mandatorju | Ammont f'EUR |

**REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/2**

**tat-30 ta' Settembru 2014**

**li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(4) u t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 21(4a) tiegħu,

Billi:

(1) L-Artikolu 11a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jobbliga lill–aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati u ċċertifikati, meta joħorġu klassifikazzjoni tal-kreditu jew prospett ta' klassifikazzjoni, li jippreżentaw informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA). L-obbligu ma japplikax għal klassifikazzjonijiet prodotti esklussivament għall-investituri u żvelati lilhom, bi ħlas. L-ESMA hija obbligata tippubblika informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni sottomessa mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq websajt pubblika msejħa l-Pjattaforma Ewropea tal-Klassifikazzjoni (European rating platform, ERP). Għalhekk, għandhom jiġu stabbiliti regoli dwar il-kontenut u l-preżentazzjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli lill-ESMA għall-ERP.

(2) Barra minn hekk, l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 21(4)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jitolbu li l-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu jissottomettu l-informazzjoni lill-ESMA dwar id-dejta tal-prestazzjoni storika tagħhom u għall-finijiet ta' superviżjoni kontinwa. Il-kontenut u l-preżentazzjoni ta' din l-informazzjoni huma stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012 ([2]) u r-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012 ([3]), rispettivament. Sabiex l-ipproċessar tad-dejta mill-ESMA jkun aktar effiċjenti u r-rapportar tad-dejta jiġi ssimplifikat għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati u ċċertifikati, ir-rekwiżiti ta' rapportar integrati għandhom jiġu stabbiliti għad-dejta kollha li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati u ċċertifikati għandhom jirrapportaw lill-ESMA. Għalhekk, dan ir-Regolament jistabbilixxi r-regoli rigward id-dejta li għandha tiġi rapportata għall-iskop tal-ERP, l-informazzjoni li għandha ssir disponibbli dwar il-prestazzjoni storika fir-repożitorju ċentrali stabbilit mill-ESMA, u l-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jirrapportaw lill-ESMA perjodikament għall-finijiet ta' superviżjoni kontinwa tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Għalhekk dan ir-Regolament jirrevoka r-Regolament Delegat (UE) Nru 448/2012 u r-Regolament Delegat (UE) Nru 446/2012. L-ESMA għandha tintegra d-dejta kollha rrapportata minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fir-repożitorju ċentrali tal-ERP, u s-superviżjoni kontinwa tal-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu f'bażi tad-dejta waħda tal-ESMA.

(3) Sabiex jiġi żgurat li l-ERP tipprovdi informazzjoni aġġornata dwar l-azzjonijiet ta' klassifikazzjoni li mhumiex esklussivament żvelati bi ħlas lill-investituri, huwa meħtieġ li tingħata deskrizzjoni tad-dejta li għandha tiġi rrapportata, inkluż il-klassifikazzjoni u l-prospetti tal-istrument jew entità kklassifikati, l-istqarrijiet għall-istampa li jakkumpanjaw l-azzjonijiet ta' klassifikazzjoni, ir-rapporti li jakkumpanjaw l-azzjonijiet ta' klassifikazzjoni sovrani, it-tip ta' azzjoni ta' klassifikazzjoni, id-data u l-ħin tal-pubblikazzjoni. L-istqarrijiet għall-istampa, b'mod partikolari, jipprovdu informazzjoni dwar l-elementi ewlenin li jsostnu d-deċiżjoni tal-klassifikazzjoni. L-ERP tipprovdi lill-utenti tal-klassifikazzjoni b'punt ċentrali ta' aċċess għal informazzjoni aġġornata dwar il-klassifikazzjoni u tnaqqas l-ispejjeż tal-informazzjoni billi tippermetti ħarsa globali tal-klassifikazzjonijiet differenti maħruġa fuq kull entità jew strument kklassifikati.

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji għas-sottomissjoni tal-informazzjoni li l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jagħmlu disponibbli f'repożitorju ċentrali stabbilit mill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 17).

([3]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012 tal-21 ta' Marzu 2012 li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar il-kontenut u l-format tar-rapportar perjodiku tad-dejta dwar il-klassifikazzjonijiet li għandu jiġi sottomess lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu (ĠU L 140, 30.5.2012, p. 2).

(4) Sabiex tiġi żgurata ħarsa globali tal-klassifikazzjonijiet kollha assenjati minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu differenti fuq l-istess entità jew strument ikklassifikati, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jużaw identifikaturi komuni għall-entità klassifikata u l-istrument ikklassifikat meta jirrapportaw id-dejta dwar il-klassifikazzjoni lill-ESMA. Għalhekk, għall-identifikazzjoni tal-entitajiet, l-emittenti, l-oriġinaturi u l-aġenziji ta' klassifikazzjoni ta' kreditu kklassifikati, l-uniku metodu ta' identifikazzjoni unika globali għandu jkun l-Identifikatur tal-Entità Ġuridika Globali (LEI).

(5) Sabiex ikun żgurat li l-informazzjoni dwar l-ERP tkun aġġornata, l-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni għandha tinġabar u tiġi ppubblikata kuljum sabiex ikun possibbli aġġornament wieħed kuljum tal-ERP barra s-sigħat tax-xogħol tal-Unjoni.

(6) Sabiex l-ESMA tkun tista' tirreaġixxi minnufih fil-każ attwali jew potenzali ta' nuqqas ta' konformità mar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-informazzjoni dwar il-klassifikazzjoni rrapportata minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati u ċċertifikati għandha tippermetti lill-ESMA twettaq superviżjoni mill-qrib tal-kondotta u l-attivitajiet tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Għalhekk, id-dejta dwar il-klassifikazzjoni għandha tiġi rrapportata lill-ESMA kull xahar. Madankollu, sabiex tiġi żgurata l-proporzjonalità, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li għandhom inqas minn 50 impjegat u li mhumiex parti minn grupp għandhom ikunu jistgħu jissottomettu d-dejta dwar il-klassifikazzjoni kull xahrejn. L-ESMA xorta waħda għandha tkun tista' titlob lil dawk l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jwettqu rapportar kull xahar, fid-dawl tal-għadd u t-tip tal-klassifikazzjonijiet tagħhom, inkluż il-kumplessità tal-analiżi tal-kreditu, ir-rilevanza tal-istrumenti jew l-emittenti klassifikati u l-eliġibbiltà tal-klassifikazzjonijiet biex jintużaw għal finijiet regolatorji.

(7) Sabiex tiġi evitata d-duplikazzjoni tar-rapportar tad-dejta, l-ESMA għandha tuża, għas-superviżjoni kontinwa tagħha, id-dejta diġà rrapportati għall-finijiet tal-ERP. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom ikunu meħtieġa wkoll, għall-finijiet ta' superviżjoni kontinwa, jirrapportaw informazzjoni fir-rigward ta' dawk il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjonijiet li mhumiex irrapportati għall-finijiet tal-ERP.

(8) L-ESMA għandha tuża d-dejta pprovduta għall-finijiet tal-ERP u, għall-finijiet tas-superviżjoni kontinwa tagħha, tiġbor l-informazzjoni dwar il-prestazzjoni tad-dejta storika li għandha tagħmel disponibbli fir-repożitorju ċentrali skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009. Sabiex jiffaċilitaw aktar il-komparabbiltà u biex jiżguraw konsistenza mad-dejta li tkun ġiet irrapportata skont ir-Regolament Delegat (UE) Nru 448/2012, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikati riċentement għandhom ikunu meħtieġa jissottomettu dejta rigward mill-inqas għaxar snin qabel iċ-ċertifikazzjoni tagħhom, jew il-perijodu mill-bidu tal-attività tagħhom. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikati ma għandhomx ikunu meħtieġa jirrapportaw din id-dejta, b'mod parzjali jew sħiħ, jekk jistgħu juru li din ma tkunx proporzjonata fid-dawl tal-iskala u l-kumplessità tagħhom.

(9) L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li huma parti minn grupp, għandhom ikunu jistgħu jirraportaw jew id-dejta dwar il-klassifikazzjonijiet tagħhom separatament lill-ESMA, jew jagħtu mandat lil waħda mill-aġenziji l-oħra fi ħdan il-grupp biex tissottometti d-dejta f'isimhom Madankollu, minħabba l-organizzazzjoni integrata ħafna tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fil-livell tal-Unjoni u sabiex ikun iffaċilitat il-fehim tal-istatistika, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu huma mħeġġa jirrapportaw fuq bażi globali għall-grupp kollu.

(10) Għall-iskopijiet ta' superviżjoni kontinwa mill-ESMA u għall-pubblikazzjoni tar-rapporti ta' prestazzjoni storika tal-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jistgħu wkoll, fuq bażi volontarja, jirrapportaw lill-ESMA l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz li jappartjenu għall-istess grupp ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu iżda mhux approvati skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(11) Meta jissottomettu d-dejta, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jikklassifikaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjonijiet maħruġa f'kategoriji differenti: skont it-tip tal-klassifikazzjoni u s-sotto-klassifikazzjonijiet, bħas-settur, l-industrija jew il-klassi tal-assi, jew skont it-tip ta' emittent u ħruġ. Dawn il-kategoriji huma bbażati fuq l-esperjenza preċedenti tal-ESMA ta' ġbir tad-dejta dwar il-klassifikazzjoni u l-ħtieġa għas-superviżjoni tad-dejta tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

(12) Sabiex jiġi previst rapportar ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu fuq strumenti finanzjarji ġodda li jistgħu jinħolqu bħala riżultat ta' innovazzjoni finanzjarja, għandha tiġi inkluża kategorija għar-rapportar ta' "strumenti finanzjarji oħrajn". Barra minn hekk, il-kategoriji tal-klassifikazzjonijiet korporattivi u l-klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati għandu wkoll ikollhom kategorija "oħrajn" li tinkludi t-tipi ġodda kollha ta' ħruġ korporattiv jew strumenti ta' finanzjamenti strutturati li ma jistgħux jiġu kklassifikati f'kategoriji eżistenti.

(13) Sabiex l-ESMA tkun tista' tistabbilixxi l-ERP u biex l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jkollhom biżżejjed żmien biex jaġġustaw is-sistemi interni tagħhom għar-rekwiżiti ġodda ta' rapportar, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jissottomettu l-ewwel rapport sal-1 ta' Jannar 2016. Sabiex ikunu żgurati l-komparabilità u l-kontinwità tad-dejta rrapportata skont dan ir-Regolament, l-ewwel rapport għandu jkun fih id-dejta dwar il-klassifikazzjonijiet kollha maħruġa li ma ġewx irtirati sal-21 ta' Ġunju 2015. Barra minn hekk, l-ewwel rapport għandu jkun fih dejta dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjonijiet maħruġa mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mill-21 ta' Ġunju 2015 sal-1 ta' Jannar 2016. L-ewwel rapport għandu jkun fih l-istess tip ta' dejta bħad-dejta dwar il-klassifikazzjoni li għandha tiġi sottomessa kuljum minn hemm 'il quddiem.

(14) Sabiex l-ESMA tkun tista' tirċievi u tipproċessa d-dejta awtomatikament fis-sistemi interni tagħha, id-dejta li għanda tiġi rrapportata għandha tingħabar f'format standard. Minħabba l-progress tekniku, għadd ta' struzzjonijiet tekniċi tar-rapportar dwar it-trasmissjoni jew il-format tal-fajls li għandhom jiġu sottomessi mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jista' jkollhom jiġu aġġornati u kkomunikati mill-ESMA permezz ta' komunikazzjonijiet jew linji gwida speċifiċi.

(15) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess lill-Kummissjoni mill-ESMA, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(16) L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom dan ir-Regolament huwa bbażat, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(17) Għall-konformità mal-Artikolu 2(3) tar-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament u tal-Kunsill ([2]), dan ir-Regolament għandu japplika mill-21 ta' Ġunju 2015,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Dejta li għandha tiġi rrapportata**

1. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jirrapportaw dejta dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tagħhom maħruġa jew approvati jew il-prospetti ta' klassifikazzjoni tagħhom skont l-Artikoli 8, 9, u 11. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jirrapportaw il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti ta' klassifikazzjoni kollha maħruġa fuq il-livell ta' entità kklassifikata u fuq l-istrumenti ta' dejn maħruġa kollha tagħhom, fejn applikabbli.

2. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jiżguraw il-preċiżjoni, il-kompletezza u d-disponibbiltà tad-dejta rapportata lill-ESMA u jiżguraw li r-rapporti jiġu sottomessi skont l-Artikoli 8, 9 u 11 billi jintużaw sistemi xierqa żviluppati fuq il-bażi ta' struzzjonijiet tekniċi pprovduti mill-ESMA.

3. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jinnotifikaw lill-ESMA minnufih dwar kwalunkwe ċirkostanza eċċezzjonali li tista' tipprevjeni jew iddewwem temporanjament ir-rapportar tagħhom skont dan ir-Regolament.

4. Għall-gruppi ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, il-membri ta' kull grupp jistgħu jagħtu mandat lil membru wieħed biex jissottometti r-rapporti meħtieġa skont dan ir-Regolament f'isimhom. Kull aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li f'isimha jiġi sottomess tali rapport tiġi identifikata fid-dejta sottomessa lill-ESMA;

5. Għall-finijiet tal-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 21(4)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tirrapporta f'isem grupp tista' tinkludi dejta dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjonijiet maħruġa minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz li jagħmlu parti mill-istess grupp u mhumiex approvati. Meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ma tirrapportax tali dejta, din tagħti spjegazzjoni fir-rapport tad-dejta kwalitattiva tagħha, fil-Kaxex 9 u 10 tat-Tabella 1 tal-Parti 1 tal-Anness I ta' dan ir-Regolament.

6. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jiżvelaw l-istatus ta' sollecitazzjoni ta' kull klassifikazzjoni tal-kreditu jew prospett ta' klassifikazzjoni rraportati billi tispeċifika jekk ikunux mhux sollecitati bil-parteċipazzjoni jew mingħajrha skont l-Artikolu 10(5) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jew sollecitati.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 462/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Mejju 2013 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 dwar aġenziji li jiggradaw il-kreditu (ĠU L 146, 31.5.2013, p. 1).

*Artikolu 2*

**Rappurtar ta' status ta' inadempjenz u rtirar**

1. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tirrapporta inadempjenza fir-rigward ta' klassifikazzjoni fil-Kaxex 6 u 13 tat-Tabella 2 tal-Parti 2 tal-Anness I meta jseħħ wieħed mill-avvenimenti li ġejjin:

(a) il-klassifikazzjoni tindika li tkun seħħet inadempjenza skont id-definizzjoni ta' inadempjenza tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu;

(b) il-klassifikazzjoni ġiet irtirata minħabba l-insolvenza tal-entità kklassifikata jew minħabba ristrutturar tad-dejn;

(c) kull meta l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tikkunsidra entità kklassifikata jew strument ikklassifikat bħala inadempjenti, materjalment indebolit jew ekwivalenti.

2. Fejn klassifikazzjoni rrapportata tiġi rtirata, tiġi rrapportata r-raġuni fil-Kaxxa 11 tat-Tabella 2 tal-Parti 2 tal-Anness I.

*Artikolu 3*

**Tipi ta' klassifikazzjoni**

L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, meta jirrapportaw klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew prospetti ta' klassifikazzjoni, jikklassifikawhom bħala wieħed minn dawn it-tipi ta' klassifikazzjonijiet:

(a) klassifikazzjonijiet korporattivi;

(b) klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati;

(c) klassifikazzjonijiet sovrani u tal-finanzi pubbliċi;

(d) strumenti finanzjarji oħra.

*Artikolu 4*

**Klassifikazzjonijiet korporattivi**

1. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, meta jirrapportaw klassifikazzjonijiet korporattivi, jikklassifikawhom f'waħda minn dawn is-segment tal-industrija:

(a) istituzzjonijiet finanzjarji, inklużi banek, sensara u negozjanti;

(b) assigurazzjoni;

(c) kull entità korporattiva oħra jew emittent li mhumiex inklużi fil-punti (a) u (b).

2. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jikklassifikaw ħruġ korporattiv bħala wieħed minn dawn it-tipi ta' ħruġ:

(a) bonds;

(b) bonds koperti kif imsemmi fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1] li jissodisfaw ir-rekwiżiti ta' eliġibbiltà stabbiliti fil-paragrafi 1 sa 3, 6 u 7 tal-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [2];

(c) tipi oħra ta' bonds koperti, li għalihom l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun użat metodoloġiji speċifiċi għall-bonds koperti, mudelli jew suppożizzjonijiet prinċipali ta' klassifikazzjoni għall-ħruġ tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u li mhumiex inklużi fil-punt (b);

(d) tipi oħra ta' ħruġ korporattiv li mhux inkluż fil-punti (a), (b) u (c).

3. Il-kodiċi tal-pajjiż tal-entità kklassifikata jew il-ħruġ tagħha fil-Kaxxa 10 tat-Tabella 1 ta' Parti 2 ta' Anness I għandu jkun dak tal-pajjiż tad-domiċilju tal-entità.

*Artikolu 5*

**Klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati**

1. "Klassifikazzjoniijiet ta' finanzjamenti strutturati" tikkonċerna strument finanzjarju jew assi oħra li jirriżultaw minn transazzjoni jew skema ta' titolizzazzjoni kif hemm imsemmi fl-Artikolu 4(1)(61) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013;

---

(1) Id-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 dwar il-koordinazzjoni ta' liġijiet, regolamenti u dispożizzjonijiet amministrattivi fir-rigward tal-impriżi ta' investiment kollettiv f'titoli trasferibbli (UCITS) (ĠU L 302, 17.11.2009, p. 32).

(2) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

2. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, meta jirrapportaw klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati, jikklassifikawhom f'waħda minn dawn il-klassijiet ta' assi li ġejjin:

(a) titoli garantiti b'assi, inkluż self għal karozzi, self għal dgħajjes, self għal ajruplani, self għall-istudenti, self għall-konsumaturi, self għall-intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, self għall-kura tas-saħħa, self għad-djar manifatturati, self għall-films, self għal servizzi ta' utilità, self għall-kiri tat-tagħmir, riċevibbli tal-karti tal-kreditu, rahan ta' taxxa, self li mhux produttiv, self għal vetturi ta' rikreazzjoni, kirjiet lill-individwi, kirjiet lin-negozji, u riċevibbli tan-negozju;

(b) titolu residenzjali kopert b'ipoteka, inkluż titoli garantiti b'ipotekarja residenzjali prima u mhux prima u self fuq l-ekwità tad-dar;

(c) titoli abbażi ta' ipoteka kummerċjali, inkluż self għal proprjetà kummerċjali jew uffiċċji, self għal kura fi sptar, self għal residenzi tal-kura, self għal faċilitajiet tal-ħżin, self għal lukanda, self għal faċilitajiet ta' infermerija, self industrijali, u self għal proprjetajiet multifamiljari.

(d) obbligi ta' dejn kollateralizzat, inkluż obbligi fuq self kollateralizzat, obbligi ta' bonds garantiti bil-kreditu, obbligi sintetiċi kollateralizzati, obbligi kollateralizzati ta' dejn ta' segment wieħed, obbligi ta' fond ta' kreditu, obbligi kollateralizzati ta' dejn ta' titoli garantiti b'assi, u obbligi kollateralizzat ta' dejn ta' obbligi kollateralizzati ta' dejn.

(e) karti kummerċjali garantiti b'assi;

(f) strumenti finanzjarji strutturati oħra li mhumiex inklużi fil-punti (a) sa (e), inklużi bonds strutturati koperti, vetturi ta' investiment strutturat, titoli marbuta ma' assigurazzjoni u kumpaniji ta' prodotti derivattivi.

3. Fejn applikabbli, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tindika wkoll għal liema klassi ta' subassi jappartjeni kull strument klassifikat fil-Kaxxa 34 tat-Tabella 1 ta' Parti 2 tal-Anness I.

4. Il-kodiċi tal-pajjiż tal-istrumenti ta' finanzjament strutturat jiġi rrapportat fil-Kaxxa 10 tat-Tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness I u jkun dak tal-pajjiż tad-domiċilju tal-maġġoranza tal-assi sottosanti. Fejn mhuwiex possibbli li jiġi identifikat il-pajjiż tad-domiċilju tal-maġġoranza tal-assi sottostanti, l-istrument klassifikat jaqa' taħt il-klassi "internazzjonali".

*Artikolu 6*

**Klassifikazzjonijiet sovrani u tal-finanzi pubbliċi**

1. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, meta jirrapportaw id-dejta dwar il-klassifikazzjonijiet ta' entitajiet sovrani u pubbliċi u ta' organizzazzjonijiet sovranazzjonali u d-dejn maħruġ tagħhom, jikklassifikawhom f'wieħed mis-setturi li ġejjin:

(a) tal-Istat, fejn l-entità kklassifikata tkun Stat jew l-emittent tad-dejn jew tal-obbligu finanzjarju kklassifikati, titolu ta' dejn jew strument finanzjarju ieħor kklassifikat huwa Stat jew vettura bi skop speċjali tal-Istat, kif imsemmi fil-punt (v)(i) u (ii) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u fejn il-klassifikazzjoni tirreferi għal Stat;

(b) awtorità reġjonali jew lokali, fejn l-entità klassifikata tkun awtorità reġjonali jew lokali jew l-emittent tad-dejn jew obbligu finanzjarju, titolu ta' dejn jew strument finanzjarju ieħor ikklassifikat huwa awtorità reġjonali jew lokali, jew vettura b'għan speċjali ta' awtorità reġjonali jew lokali, kif imsemmi fil-punt (v)(i) u (ii) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u fejn il-klassifikazzjoni tirreferi għal awtorità reġjonali jew lokali;

(c) istituzzjoni finanzjarja internazzjonali, kif imsemmi fil-punt (v)(iii) tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009;

(d) organizzazzjoni supranazzjonali, bħal dawk l-istituzzjonijiet li mhumiex inklużi fil-punt (c) u li huma stabbiliti, posseduti u kontrollati minn aktar minn parti interessata waħda ta' gvern sovran, inklużi organizzazzjonijiet imsemmija fit-Taqsima U tal-Anness I għar-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]);

(e) entitajiet pubbliċi, inklużi dawk imsemmija fit-Taqsimiet O, P u Q tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1893/2006.

2. Fejn l-ebda pajjiż speċifiku ma jista' jiġi identifikati bħala l-pajjiż tal-ħruġ fil-każ ta' istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali jew organizzazzjonijiet supranazzjonali kif speċifikat fil-paragrafu (1)(c) u (d), l-emittent ikklassifikat jiġi kklassifikat bħala "internazzjonali" fil-Kaxxa 10 tat-Tabella 1 tal-Parti 2 tal-Anness I.

([1]) Ir-Regolament (KE) Nru 1893/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-klassifikazzjoni tal-istatistika ta' attivitajiet ekonomiċi tal-NACE Reviżjoni 2 u li jemenda r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3037/90 kif ukoll ċerti Regolamenti tal-KE dwar setturi speċifiċi tal-istatistika (ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1).

*Artikolu 7*

**Strumenti finanzjarji oħra**

Klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew prospetti ta' klassifikazzjoni maħruġa fuq strument finanzjarju kif definit fl-Artikolu 3(1)(k) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 li ma jistgħux jiġu kklassifikati bħala ħruġ korporattiv skont l-Artikolu 4(2) ta' dan ir-Regolament, bħala strumenti ta' finanzjament strutturat skont l-Artikolu 5 ta' dan ir-Regolament jew bħala ħruġ ta' entità sovrana u pubblika skont l-Artikolu 6 ta' dan ir-Regolament, ikunu rrapportati taħt il-kategorija ta' strumenti finanzjarji oħra.

*Artikolu 8*

**Rapportar għall-iskop tal-pubblikazzjoni fuq l-ERP**

1. Aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jirrapportaw dejta dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew il-prospetti tal-klassifikazzjoni kollha skont l-Artikolu 11a(1) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 kull darba li joħorġu jew japprovaw klassifikazzjoni tal-kreditu jew prospett ta' klassifikazzjoni li mhuwiex esklussivament żvelat għall-investituri bi ħlas.

2. Il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1, maħruġa bejn 20:00:00 Ħin Ċentrali Ewropew (Central European Time, CET) ([1]) f'jum wieħed u 19:59:59 CET il-jum ta' wara jiġu rrapportati sa 21:59:59 CET fil-jum ta' wara.

3. Għal kull klassifikazzjoni tal-kreditu jew prospett ta' klassifikazzjoni rrapportat skont il-paragrafu 1, l-istqarrija għall-istampa mehmuża msemmija fil-punt 5 tal-Parti I tat-Taqsima D tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tiġi rrapportata fl-istess ħin. Fejn dik l-istqarrija għall-istampa tinħareġ u tiġi sottomessa għall-ewwel darba f'lingwa oħra għajr l-Ingliż, verżjoni bl-Ingliż tista' wkoll tiġi sottomessa fejn u fil-ħin li ssir disponibbli.

4. Għall-klassifikazzjonijiet imsemmija fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 6(1), ir-rapport ta' riċerka mehmuż imsemmi fil-punt 1 tal-Parti III tat-Taqsima D tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 jiġi rrapportat. Fejn dak ir-rapport ta' riċerka jinħareġ u jiġi sottomess għall-ewwel darba f'lingwa oħra għajr l-Ingliż, verżjoni bl-Ingliż tista' wkoll tiġi sottomessa fejn u fil-ħin li ssir disponibbli.

*Artikolu 9*

**Rapportar għall-iskop tas-superviżjoni tal-ESMA**

1. **Kif imsemmi fl-Artikolu 21(4)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-aġenziji** tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jirrapportaw dejta dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjonijiet kollha maħruġa jew approvati, jew maħruġa f'pajjiż terz u mhux approvati kif imsemmi fl-Artikolu 1(5), inkluż l-informazzjoni dwar l-entitajiet jew strumenti tad-dejn kollha mressqa għal rieżami inizjali jew klassifikazzjoni preliminari, kif imsemmi fil-punt 6 tal-Parti I tat-Taqsima D tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

2. Għal dawk il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjoni li għalihom ma japplikax l-Artikolu 8, l-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jirrapportaw dejta dwar il-klassifikazzjoni b'rabta max-xahar kalendarju preċedenti fuq bażi ta' kull xahar.

3. Aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li għandha inqas minn 50 impjegat u li mhix parti minn grupp ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tista' tipprovdi, kull xahrejn, id-dejta dwar il-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2, sakemm l-ESMA ma teħtieġx rapportar kull xahar fid-dawl tan-natura, il-kumplessità u l-firxa tal-ħruġ tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu tagħha. Dik id-dejta tal-klassifikazzjoni tirreferi għax-xahrejn kalendarji preċedenti.

4. Id-dejta tal-klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 tiġi sottomessa lill-ESMA fi żmien 15-il jum mit-tmiem il-perjodu li huwa kopert mir-rapport. Fejn il-15-il jum tax-xahar jaqa' fuq btala pubblika fil-pajjiż ta' domiċilju tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, jew meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tirrapporta f'isem grupp skont l-Artikolu 1(4), fil-pajjiż ta' domiċilju ta' dik l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu, l-iskadenza tkun il-jum ta' xogħol li jmiss.

5. Fejn l-ebda klassifikazzjonijiet tal-kreditu jew prospetti ta' klassifikazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 ma nħarġu matul ix-xahar kalendarju preċedenti, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ma tkun obbligata tissottometti l-ebda dejta.

([1]) Is-CET jikkunsidra l-bidla għall-"Ħin Ċentrali Ewropew tas-Sajf".

*Artikolu 10*

**Rapportar għall-iskop tal-prestazzjoni storika**

Il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu maħruġa jew approvati, jew maħruġa f'pajjiż terz u mhux approvati kif imsemmi fl-Artikolu 1(5), jintużaw mill-ESMA biex jagħmlu disponibbli d-dejta ta' prestazzjoni storika, b'konformità mal-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u l-punt 1 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I għal dak ir-Regolament.

*Artikolu 11*

**Rapportar inizjali**

1. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati qabel il-21 ta' Ġunju 2015 iħejju l-ewwel rapport li għandu jiġi rrapportat lill-ESMA sal-1 ta' Jannar 2016, li jinkludi dawn kollha li ġejjin:

(a) informazzjoni dwar il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti tal-klassifikazzjonijiet kollha msemmija fl-Artikoli 8 u 9, u li jkunu nħarġu u ma ġewx irtirati sal-21 ta' Ġunju 2015;

(b) klassifikazzjonijiet tal-kreditu u prospetti tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikoli 8 u 9 li jkunu nħarġu bejn il-21 ta' Ġunju 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015.

2. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati bejn il-21 ta' Ġunju 2015 u l-31 ta' Diċembru 2015 jikkonformaw ma' dan ir-Regolament mil-1 ta' Jannar 2016. Fl-ewwel rapport tagħhom, dawn jirrapportaw, skont l-Artikoli 8 u 9, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti ta' klassifikazzjoni kollha li jkunu nħarġu mid-data ta' reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni.

3. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrati jew iċċertifikati wara l-1 ta' Jannar 2016 jikkonformaw ma' dan ir-Regolament fi żmien tliet xhur wara d-data ta' reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni. Fl-ewwel rapport tagħhom, dawn jirrapportaw, skont l-Artikoli 8 u 9, il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u l-prospetti ta' klassifikazzjoni kollha li jkunu nħarġu mid-data ta' reġistrazzjoni jew ċertifikazzjoni.

4. Flimkien mal-ewwel rapport imsemmi fil-paragrafi 2 u 3, aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tiġi ċċertifikata wara l-21 ta' Ġunju 2015 tirrapporta wkoll, skont l-Artikolu 11(2) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u l-punt 1 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I għal dak ir-Regolament, id-dejta tal-prestazzjoni storika tagħha li tirrigwarda mill-anqas għaxar snin qabel id-data taċ-ċertifikazzjoni jew, fejn l-attività ta' klassifikazzjoni tagħha bdiet inqas minn għaxar snin qabel id-data ta' ċertifikazzjoni, tirrigwarda l-perijodu minn meta bdiet l-attività ta' klassifikazzjoni tagħha. Aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu mhumiex meħtieġa jirrapportaw dik id-dejta jekk jistgħu juru li din mhix proporzjonata fid-dawl tal-iskala u l-kumplessità tagħhom.

*Artikolu 12*

**Struttura tad-dejta**

1. L-aġenziji ta' klassifikazzjoni ta' kreditu jissottomettu lill-ESMA rapporti dwar id-dejta kwalitattiva fil-format speċifikat fit-tabelli fil-Parti 1 tal-Anness I flimkien mal-ewwel rapport tagħhom tal-klassifikazzjoni tad-dejta skont l-Artikolu 11. Kull tibdil f'dawn rapporti dwar id-dejta kwalitattiva jiġi rrapportat immedjatament lis-sistema tal-ESMA bħala aġġornament, qabel ma titressaq lill-ESMA d-dejta tal-klassifikazzjoni li hija affettwata minn dawn il-bidliet. Fejn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tirrapporta f'isem grupp, kif imsemmi fl-Artikolu 1(4), jista' jiġi sottomess lill-ESMA sett wieħed ta' rapporti dwar id-dejta kwalitattiva.

2. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jipprovdu rapporti dwar id-dejta tal-klassifikazzjonijiet imsemmija fl-Artikoli 8, 9 u 11 fil-format speċifikat fit-tabelli fil-Parti 2 tal-Anness I.

*Artikolu 13*

**Proċeduri tar-rapportar**

1. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandhom jissottomettu r-rapporti dwar id-dejta kwalitattiva u r-rapporti dwar id-dejta tal-klassifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 12 skont l-istruzzjonijiet tekniċi pprovduti mill-ESMA u billi jużaw is-sistema ta' rapportar tal-ESMA.

2. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jaħżnu fajls mibgħuta lill-ESMA u li jaslu għandha f'forma elettronika għal mill-inqas ħames snin. Dawn il-fajls jitqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-ESMA meta jintalbu.

3. Meta aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tidentifika żbalji fattwali f'dejta li tkun ġiet irrapportata, din tikkoreġi d-dejta rilevanti mingħajr dewmien żejjed skont l-istruzzjonijiet tekniċi pprovduti mill-ESMA.

*Artikolu 14*

**Revoka u dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Ir-Regolamenti li ġejjin jitħassru b'effett mill-1 ta' Jannar 2016:

(a) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) Nru 446/2012

(b) Ir-Regolament Delega tal-Kummissjoni (UE) Nru 448/2012

2. Ir-referenzi għar-Regolamenti stabbiliti fil-paragrafu 1 jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament u jinqraw skont it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness II.

3. Id-dejta sottomessa lill-ESMA skont ir-Regolamenti stabbiliti fil-paragrafu 1 qabel l-1 ta' Jannar 2016, titqies bħala li ġiet sottomessa skont dan ir-Regolament u tkompli tintuża mill-ESMA skont l-Artikolu 11(2) u l-Artikolu 21(4)(e) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 u l-punt 1 tal-Parti II tat-Taqsima E tal-Anness I għal dak ir-Regolament.

*Artikolu 15*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-21 ta' Ġunju 2015.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

PARTI 1

**LISTA TA' KAŻELLI GĦALL-FAJL TAD-DEJTA KWALITATTIVA**

*Tabella 1*

**Identifikazzjoni tas-CRA u deskrizzjoni tal-metodoloġija**

Din it-tabella tinkludi l-elementi li jipprovdu l-identifikazzjoni tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tirrapporta inkluża l-identifikazzjoni legali, il-metodoloġija u l-politiki użati.

Din it-tabella tinkludi linja waħda għal kull aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu.

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li qed tirrapporta. Hija pprovduta mill-ESMA mar-reġistrazzjoni jew iċ-ċertifikazzjoni. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 2 | Identifikatur tal-Entità Legali (LEI) Globali tas-CRA li qed tirrapporta | Kodiċi LEI tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tibgħat il-fajl. | Mandatorju. | ISO 17442 | Pubbliku |
| 3 | Isem is-CRA | Isem użat biex jidentifika l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. Għandu jikkorrispondi mal-isem użat mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fil-proċess tar-reġistrazzjoni u fil-proċeduri superviżorji l-oħra kollha fl-ESMA. Fejn membru ta' grupp ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jirrapporta għall-grupp kollu għandu jkun l-isem li jirreferi għal grupp ta' aġenziji tal-klassifkazzjoni tal-kreditu. | Mandatorju. | | Pubbliku |
| 4 | Deskrizzjoni tas-CRA | Deskrizzjoni qasira tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. | Mandatorju. | | Pubbliku |
| 5 | Metodoloġija tas-CRA | Deskrizzjoni tal-metodoloġija tal-klassifikazzjoni tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. L-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tista' tiddeskrivi l-karatteristiċi uniċi tal-metodoloġija tagħha tal-klassifikazzjoni. | Mandatorju. | | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Link għall-paġna tal-metodoloġija tas-sit web tas-CRA | Il-link għall-paġna web tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tinkludi l-informazzjoni kollha relatata mal-metodoloġiji, u deskrizzjonijiet tal-mudelli u s-suppożizzjonijiet ta' klassifikazzjoni prinċipali. | Mandatorju. | Paġna web ta' referenza valida. | Pubbliku |
| 7 | Politiki tal-klassifikazzjonijiet mitluba u mhux mitluba | Deskrizzjoni tal-politika tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu dwar il-klassifikazzjonijiet mitluba u mhux mitluba bi klassifikazzjonijiet ta' parteċipazzjoni jew le. Jekk jeżistu aktar minn politika waħda, għandhom jiġu speċifikati t-tipi rilevanti ta' klassifikazzjonijiet applikabbli għal kull politika. | Mandatorju. | | Pubbliku |
| 8 | Politika tal-klassifikazzjonijiet tas-sussidjarji | Deskrizzjoni tal-politika dwar ir-rapportar tal-klassifikazzjonijiet tas-sussidjarji. | Mandatorju. Applikabbli għall-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li joħorġu klassifikazzjonijiet korporattivi. | | Pubbliku |
| 9 | Ambitu ta' rapportar ġeografiku | Fil-każ ta' aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li hija parti minn grupp, huma għandhom isemmu jekk jirrappurtawx il-klassifikazzjonijiet kollha maħruġa mill-grupp (ambitu globali) jew le (klassifikazzjonijiet tal-UE u approvati biss). Fejn il-kopertura mhix globali, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu għandha tispjega għaliex le. Għas-CRAs l-oħra kollha, din għandha tiġi rrappurtata bħala "globali" ("Y"). | Mandatorju. | Y – Iva<br>N – Le | Pubbliku |
| 10 | Raġuni għal kamp ta' applikazzjoni mhux globali | Ir-raġuni għaliex aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tkun parti minn grupp, ma tirrapportax il-klassifikazzjonijiet kollha tal-grupp. | Mandatorju. Applikabbli meta "Ambitu ta' rappurtar ġeografiku" = "N" | | Pubbliku |
| 11 | Definizzjoni ta' inadempjenza | Tiddeskrivi d-definizzjoni ta' inadempjenza użata mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. | Mandatorju. | | Pubbliku |
| 12 | Link għas-sit web | Link għall-paġna ewlenija tas-sit web pubbliku tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. | Mandatorju. | Referenza valida tal-paġna web. | Pubbliku |

*Tabella 2*

**Lista tat-tipi ta' klassifikazzjoni tal-emittent**

Din it-tabella timtela fejn l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun qed toħroġ klassifikazzjonijiet ta' kreditu tal-emittent. It-tabella jkollha linja waħda għal kull tip ta' klassifikazzjoni li hija maħruġa mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fuq il-livell tal-emittent.

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tat-tipi ta' klassifikazzjoni tal-emittent | Identifikatur uniku għal kull tip ta' klassifikazzjoni tal-emittent li entità klassifikata tista' tiġi evalwata fuqu. | Mandatorju. Applikabbli jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun ħarġet klassifikazzjonijiet tal-emittenti. | | Tekniku |
| 2 | Isem tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-emittent | Isem tal-kategorija tal-klassifikazzjoni tal-emittent. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 3 | Deskrizzjoni tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-emittent | Deskrizzjoni tal-kategorija tad-dejn klassifikat. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 4 | Standard tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-emittent | Dan għandu jiddistingwi t-tipi ta' klassifikazzjoni tal-kreditu f'dawn li ġejjin: il-klassifikazzjoni prinċipali/globali tal-emittent, it-tip tal-klassifikazzjoni tad-dejn (il-kategoriji differenti se jiġu deskritti f'Tabella 2, il-Parti 2, l-Anness 1) u l-klassifikazzjonijiet l-oħra kollha tad-dejn tal-emittent. | Mandatorju. | IR – Klassifikazzjoni tal-emittent prinċipali<br>DT — Klassifikazzjoni tad-dejn<br>OT - Oħrajn | Tekniku |

*Tabella 3*

**Lista ta' kategoriji ta' dejn**

Din it-tabella timtela fejn l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun qed tikklassifika kategoriji tad-dejn jew ħarġiet/strumenti tad-dejn (bħal dejn superjuri mhux garantit, dejn subordinat mhux garantit, dejn subordinat inferjuri mhux garantit). It-tabella jkollha linja waħda għal kull tip ta' dejn.

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tal-klassifikazzjoni tad-dejn klassifikat | Identifikatur uniku għal kull kategorija ta' dejn użata għall-klassifikazzjoni tal-kategoriji tad-dejn jew il-ħarġiet tad-dejn tal-emittenti korporattivi u sovrani. | Mandatorju. Applikabbli jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun qed tikklassifika kategoriji ta' dejn korporattiv jew sovran | | Tekniku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 2 | Isem tal-klassifikazzjoni tad-dejn klassifikat | Deskrizzjoni tal-kategorija tad-dejn klassifikat. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 3 | Deskrizzjoni tal-klassifikazzjoni tad-dejn klassifikat | Deskrizzjoni tal-kategorija tad-dejn klassifikat. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 4 | Preċedenza | Tidentifika l-preċedenza tal-klassi tad-dejn tal-emittent jew tal-ħarġa klassifikati. | Fakultattiv | SEU - f'każ li d-dejn tal-emittent klassifikat jew il-ħarġa jappartjenu għall-kategorija ta' dejn superjuri mhux garantit<br>SEO - f'każ li l-emittent klassifikat jew il-ħarġa jappartjenu għal kategorija ta' dejn superjuri li mhix SEU<br>SB - f'każ li d-dejn tal-emittent jew il-ħarġa jappartjenu għall-kategorija ta' dejn subordinat. | Tekniku |

*Tabella 4*

**Lista tat-tipi ta' ħarġiet/programmi**

Din it-tabella timtela fil-każ li l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun qiegħda tikklassifika ħarġiet tad-dejn/strumenti finanzjarji. L-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu telenka t-tipi jew programmi kollha skont liema jinħarġu d-djun, (bħal noti, noti fuq terminu medju, bonds, kambjali kummerċjali). It-tabella jkollha linja waħda għal kull wieħed minn dawn il-programmi jew tipi ta' ħarġiet.

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tat-tipi ta' ħarġiet/programmi | Identifikatur uniku għal kull ħarġa/programm użat għall-ikklassifikar tal-klassifikazzjonijiet tal-ħarġiet. | Mandatorju. Applikabbli jekk l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun qed tikklassifika ħarġiet korporattivi jew sovrani | | Tekniku |
| 2 | Isem tat-tip tal-ħarġiet/programmi | Isem tal-ħarġiet/programmi. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 3 | Deskrizzjoni tat-tip tal-ħarġiet/programmi | Deskrizzjoni tal-ħarġiet/programmi. | Mandatorju. | | Tekniku |

*Tabella 5*

**Lista tal-analisti ewlenin**

Din it-tabella jkun fiha lista tal-analisti ewlenin kollha li joperaw fl-Unjoni. Jekk analista ewlieni jkun ħadem f'perjodi ta' żmien differenti bħala analista ewlieni (b'perjodi ta' żmien bejniethom), dan l-analista ewlieni għandu jiġi rrappurtat fit-tabella aktar minn darba: waħda għal kull perjodu fejn kellu l-kariga ta' analista ewlieni. Id-data tal-bidu u tat-tmiem ta' allokazzjoni għall-funzjoni ma jitrikkbux għall-istess analista ewlieni. It-tabella jkun fiha linja waħda għal kull analista ewlieni u kull perjodu ta' funzjoni distint.

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur intern tal-analist ewlieni | Identifikaturi uniċi interni tal-membru tal-persunal li huwa maħtur fil-funzjoni ta' analista mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. | Mandatorju. | | Superviżjoni biss |
| 2 | Isem tal-analist ewlieni | Isem sħiħ tal-analist ewlieni | Mandatorju. | | Superviżjoni biss |
| 3 | Data tal-bidu tal-analist ewlieni | Data tal-bidu tal-membru tal-persunal fil-funzjoni ta' analist ewlieni. | Mandatorju. | Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ). | Superviżjoni biss |
| 4 | Data tat-tmiem tal-analist ewlieni | Data tat-tmiem tal-membru tal-persunal fil-funzjoni ta' analist ewlieni Jekk il-membru tal-persunal bħalissa qed jaħdem fil-funzjoni ta' analist ewlieni, għandu jiġi rrappurtat bħala 9999-01-01. | Mandatorju. | Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) jew 9999-01-01. | Superviżjoni biss |

*Tabella 6*

**Skala ta' klassifikazzjoni**

Din it-tabella tinkludi d-deskrizzjoni tal-iskali tal-klassifikazzjoni tal-kreditu kollha użati mill-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu biex joħorġu klassifikazzjonijiet tal-kreditu li jiġu rrappurtati skont dan ir-Regolament. L-aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu jirrapportaw linja waħda għal kull skala ta' klassifikazzjoni ta' kreditu. Għal kull skala ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rrappurtata, informazzjoni dwar kategorija waħda jew aktar ta' klassifikazzjoni tista' tiġi rrappurtata fis-sub-tabella "Kategoriji" u informazzjoni dwar livell wieħed jew aktar tista' tiġi rrappurtata fis-sub-rapport "Livelli".

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tal-iskala ta' klassifikazzjoni | Tidentifika unikament skala ta' klassifikazzjoni speċifika tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 2 | Data tal-bidu tal-validità tal-iskala tal-klassifikazzjoni | Id-data li fiha l-iskala ta' klassifikazzjoni tibda tkun valida. | Mandatorju. | Il-format tad-data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ). | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 3 | Data tat-tmien tal-validità tal-iskala tal-klassifikazzjoni | L-aħħar data li fiha skala tal-klassifikazzjoni hija valida. Għall-iskala ta' klassifikazzjoni li hija attwalment valida, din għandha tiġi rrappurtata bħala 9999-01-01. | Mandatorju. | Il-Format tad-Data skont l-ISO 8601 (SSSS-XX-JJ) jew 9999-01-01. | Pubbliku |
| 4 | Deskrizzjoni tal-iskala ta' klassifikazzjoni | Deskrizzjoni tat-tip ta' klassifikazzjonijiet inklużi fl-iskala, inkluż l-ambitu ġeografiku fejn rilevanti. | Mandatorju. | | Pubbliku |
| 5 | Orizzont ta' żmien | Tidentifika l-applikabilità tal-iskala ta' klassifikazzjoni bbażata fuq l-orizzont taż-żmien. | Mandatorju. | L - fejn l-iskala ta' klassifikazzjoni tkun applikabbli għal klassifikazzjonijiet fit-tul<br>S - fejn l-iskala ta' klassifikazzjoni tkun applikabbli għal klassifikazzjonijiet fil-qosor | Pubbliku |
| 6 | Tip ta' klassifikazzjoni | Tidentifika l-applikabbiltà tal-iskala tal-klassifikazzjoni abbażi tat-tip ta' klassifikazzjoni. | Mandatorju. | C - fejn l-iskala tal-klassifikazzjoni hija applikabbli għal klassifikazzjoni korporattiva<br>S - fejn l-iskala tal-klassifikazzjoni hija applikabbli għal klassifikazzjoniijiet ta' emittenti sovrani u tal-finanzi pubbliċi<br>T - fejn l-iskala tal-klassifikazzjoni hija applikabbli għal klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati<br>O - fejn l-iskala tal-klassifikazzjoni hija applikabbli għal strumenti finanzjarji oħra | Pubbliku |
| 7 | Ambitu tal-iskala ta' klassifikazzjoni | Tispeċifika jekk l-iskala ta' klassifikazzjoni hijiex użata għall-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet preliminari, klassifikazzjonijiet finali, jew it-tnejn. | Mandatorju. | PR - l-iskala ta' klassifikazzjoni hija użata għall-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet preliminari biss<br>FR - l-iskala ta' klassifikazzjoni hija użata għall-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet finali biss<br>BT - l-iskala ta' klassifikazzjoni hija użata għall-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet preliminari u finali | Pubbliku |
| 8 | Skala ta' klassifikazzjoni użata għas-CEREP | Tindika jekk il-klassifikazzjoni hijiex se tintuża mill-ESMA għal kalkoli tal-istatistika tar-repożitorju ċentrali (CEREP).<br>Għal kull perjodu speċifiku, tista' tintuża biss skala ta' klassifikazzjonijiet waħda għal kull kombinazzjoni ta' tipi ta' klassifikazzjonijiet u perjodu ta' żmien. | Mandatorju. | I - Iva<br>L = Le | Tekniku |

| Nru | | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazz-joni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 9 | Kategoriji | Valur tal-katego-rija tal-klassifi-kazzjoni | Ordni tal-kategorija tal-klas-sifikazzjoni fl-iskala tal-klas-sifikazzjoni (fejn 1 jikkor-rispondi għall-kategorija li tirrappreżenta l-aħjar pożizzjoni kreditizja). | Mandator-ju. | L-ordinali huwa valur ta' intiġer b'valur minimu ta' 1 u valur massimu ta' 20. Id-dikjarazzjoni tal-valur tal-kate-goriji tal-klassifikazzjoni trid tkun konsekuttiva. Għandu jkun hemm bħala minimu kategorija waħda għal kull klassifikazzjoni. | Pubbliku |
| 10 | | Tabella tal-katego-rija tal-klassifi-kazzjoni | Tidentifika kategorija ta' klassifikazzjoni speċifika fl-iskala ta' klassifikazzjoni. | Mandator-ju. | | Pubbliku |
| 11 | | Deskrizzjoni tal-kategorija ta' klas-sifikazzjoni | Definizzjoni tal-kategorija ta' klassifikazzjoni fl-iskala ta' klassifikazzjoni. | Mandator-ju. | | Pubbliku |
| 12 | Livelli | Valur tal-livell | Ordni tal-livell fl-iskala ta' klassifikazzjoni (fejn 1 jikkorrispondi għal-livell li jirrappreżenta l-aħjar pożizzjoni kreditizja). | Mandator-ju. | Il-valur tal-livell huwa intiġer b'valur minimu ta' 1 u valur massimu ta' 99. Il-valuri pprovduti jridu jkunu konse-kuttivi. Għandu jkun hemm bħala minimu livell wieħed għal kull klassifikazzjoni. | Pubbliku |
| 13 | | Titlu tal-livell | Tidentifika livell speċifiku fl-iskala ta' klassifikazzjoni. Livelli jipprovdu dettall addizzjonali għall-kategorija ta' klassifikazzjoni. | Mandator-ju. | | Pubbliku |
| 14 | | Deskrizzjoni tal-livell | Deskrizzjoni tal-livell fl-iskala ta' klassifikazzjoni. | Mandator-ju. | | Pubbliku |

PARTI 2

**LISTA TA' ELEMENTI GĦALL-FAJL TAD-DEJTA TAL-KLASSIFIKAZZJONI**

*Tabella 1*

**Dejta li tiddeskrivi l-entità/strument ikklassifikati**

Din it-tabella tidentifika u tiddeskrivi l-klassifikazzjonijiet tal-kreditu kollha maħruġa mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u li għandhom jiġu rrappurtati għall-finijiet ta' dan ir-Regolament. Din it-tabella tkun tinkludi linja waħda sabiex tiġi rrappurtata kull klassifikazzjoni tal-kreditu individwali. Fejn japplika, għal kull linja ta' klassifikazzjoni tal-kreditu, "Oriġinatur" wieħed jew aktar jistgħu jiġu rrappurtati.

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tas-CRA | Kodiċi użata biex tidentifika l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li qed tirrapporta. Hija pprovduta mill-ESMA mar-reġistrazzjoni jew iċ-ċertifikazzjoni. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 2 | Rappurtar CRA LEI | Kodiċi LEI tal-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu li tibgħat il-fajl. | Mandatorju. | ISO 17442 | Pubbliku |
| 3 | CRA LEI responsabbli | Kodiċi LEI tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu responsabbli għall-klassifikazzjoni, jiġifieri fil-każ ta':<br>— klassifikazzjoni maħruġa fl-Unjoni, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata li ħarġet il-klassifikazzjoni,<br>— klassifikazzjoni approvata, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata li approvat il-klassifikazzjoni,<br>— klassifikazzjoni maħruġa minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikata, l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikata, | Mandatorju. | ISO 17442 | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazz-joni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | — klassifikazzjoni maħruġa f'pajjiż terz iżda mhux approvata minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-pajjiż terz li ħarġet il-klassifikazzjoni. | | | |
| 4 | CRA LEI tal-Emittent | Kodiċi LEI tal-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu li ħarġet il-klassifikazzjoni, jiġifieri fil-każ ta':<br>— klassifikazzjoni maħruġa fl-Unjoni, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata,<br>— klassifikazzjoni approvata, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ta' pajjiż terz li tkun ħarġet il-klassifikazzjoni approvata,<br>— klassifikazzjoni maħruġa minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ċċertifikata, l-entità ċċertifikata,<br>— klassifikazzjoni maħruġa f'pajjiż terz iżda mhux approvata minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata, l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tal-pajjiż terz li ħarġet il-klassifikazzjoni. | Mandatorju. | ISO 17442 | Pubbliku |
| 5 | Identifikatur tal-klassifikazzjoni | Identifikatur uniku tal-klassifikazzjoni, li jinżamm kif inhu matul iż-żmien. L-identifikatur tal-klassifikazzjoni jkun uniku fir-rapporti kollha lill-ESMA. | Mandatorju. | | Tekniku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 6 | Tip ta' klassifikazzjoni | Tidentifika jekk il-klassifikazzjoni hijiex klassifikazzjoni korporattiva, ta' emittenti sovrani jew tal-finanzi pubbliċi, klassifikazzjoni ta' finanzjament strutturat jew strument finanzjarju ieħor tal-klassifikazzjoni. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju. | C - jekk il-klassifikazzjoni hija applikabbli għal klassifikazzjonijiet korporattivi<br>S - jekk il-klassifikazzjoni hija applikabbli għal klassifikazzjonijiet sovrani<br>T - jekk il-klassifikazzjoni hija applikabbli għal klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturat<br>O - jekk il-klassifikazzjoni hija applikabbli għal strumenti finanzjarji oħra | Pubbliku |
| 7 | Tip ta' klassifikazzjoni oħra | Tiddeskrivi t-tip ta' strument finanzjarju li ġie rrappurtat fit-tip ta' klassifikazzjoni "O". | Mandatorju. Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "O". | | Superviżjoni biss |
| 8 | Oġġett klassifikat | Tispeċifika jekk il-klassifikazzjoni tirreferix għal entità/emittent ta' dejn jew ħruġ ta' dejn ta' entità/strument finanzjarju kklassifikati. | Mandatorju. | ISR - il-klassifikazzjoni tirreferi għal entità jew emittent tad-dejn<br>INT - il-klassifikazzjoni tirreferi għal ħruġ ta' dejn/strument finanzjarju | Pubbliku |
| 9 | Orizzont ta' żmien | Tidentifika jekk il-klassifikazzjoni hijiex klassifikazzjoni ta' perjodu ta' żmien qasir jew twil. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju. | L - jekk il-klassifikazzjoni hija għal perjodu twil<br>S - jekk il-klassifikazzjoni hija għal perjodu qasir | Pubbliku |
| 10 | Il-pajjiż | Kodiċi tal-pajjiż tal-emittent/strument ikklassifikat. | Mandatorju. | Kodiċi ISO 3166-1.<br>Il-kodiċi "ZZ" tintuża biex tidentifika l-kategorija "internazzjonali". | Pubbliku |
| 11 | Munita | Tidentifika jekk il-klassifikazzjoni hijiex espressa firrigward ta' munita lokali jew barranija. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "C" jew "S" | LC - fil-każ ta' klassifikazzjoni ta' munita lokali<br>FC - fil-każ ta' klassifikazzjoni ta' munita barranija | Pubbliku |
| 12 | Entità legali/emittent LEI | Kodiċi LEI tal-entità legali/emittent. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju.<br>Applikabbli biss jekk l-entità kklassifikata hija eliġibbli għall-akkwist ta' kodiċi LEI. | ISO 17442 | Pubbliku |
| 13 | kodiċi fiskali nazzjonali tal-entità legali/emittent | Kodiċi fiskali nazzjonali unika tal-entità kklassifikata. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Fakultattiv<br>Jekk applikabbli. | | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 14 | Entità legali/emittent [Kodiċi tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud (VAT) | Kodiċi tal-VAT nazzjonali unika tal-entità kklassifikata. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Fakultattiv<br>Jekk applikabbli. | | Pubbliku |
| 15 | Entità legali, Kodiċi Identifikata tal-Bank (BIC) tal-emittent | BIC unika tal-entità kklassifikata. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Fakultattiv<br>Applikabbli biss għal entitajiet li jirrappreżentaw istituzzjonijiet finanzjarji ("Industrija" = "FI" jew "IN"). | ISO 9362 | Pubbliku |
| 16 | Identifikatur intern tal-entità legali/emittent | Identifikatur intern uniku tal-emittent. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju. | | Superviżjoni biss |
| 17 | Isem tal-entità legali/emittent | Għandu jkun fih referenza xierqa li tinftiehem għall-isem ġuridiku tal-entità legali/emittent. | Mandatorju. | | Pubbliku |
| 18 | LEI tal-entità legali prinċipali/Emittent | Kodiċi LEI tal-kumpanija prinċipali. Jiġu rrappurtati biss f'każ li l-emittent klassifikat ikun kumpanija sussidjarja ta' entità klassifikata oħra. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju.<br>Applikabbli jekk l-entità/emittent tad-dejn klassifikat tkun kumpanija sussidjarja ta' entità klassifikata oħra. | ISO 17442 | Pubbliku |
| 19 | Identifikatur intern tal-entità legali/emittent prinċipali | Identifikatur intern uniku tal-entità/emittent prinċipali. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju.<br>Applikabbli jekk l-entità klassifikata tkun kumpanija sussidjarja ta' entità klassifikata oħra. | | Superviżjoni biss |
| 20 | Kodiċi tan-Nomenklatura Subsovrana tal-Unitajiet Territorjali għall-Istatistika (NUTS) | Identifikatur tal-belt/ir-reġjun tal-muniċipalità/subsovran klassifikati. | Mandatorju.<br>Applikabbli biss għal "Pajjiż" huwa parti mill-Unjoni u għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "S" u "Settur" = "SM" | Nomenklatura tal-Eurostat: NUTS 1 sa 3 | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 21 | ISIN | Numru ta' Identifikazzjoni ta' Titoli Internazzjonali (ISIN) tal-istrument klassifkat. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju.<br>Applikabbli għall-"Oġġett klassifikat" = "INT" u jekk l-istrument klassifikat ikollu ISIN allokat. | ISO 6166 | Pubbliku |
| 22 | Identifikatur uniku tal-istrument | Taħlita ta' attributi tal-istrument li jidentifikawh b'mod uniku. | Fakultattiv | Standard ESMA | Superviżjoni biss |
| 23 | Identifikatur intern tal-istrument | Kodiċi uniku biex jidentifika l-istrument finanzjarju kklassifikat. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Oġġett klassifikat" = "INT". | | Superviżjoni biss |
| 24 | Tip tal-ħarġa/programm | Tindika t-tip tal-ħarġa/programm tal-klassifikazzjoni. | Fakultattiv<br>Applikabbli għat-"Tip ta' klassifikazzjoni" = "C" jew "S" u "Oġġett klassifikat" = "INT". | "L-identifikatur tat-tipi tal-ħarġiet/programmi", validu rrappurtat qabel fil-"Lista tat-tipi tal-ħarġiet/programmi". | Pubbliku |
| 25 | Tip ta' klassifikazzjoni tal-emittent | Tispeċifika t-tip ta' klassifikazzjoni tal-emittent. | Mandatorju.<br>Applikabbli għat-"Tip ta' klassifikazzjoni" = "C" u "Oġġett klassifikat" = "ISR" | "L-identifikatur tat-tip ta' klassifikazzjoni tal-emittent" validu, rrappurtat qabel fil-"Lista tat-tip tal-klassifikazzjoni tal-emittent". | Pubbliku |
| 26 | Il-kategorija ta' dejn | Tispeċifika l-kategorija tad-dejn għall-ħarġiet jew djun klassifikati. | Mandatorju.<br>Applikabbli għat-"Tip ta' klassifikazzjoni" = "C" jew "S" u "Oġġett klassifikat" = "ISR" u "Tip ta' klassifikazzjoni tal-emittent" = "DT" jew "Oġġett klassifikat" = "INT" jekk tapplika. | "Identifikatur tal-klassifikazzjoni tad-dejn klassifikat" validu, li qabel kien ġie rrappurtat fil-"Lista ta' kategoriji ta' dejn". | Pubbliku |
| 27 | Data tal-Ħruġ | Tispeċifika d-data tal-ħruġ tal-istrument ikklassifikat jew tal-ħruġ tad-dejn. Għandu jinżamm l-istess matul iż-żmien. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Oġġett klassifikat" = "INT". | Format tad-Data skont l-ISO 8601: (SSSS-XX-JJ) | Superviżjoni biss |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 28 | Data tal-Maturità | Id-data tal-maturità tal-istrument ikklassifikat jew tal-ħruġ tad-dejn. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Oġġett klassifikat" = "INT".<br>jekk perpetwa: 9999-01-01. | Format tad-Data skont l-ISO 8601: (SSSS-XX-JJ) jew 9999-01-01 | Superviżjoni biss |
| 29 | Il-volum tal-ħarġa pendenti | Il-volum tal-ħarġa pendenti fl-ewwel ħruġ ta' klassifikazzjoni. L-ammont jiġi rrappurtat fil-munita tal-ħruġ irrappurtat fil-"Kodiċi tal-munita tal-volum tal-ħarġa pendenti". | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Oġġett klassifikat" = "INT". | | Superviżjoni biss |
| 30 | Il-kodiċi tal-munita tal-volum tal-ħarġa pendenti | Il-kodiċi tal-munita tal-ħarġa klassifikata. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Oġġett klassifikat" = "INT". | ISO 4217 | Superviżjoni biss |
| 31 | Industrija | Kategorizzazzjoni tal-entità jew il-ħruġ tad-dejn klassifikati rrappurtati taħt it-tip ta' klassifikazzjoni "korporattiva" fil-korporazzjonijiet finanzjarji, tal-assigurazzjoni u mhux finanzjarji. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "C". | FI - għall-klassifikazzjoni ta' istituzzjonijiet finanzjarji inklużi banek, brokers u negozjanti,<br>IN - għal klassifikazzjoni ta' istituzzjonijiet tal-assigurazzjoni,<br>CO - għal klassifikazzjoni ta' istituzzjonijiet korporattivi li mhumiex inklużi f'"FI" jew "IN" | Pubbliku |
| 32 | Settur | Tispeċifika s-subkategoriji għal klassifikazzjonijiet ta' emittenti sovrani u tal-finanzi pubbliċi. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "S". | SV - għal klassifikazzjoni tal-Istat<br>SM - għal klassifikazzjoni ta' awtorità reġjonali jew lokali<br>IF - għal klassifikazzjoni ta' istituzzjoni finanzjarja internazzjonali<br>SO - għal klassifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet sopranazzjonali għajr "IF"<br>"PE" - klassifikazzjoni ta' entitajiet pubbliċi; | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 33 | Klassi tal-assi | Tiddefinixxi l-klassijiet ewlenin tal-assi għall-klassifikazzjonijiet ta' finanzjamenti strutturati. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "T". | ABS - għal klassifikazzjoni ta' ABS<br>RMBS - għal klassifikazzjoni ta' RMBS<br>CMBS - għal klassifikazzjoni ta' CMBS<br>CDO - għal klassifikazzjoni ta' CDO<br>ABCP - għal klassifikazzjoni ta' ABCP<br>OTH - għal Oħrajn. | Pubbliku |
| 34 | Subassi | Tiddefinixxi l-klassijiet tas-subassi għal klassifikazzjonijiet tal-finanzjament strutturat. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "T". | CCS - Jekk ABS: Titoli garantiti b'riċevibbli tal-karti tal-kreditu<br>ALB - Jekk ABS: Titoli appoġġati minn self fuq il-karozzi<br>CNS - Jekk ABS: Titolu appoġġat minn self lill-konsumatur<br>SME - Jekk ABS: Titoli appoġġati minn self ta' impriżi ta' daqs żgħir jew medju<br>LES - Jekk ABS: Titolu appoġġat minn kirjiet lil individwi jew negozji<br>HEL - Jekk RMBS: Self fuq ekwità tad-djar<br>PRR - Jekk RMBS: RMBS primi NPR - Jekk RMBS: RMBS mhux primi<br>CFH - jekk CDO: CDOs/CLOs tal-fluss tal-flus u ibridi<br>SDO - jekk CDO: CDOs/CLOs sintetiċi<br>MVO - Jekk CDO: CDOs tal-valur tas-suq<br>SIV - Jekk OTH: strumenti tal-investiment strutturati | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazz-joni |
|---|---|---|---|---|---|
| | | | | ILS - jekk OTH: titoli marbuta mal-assigurazzjoni<br>DPC - Jekk OTH: kumpaniji ta' prodotti derivattivi<br>SCB - Jekk OTH: bonds koperti strutturati<br>OTH - Oħrajn. | |
| 35 | Klassi ta' subassi oħra | Tindika l-kategorija l-oħra ta' klassi ta' assi jew ta' subassi. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "T" u "Subassi" = "OTH". | | Superviżjoni biss |
| 36 | Klassifikazzjonijiet ta' ħarġiet korporattivi | Klassifikazzjoni ta' bonds koperti. | Mandatorju.<br>Applikabbli għat-"Tip ta' klassifikazzjoni" = "C" u "Oġġett klassifikat" = "INT". | BND — bonds<br>CBR - bonds koperti kif imsemmija fl-Artikolu 52(4) tad-Direttiva 2009/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jissodisfaw il-kriterji ta' eliġibbiltà stabbiliti fl-Artikolu 129 tar-Regolament (UE) Nru 575/2013<br>OCB - tipi oħra ta' bonds koperti, li għalihom l-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu tkun użat metodoloġiji, mudelli jew preżunzjonijiet ewlenin ta' klassifikazzjoni speċifiċi ta' bonds koperti għall-ħruġ tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u li ma humiex inklużi fil-punt (b) tal-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament.<br>OTH - tipi oħra ta' ħarġiet korporattivi li ma humiex inklużi fil-punti (a), (b) u (c) tal-Artikolu 5(2) ta' dan ir-Regolament.. | Pubbliku |
| 37 | Ħarġiet korporattivi oħra | Tiddeskrivi t-tip ta' ħarġa rrappurtata fil-kategorija "oħrajn" tal-ħarġiet korporattivi. | Mandatorju.<br>Applikabbli għall-"Klassifikazzjonijiet tal-ħarġiet korporattivi" = "OTH". | | Superviżjoni biss |
| 38 | Klassi tal-porzjon | Klassi tal-porzjon. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "T". | | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 39 | Nru tas-Serje/Id tal-Programm | | F'każ li l-ħarġa tkun parti minn serje ta' ħarġiet multipli bħala parti mill-istess programm, hija tispeċifika n-numru tas-serje speċifiku tal-ħarġa. L-Id tal-Programm jista' jiġi miżjud, fejn dan jeżisti, sabiex jikkumplimenta l-"Programm/Tranżazzjoni/Isem tal-ħruġ". | Fakultattiv Applikabbli għat-"Tip ta' klassifikazzjoni" = "T" jew "Tip ta' klassifikazzjoni" = "C" u "Oġġett klassifikat" = "INT". | | Pubbliku |
| 40 | Programm/Tranżazzjoni/Isem tal-Ħarġa | | Tispeċifika l-programm/tranzazzjoni/isem il-ħarġa użat fid-dokumenti pubbliċi tal-ħarġa | Fakultattiv Applikabbli għal "Oġġett klassifikat" = "INT". | | Pubbliku |
| 41 | Oriġinaturi | Identifikatur intern tal-oriġinatur | Kodiċi unika assenjata mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu lill-oriġinatur. | Mandatorju. Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "T". F'każ ta' oriġinaturi multipli li ma jistgħux jiġu identifikati individwalment, għandu jiġi rrappurtat "MULTIPLU". | | Superviżjoni biss |
| 42 | | Oriġinatur LEI | Kodiċi LEI tal-oriġinatur. | Mandatorju. Applikabbli għat-"Tip ta' klassifikazzjoni" = "T" u "Identifikatur Intern tal-Oriġinatur" mhijiex "MULTIPLU". | ISO 17442 | Superviżjoni biss |
| 43 | | Kodiċi BIC tal-oriġinatur | BIC uniku tal-oriġinatur. | Fakultattiv Applikabbli għat-"Tip ta' klassifikazzjoni" = "T" u "Identifikatur Intern tal-Oriġinatur" mhijiex "MULTIPLU". | ISO 9362 | Superviżjoni biss |
| 44 | | Isem tal-oriġinatur | Għandu jkun fih referenza xierqa li tinftiehem għall-isem legali tal-oriġinatur (jew tal-kumpanija prinċipali tal-emittent). | Mandatorju. Applikabbli għat-"Tip ta' klassifikazzjoni" = "T" u "Identifikatur Intern tal-Oriġinatur" mhijiex "MULTIPLU". | | Superviżjoni biss |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 45 | Klassifikazzjoni preliminari preċedenti | Għall-klassifikazzjonijiet ġodda kollha hija tispeċifika jekk l-aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu ħarġitx klassifikazzjoni preliminari jew rieżami inizjali qabel ma ħarġet il-klassifikazzjoni finali. | Mandatorju. Applikabbli għal "Tip ta' azzjoni" = "ĠDID" f'Tabella 2 ta' Parti 2 | Y - Iva<br>N - Le | Superviżjoni biss |
| 46 | Identifikatur tal-klassifikazzjoni preliminari preċedenti | Tindika l-identifikatur tal-klassifikazzjoni tal-klassifikazzjoni preliminari maħruġa preċedenti jew rieżami inizjali preċedenti. L-"Identifikatur tal-klassifikazzjoni preliminari preċedenti" għandu jikkorrispondi ma' "Identifikatur tal-klassifikazzjoni" diġà rrappurtat validu ta' klassifikazzjoni preliminari. | Mandatorju.<br>Applikabbli għall-"Klassifikazzjoni preliminari preċedenti" = "Y" | | Superviżjoni biss |
| 47 | Indikatur tal-kumplessità | Tindika l-grad tal-kumplessità allokat għal klassifikazzjoni tal-finanzjament strutturat meta jitqiesu fatturi bħan-numru ta' oriġinaturi, kontropartijiet, pajjiżi, il-ħtieġa li jiġu żviluppati metodoloġiji ġodda jew karatteristiċi innovattivi ġodda, titjib tal-kreditu, dokumentazzjoni sottostanti, kollateral kumpless, ġuriżdizzjonijiet ġodda jew differenti u/jew l-eżistenza ta' komponenti derivattivi fost fatturi oħra li jistgħu jitqiesu bħala rilevanti mis-CRA meta tivvaluta l-kumplessità ta' servizz ta' klassifikazzjoni. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "T". | S - kumplessità standard<br>C - kumplessità addizzjonali | Superviżjoni biss |
| 48 | Tip ta' tranżazzjoni ta' finanzjament strutturat | Indikazzjoni ta' jekk l-istrument jirreferix għal Bażi indipendenti jew Master-Trust. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "T". | S - Tranżazzjoni b'bażi indipendenti<br>M - Tranżazzjoni Master Trust | Superviżjoni biss |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 49 | It-tip ta' klassifikazzjoni għall-ERP | Tidentifika l-klassifikazzjonijiet ta' kreditu li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni tal-ERP, ibbażati fuq ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 11a tar-Regolament (UE) Nru 1060/2009. | Mandatorju. | NXI - il-klassifikazzjoni mhijiex prodotta esklussivament għall-investituri u żvelata lilhom għal tariffa<br>EXI - il-klassifikazzjoni hija prodotta esklussivament għall-investituri u żvelata lilhom għal tariffa | Tekniku |
| 50 | Rilevanti għal kalkolu tal-istatistika tas-CEREP | Tindika jekk il-klassifikazzjoni hijiex se tintuża għal kalkoli tal-istatistika tas-CEREP. | Mandatorju. | Y - Iva<br>N = Le | Tekniku |

*Tabella 2*

**Dejta dwar l-azzjonijiet ta' klassifikazzjoni tal-kreditu individwali**

Din it-tabella fiha l-azzjonijiet tal-klassifikazzjoni kollha li jinħarġu fir-rigward tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu rrappurtati fit-Tabella 1. Fejn l-istqarrijiet għall-istampa jew rapporti ta' riċerka dwar l-emittenti sovrani jinħarġu f'diversi lingwi, verżjonijiet multipli tal-istqarrijiet għall-istampa jew rapporti ta' riċerka dwar l-emittenti sovrani jistgħu jiġu rrapportati għall-istess azzjoni ta' klassifikazzjoni.

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 1 | Identifikatur tal-Azzjoni ta' Klassifikazzjoni | Identifikatur uniku tal-azzjoni ta' klassifikazzjoni. L-identifikatur tal-azzjoni ta' klassifikazzjoni jkun uniku għal kull klassifikazzjoni rappurtata. | Mandatorju. | | Tekniku |
| 2 | Identifikatur tal-klassifikazzjoni | Identifikatur uniku tal-klassifikazzjoni. | Mandatorju. | Għandu jkun "identifikatur tal-klassifikazzjoni" validu rrappurtat fit-Tabella 1 ta' Parti 2 | Tekniku |
| 3 | Data u ħin tal-validità tal-azzjoni | Id-data u l-ħin tal-validità tal-azzjoni. Din għandha tikkoinċidi mal-Ħin Universali Kkoordinat (UTC) tal-pubblikazzjoni tal-azzjoni jew tad-distribuzzjoni b'abbonament. | Mandatorju. | Il-Format Estiż tad-Data u l-Ħin skont l-ISO 8601: SSSS-XX-JJ (SS:MM:SS) | Pubbliku |
| 4 | Data u ħin tal-komunikazzjoni tal-azzjoni | Id-data u l-ħin tal-komunikazzjoni tal-azzjoni lill-entità kklassifikata.<br>Din tiġi espressa bħala Ħin Universali Kkoordinat (UTC). Għandha tiġi rrapportata biss għall-klassifikazzjonijiet maħruġa fl-Unjoni. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Post tal-ħruġ tal-klassifikazzjoni" = "I". | Il-Format Estiż tad-Data u l-Ħin skont l-ISO 8601: SSSS-XX-JJ (SS:MM:SS) | Superviżjoni biss |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 5 | Data tad-deċiżjoni tal-azzjoni | Tidentifika d-data meta l-azzjoni tkun deċiża.<br>Din tkun id-data tal-approvazzjoni preliminari (pereżempju mill-kumitat tal-klassifikazzjoni) tal-azzjoni fejn din imbagħad tiġi kkomunikata lill-entità kklassifikata qabel l-approvazzjoni finali<br>Għandha tiġi rrapportata biss għall-klassifikazzjonijiet maħruġa fl-Unjoni. | Mandatorju.<br>Applikabbli għal "Post tal-ħruġ tal-klassifikazzjoni" = "I". | Format tad-Data skont l-ISO 8601: (SSSS-XX-JJ) | Superviżjoni biss |
| 6 | Tip ta' azzjoni | Tidentifika t-tip ta' azzjoni mwettqa mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu fir-rigward ta' klassifikazzjoni speċifika. | Mandatorju. | OR - fil-każ ta' klassifikazzjoni pendenti (biss għall-ewwel rappurtar)<br>PR - fil-każ ta' klassifikazzjoni preliminari<br>NW - fil-każ li l-klassifikazzjoni tinħareġ għall-ewwel darba<br>UP - fil-każ li l-klassifikazzjoni tiġi mgħollija<br>DG - fil-każ li l-klassifikazzjoni tiġi mniżżla<br>AF - fil-każ li l-klassifikazzjoni tiġi affermata<br>DF - fil-każ li emittent jew strument klassifikat jiġi assenjat għall-istatus ta' inadempjenza jew imneħħi minnu u l-inadempjenza ma tkunx marbuta ma' azzjoni oħra ta' klassifikazzjoni<br>SP – fil-każ li l-klassifikazzjoni tkun sospiża<br>WD - fil-każ li l-klassifikazzjoni tiġi rtirata<br>OT - fil-każ li l-klassifikazzjoni titqiegħed fl-istatus tal-prospettiva/xejra jew titneħħa minnu<br>WR - fil-każ li l-klassifikazzjoni titqiegħed fl-istatus tal-osservazzjoni/rieżami jew titneħħa minnu | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 7 | Status ta' Prospettiva/Osservazzjoni/Inadempjenza | L-istatus ta' Prospettiva/Osservazzjoni/Sospensjoni/Inadempjenza huwa assenjat, jinżamm jew jitneħħa firrigward tal-klassifikazzjoni, | Mandatorju. Applikabbli għat-"Tip ta' azzjoni" = "OT", "WR", "DF", "SP" jew "OR" | P - l-istatus huwa mqiegħed<br>M - l-istatus huwa miżmum<br>R - l-istatus huwa mneħħi | Pubbliku |
| 8 | X'inhuma l-prospetti? | Tidentifika l-prospettiva/xejra assenjata lil klassifikazzjoni ms-CRA skont il-politika rilevanti tagħha. | Mandatorju. Applikabbli għat-"Tip ta' azzjoni" = "OT" u "OR" | POS - fil-każ ta' prospettiva pożittiva<br>NEG - fil-każ ta' prospettiva negattiva<br>EVO - fil-każ ta' prospettiva li qed tevolvi jew tiżviluppa<br>STA - fil-każ ta' prospettiva stabbli | Pubbliku |
| 9 | Osservazzjoni/Rieżami | Tidentifika l-istatus assenjat ta' osservazzjoni jew rieżami lil klassifikazzjoni mis-CRA skont il-politika rilevanti tagħha. | Mandatorju. Applikabbli għat-"Tip ta' azzjoni" = "WR" u "OR" | POW - fil-każ ta' osservazzjoni/rieżami pożittiva<br>NEW - fil-każ ta' osservazzjoni/rieżami negattiva<br>EVW - fil-każ ta' osservazzjoni/rieżami li qed tevolvi jew tiżviluppa<br>UNW - fil-każ ta' osservazzjoni/rieżami b'direzzjoni inċerta | Pubbliku |
| 10 | Determinant tal-Osservazzjoni/Rieżami | Tidentifika r-raġuni talistatus ta' osservazzjoni/rieżami ta' klassifikazzjoni. Għandha tiġi rrapportata biss għall-klassifikazzjonijiet maħruġa fl-Unjoni. | Mandatorju. Applikabbli għal "Tip ta' azzjoni" = "WR" u "OR" u "Post ta' ħruġ tal-klassifikazzjoni" = "I". | 1 - fejn l-istatus ta' osservazzjoni/rieżami jkun dovut għal tibdil fil-metodoloġiji, il-mudelli jew is-suppożizzjonijiet ewlenin tal-klassifikazzjoni<br>2 - fejn l-istatus ta' osservazzjoni/rieżami jkun dovut għal raġunijiet ekonomiċi, finanzjarji jew ta' kreditu<br>3 - fejn l-istatus ta' osservazzjoni jew rieżami jkun dovut għal raġunijiet oħra (pereżempju tluq ta' analisti, okkorrenza ta' kunflitti ta' interessi). | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 11 | Raġuni għall-irtirar | Tidentifika r-raġuni ta' azzjoni ta' rtirar. | Mandatorju. Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "WD" | 1 - fil-każ ta' informazzjoni inkorretta jew insuffiċjenti dwar l-emittent/ħruġ<br>2 - fil-każ ta' falliment tal-entità kklassifikata jew ristrutturazzjoni tad-dejn<br>3 - fil-każ ta' riorganizzazzjoni tal-entità kklassifikata (inkluża l-fużjoni jew l-akkwiżizzjoni tal-entità kklassifikata)<br>4 - fil-każ tat-tmiem tal-maturità tal-obbligazzjoni ta' dejn, jew fil-każ li d-dejn jinfeda, jinġabar, jiġi prefinanzjat jew ikkanċellat<br>5 - fil-każ tal-invalidità awtomatika tal-klassifikazzjoni minħabba l-mudell tan-negozju tas-CRA (bħall-iskadenza ta' klassifikazzjonijiet validi għal perjodu predeterminat)<br>6 - fil-każ ta' rtirar tal-klassifikazzjoni minħabba raġunijiet oħra<br>7 - fil-każ li l-klassifikazzjoni tkun affettwata minn wieħed mill-punti msemmija fl-Anness I, it-Taqsima B, il-Punt 3 tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009<br>8 - f'każ ta' talba tal-klijent | Pubbliku |
| 12 | Raġuni oħra ta' rtirar | Fejn il-klassifikazzjoni ġiet irtirata minħabba raġunijiet oħra għajr dawk provduti, jekk jogħġbok speċifika r-raġuni | Mandatorju. Applikabbli għar-"Raġuni għall-irtirar" = 6 | | Superviżjoni biss |

| Nru | Isem tal-każella | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| 13 | Indikazzjoni ta' inadempjenza | Fejn l-entità jew l-istrument finanzjarju klassifikati jidħlu f'inadempjenza jew jitneħħew minn inadempjenza minħabba azzjoni oħra ta' klassifikazzjoni (jiġifieri żieda, tnaqqis fil-grad) | Mandatorju. Applikabbli għat-"Tip ta' azzjoni" = "AF", "DG", "UP" jew "OR" | Y - Iva<br>N - Le | Pubbliku |
| 14 | Raġuni għas-sospensjoni | Tispeċifika r-raġuni għal azzjoni ta' sospensjoni | Mandatorju. Applikabbli għal "Tip ta' azzjoni" = "SP" | | Pubbliku |
| 15 | Identifikatur tal-iskala ta' klassifikazzjoni | Tidentifika l-iskala tal-klassifikazzjoni użata għall-ħruġ tal-azzjoni ta' klassifikazzjoni. | Mandatorju. Appikabbli għat-"Tip ta' azzjoni" = "NW" jew "UP" jew "AF" jew "DG" jew "PR" jew "OR" | "Identifikatur tal-iskala ta' klassifikazzjoni" validu, li qabel kien irrappurtat fit-tabella "Skala ta' klassifikazzjoni". | Pubbliku |
| 16 | Valur tal-klassifikazzjoni | Valur tal-livell assenjat mill-aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu bħala riżultat tal-azzjoni ta' klassifikazzjoni. | Mandatorju. Appikabbli għat-"Tip ta' azzjoni" = "NW" jew "UP" jew "AF" jew "DG" jew "PR" jew "OR" | "Valur tal-livell" validu, li qabel kien irrappurtat fit-tabella "Skala ta' klassifikazzjoni". | Pubbliku |
| 17 | Post tal-ħruġ tal-klassifikazzjoni | Tispeċifika l-post tal-ħruġ tal-klassifikazzjonijiet tal-kreditu skont: il-klassifikazzjonijiet maħruġa fl-Unjoni minn aġenzija ta' klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata, il-klassifikazzjonijiet maħruġa minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz li tappartjeni għall-istess grupp ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu u hija approvata fl-Unjoni, klassifikazzjonijiet maħruġa minn aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu ċertifikati jew klassifikazzjonijiet maħruġa minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu minn pajjiż terz li tappartjeni għall-istess grupp ta' aġenziji tal-klassifikazzjoni tal-kreditu iżda mhix approvata fl-Unjoni. | Mandatorju. | I - Maħruġa fl-Unjoni<br>E - Approvata<br>T - Maħruġa f'pajjiż terz minn CRA iċċertifikat<br>O - Ieħor (mhux approvat)<br>N - Mhux disponibbli (validu biss qabel l-1.1.2011). | Pubbliku |

| Nru | Isem tal-każella | | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 18 | Identifikatur tal-analist ewlieni | | Identifikatur uniku tal-analist ewlieni responsabbli mill-klassifikazzjoni. Għandha tiġi rrapportata biss għall-klassifikazzjonijiet maħruġa fl-Unjoni. | Mandatorju. Applikabbli għal "Post tal-ħruġ tal-klassifikazzjoni" = "I". | "Identifikatur tal-Analist ewlieni intern" validu, li qabel kien irrappurtat fil-"Lista tal-analisti ewlenin". | Superviżjoni biss |
| 19 | Pajjiż tal-analist ewlieni | | Tidentifika l-pajjiż tal-uffiċċju fejn l-analist ewlieni responsabbli mill-klassifikazzjoni kien jinsab meta ħareġ il-klassifikazzjoni. | Mandatorju. Applikabbli għal "Post tal-ħruġ tal-klassifikazzjoni" = "I". | Kodiċi ISO 3166-1. | Superviżjoni biss |
| 20 | Status tat-talba | | Status tat-talba tal-entità/strument klassifikati. | Mandatorju. | S - jekk il-klassifikazzjoni hija mitluba,<br>U - jekk il-klassifikazzjoni mhijiex mitluba u kienet mingħajr parteċipazzjoni<br>P - jekk il-klassifikazzjoni mhijiex mitluba u kienet b'parteċipazzjoni | Pubbliku |
| 21 | Stqarrija għall-istampa | Stqarrija għall-istampa | Tispeċifika jekk azzjoni ta' klassifikazzjoni kenitx akkumpanjata minn stqarrija għall-istampa. | Mandatorju. Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni għal ERP" = "NXI". | Y - Iva<br>N – Le. | Pubbliku |
| 22 | | Lingwa tal-istqarrija għall-istampa | Tindika l-lingwa li fiha ġiet ippubblikata l-istqarrija għall-istampa. | Mandatorju. Applikabbli għal "Stqarrija għall-istampa" = "Y". | ISO 639-1 | Pubbliku |
| 23 | | Isem tal-fajl tal-istqarrija għall-istampa | Tindika l-isem tal-fajl li fih ġiet irrappurtata l-istqarrija għall-istampa. | Mandatorju. Applikabbli għal "Stqarrija għall-istampa" = "Y". | Standard ESMA | Pubbliku |
| 24 | | Link għall-istqarrija għall-istampa | Fejn l-azzjoni tal-klassifikazzjoni tkun akkumpanjata mill-istess stqarrija għall-istampa bħal azzjoni ta' klassifikazzjoni oħra, hija għandha tiddikjara "l-identifikatur tal-azzjoni" għall-azzjoni li għaliha kienet ġiet ippreżentata inizjalment l-istqarrija għall-istampa komuni. | Mandatorju. Applikabbli għal stqarrijiet għall-istampa li jirrigwardaw aktar minn azzjoni waħda tal-klassifikazzjoni. | "Identifikatur tal-Azzjoni" validu | Tekniku |

| Nru | Isem tal-każella | | Deskrizzjoni | Tip | Standard | Kamp ta' applikazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 25 | Rapport ta' riċerka | Rapport ta' riċerka | Tispeċifika jekk l-azzjoni ta' klassifikazzjoni kenitx akkumpanjata minn rapport ta' riċerka. Applikabbli biss għal klassifikazzjonijiet ta' emittenti sovrani rrappurtati fis-settur: "SV" jew "SM" jew "IF" | Mandatorju. Applikabbli għal "Tip ta' klassifikazzjoni" = "S" u "Settur" = "SV" jew "SM" jew "IF" | Y - Iva<br>N - Le | Pubbliku |
| 26 | | Lingwa tar-rapport ta' riċerka | Tindika l-lingwa li fiha ġie ppubblikat ir-rapport ta' riċerka. | Mandatorju. Applikabbli għal "Rapport ta' Riċerka dwar Emittenti Sovrani" = "Y" | ISO 639-1 | Pubbliku |
| 27 | | Isem tal-fajl tar-rapport ta' riċerka | Tindika l-isem tal-fajl li fih ġie rrappurtat ir-rapport ta' riċerka. | Mandatorju. Applikabbli għal "Rapport ta' Riċerka dwar Emittenti Sovrani" = "Y" | Standard tal-ESMA | Pubbliku |
| 28 | | Link għar-rapport ta' riċerka | Fejn il-klassifikazzjoni tkun akkumpanjata mill-istess rapport ta' riċerka bħal azzjoni ta' klassifikazzjoni oħra, hija għandha tiddikjara "l-Identifikatur tal-azzjoni" għall-azzjoni li għaliha kien ġie ppreżentat inizjalment ir-rapport ta' riċerka komuni. | Fakultattiv | "Identifikatur tal-Azzjoni" validu | Tekniku |

*ANNESS II*

**Tabella Ta' Korrelazzjoni**

| Dan ir-Regolament | Ir-Regolament (UE) Nru 446/2012 | Ir-Regolament (UE) Nru 448/2012 |
|---|---|---|
| Artikolu 1 (1) | | Artikolu 3 (1) |
| Artikolu 1 (2) | Artikolu 2 (1) | Artikolu 2 (2) |
| Artikolu 1 (3) | Artikolu 2 (6) | |
| Artikolu 1 (4) | Artikolu 2 (2) | Artikolu 2 (3) |
| Artikolu 1 (5) | | Artikolu 3 (3) |
| Artikolu 1 (6) | | Artikolu 3 (2) |
| Artikolu 2 (1) | | Artikolu 8 (2) |
| Artikolu 2 (2) | | Artikolu 8 (3) |
| *Artikolu 3* | Artikolu 4 (1) | Artikolu 3 (5) |
| *Artikolu 4* | Artikolu 4 (3) | *Artikolu 4* |
| *Artikolu 5* | Artikolu 4 (2) | *Artikolu 5* |
| *Artikolu 6* | | *Artikolu 6* |
| *Artikolu 7* | | |
| *Artikolu 8* | | |
| Artikolu 9 (1) | Artikolu 3 (2) | |
| Artikolu 9 (2) | Artikolu 2 (3) | |
| Artikolu 9 (3) | Artikolu 2 (4) | |
| Artikolu 9 (4) | Artikolu 2 (5) | |
| Artikolu 9 (5) | Artikolu 3 (3) | |
| *Artikolu 10* | | |
| Artikolu 11(1) sa (3) | | |
| Artikolu 11 (4) | | Artikolu 3 (4) |
| *Artikolu 12* | Artikolu 3(1) u (4) | Artikolu 2(1), u Artikolu 7 u Artikolu 8(1) |
| *Artikolu 13* | *Artikolu 5* | Artikolu 9, Artikolu 10, Artikolu 11, Artikolu 12 u Artikolu 13 |
| *Artikolu 14* | | |
| *Artikolu 15* | *Artikolu 6* | *Artikolu 14* |

**REGOLAMENT TA' DELEGA TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/3**

**tat-30 ta' Settembru 2014**

**li jissupplimenta r-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' standards tekniċi regolatorji dwar rekwiżiti ta' divulgazzjoni għal strumenti finanzjarji strutturati**

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 dwar l-aġenziji li jiggradaw il-kreditu ([1]), u b'mod partikolari t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 8b(3) tiegħu,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009, l-investituri għandhom jirċievu biżżejjed informazzjoni dwar il-kwalità u l-prestazzjoni tal-assi sottostanti tagħhom bil-ħsieb li tippermettilhom li jwettqu valutazzjoni infurmata tal-affidabbiltà kreditizja ta' strumenti finanzjarji strutturati. Dan inaqqas ukoll id-dipendenza tal-investituri fuq il-klassifikazzjonijiet tal-kreditu u għandu jiffaċilita l-ħruġ ta' klassifikazzjonijiet tal-kreditu mhux mitluba.

(2) Dan ir-Regolament għandu japplika għall-istrumenti finanzjarji kollha jew assi oħra li jirriżultaw minn tranżazzjoni jew skema ta' titolizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 4(1)(61) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) bil-kundizzjoni li l-emittent, l-oriġinatur jew l-isponser, ikun stabbilit, u għal dak l-għan ikollu s-sede statutorja tiegħu, fl-Unjoni. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu jkopri biss strumenti finanzjarji jew assi oħra li jirriżultaw minn tranżazzjoni jew skema li biha r-riskju ta' kreditu assoċjat mal-iskopertura jew grupp ta' skoperturi jkun segmentat u li jkollu l-karatteristiċi msemmija f'dak l-Artikolu. Għalhekk, f'konformità ma' dak ir-Regolament, skopertura li toħloq obbligu ta' pagament dirett għal tranżazzjoni jew skema użata biex tiffinanzja jew topera assi fiżiċi m'għandhiex titqies bħala skopertura għal titolizzazzjoni, anke jekk it-tranżazzjoni jew skema għandha obbligi ta' pagament ta' senjorità differenti.

(3) Il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament m'għandux ikun limitat għall-ħruġ ta' strumenti finanzjarji strutturati li jikkwalifikaw bħala titoli, iżda għandu jinkludi wkoll strumenti finanzjarji u assi oħra li jirriżultaw minn tranżazzjoni jew skema ta' titolizzazzjoni, bħal strumenti tas-suq tal-flus, inklużi programmi ta' karti kummerċjali garantiti minn assi. Barra minn hekk, dan ir-Regolament għandu japplika għal strumenti finanzjarji strutturati bi u mingħajr klassifikazzjonijiet ta' kreditu assenjati minn aġenzija tal-klassifikazzjoni tal-kreditu rreġistrata fl-Unjoni. Tranżazzjonijiet privati u tranżazzjonijiet bilaterali għandhom ikunu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, kif ukoll tranżazzjonijiet li ma humiex offruti lill-pubbliku jew ammessi għall-kummerċ f'suq regolat.

(4) Dan ir-Regolament fih formoli standard ta' divulgazzjoni għal numru ta' kategoriji ta' klassi tal-assi. Mingħajr preġudizzju għall-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u sakemm l-obbligi ta' rappurtar ikunu ġew żviluppati mill-ESMA u adottati mill-Kummissjoni, dawk il-formoli standard ta' divulgazzjoni u l-obbligi ta' rappurtar kollha skont dan ir-Regolament għandhom japplikaw biss għal strumenti finanzjarji strutturati li jkunu garantiti minn assi sottostanti li huma inklużi fil-lista ta' kategoriji ta' klassi ta' assi sottostanti speċifikati f'dan ir-Regolament u li, barra minn hekk, mhumiex ta' natura privata jew bilaterali.

(5) Meta jikkonformaw ma' dan ir-Regolament, l-emittenti, l-oriġinaturi u l-isponsers għandhom jikkonformaw mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-Unjoni li tirregola l-protezzjoni tal-kunfidenzjalità tas-sorsi ta' informazzjoni jew l-ipproċessar tad-dejta personali sabiex jiġi evitat ksur potenzjali ta' din il-leġiżlazzjoni.

([1]) ĠU L 302, 17.11.2009, p. 1.

([2]) Ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 (ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1).

(6) L-emittent, l-oriġinatur u l-isponser jistgħu jaħtru entità responsabbli għar-rappurtar tal-informazzjoni għall-websajt li għandu jiġi stabbilit mill-ESMA skont l-Artikolu 8b(4) tar- Regolament (KE) Nru 1060/2009 (Is-sit tal-SFIs). L-esternalizzazzjoni tal-obbligu ta' rappurtar lil entità oħra, pereżempju lil serviser, għandha tkun possibbli wkoll. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-emittent, l-oriġinaturi u l-isponsers taħt dan ir-Regolament.

(7) Għadd ta' struzzjonijiet tekniċi tar-rappurtar dwar, fost l-oħrajn, it-trażmissjoni jew il-format tal-fajls li għandhom jiġu sottomessi mill-emittenti, l-oriġinaturi u l-finanzjaturi għandu jkun ikkomunikat mill-ESMA fuq is-sit tagħha. L-ESMA għandha tikkomunika dawk l-istruzzjonijiet tekniċi tar-rapportar fiż-żmien dovut qabel id-data tal-applikazzjoni tal-obbligi ta' rappurtar stabbiliti f'dan ir-Regolament, sabiex tippermetti lill-emittenti, l-oriġinaturi, l-isponsors u partijiet oħra involuti biex jingħataw biżżejjed żmien biex jiżviluppaw sistemi u proċeduri adegwati skont l-istruzzjonijiet tekniċi pprovduti mill-ESMA.

(8) L-informazzjoni li għandha tiġi pprovduta skont dan ir-Regolament għandha tinġabar f'format standard sabiex tippermetti l-ipproċessar awtomatiku tad-dejta fuq is-sit tal-SFIs. L-informazzjoni għandha wkoll tiġi ppubblikata f'format li huwa faċilment aċċessibbli għal kull utent tas-sit tal-SFIs. l-ESMA għandha tiżgura li l-awtoritajiet settorjali kompetenti jkollhom aċċess għas-sit tal-SFIs sabiex iwettqu l-kompiti assenjati lilhom skont ir-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

(9) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji sottomess lill-Kummissjoni mill-ESMA, skont l-Artikolu 10 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]).

(10) L-ESMA wettqet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħa dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqhom dan ir-Regolament huwa bbażat, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet l-opinjoni tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010.

(11) Huwa neċessarju żmien biżżejjed sabiex jippermetti lill-emittenti, l-oriġinaturi u l-finanzjaturi ta' strument finanzjarju strutturat stabbilit fl-Unjoni biex jadattaw u jieħdu l-passi meħtieġa biex jikkonformaw ma' dan ir-Regolament u biex jtippermetti l-ESMA biex tiżviluppa s-sit tal-SFIs li fuqu għandu jseħħ l-iżvelar tal-informazzjoni meħtieġa minn dan ir-Regolament. Għalhekk, dan ir-Regolament għandu japplika mill-1 ta' Jannar 2017. Madankollu, l-ESMA għandha tikkomunika fil-ħin struzzjonijiet tekniċi tar-rapportar meħtieġa qabel id-data ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. Dan huwa meħtieġ sabiex jippermetti lill-emittenti, l-oriġinaturi u l-finanzjaturi ta' strument finanzjarju strutturat stabbilit fl-Unjoni biex jingħataw biżżejjed żmien biex jiżviluppaw sistemi u proċeduri adegwati skont dawn l-istess struzzjonijiet tekniċi bil-ħsieb li tiġi żgurata l-kompletezza u rapportar korrett u li jitqiesu żviluppi ulterjuri fis-swieq finanzjarji fl-Unjoni,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Kamp ta' Applikazzjoni**

Dan ir-Regolament japplika għal strumenti finanzjarji strutturati, fejn l-emittent, l-oriġinatur jew l-isponser ikun stabbilit fl-Unjoni u li jinħarġu wara d-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

**Entità li tirrapporta**

1. L-emittent, l-oriġinatur u l-isponser ta' strument finanzjarju strutturat jistgħu jinnominaw waħda jew diversi entitajiet ta' rappurtar li jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa skont l-Artikoli 3 u 4, u l-Artikolu 5(3) ta' dan ir-Regolament fuq is-sit imsemmi fl-Artikolu 8b(4) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009 ('is-sit tal-SFIs"). Dawk l-entitajiet jippubblikaw l-informazzjoni meħtieġa fuq is-sit tal-SFIs skont l-Artikoli 4 sa 7 ta' dan ir-Regolament.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea għat-Titoli u s-Swieq), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84).

2. L-emittent, l-oriġinatur u l-isponser ta' strument finanzjarju strutturat li jkun innomina l-entità jew entitajiet imsemmija fil-paragrafu 1 jinnotifika lill-ESMA mingħajr dewmien żejjed b' kull entità maħtura skont dan il-paragrafu. Din il-ħatra tkun mingħajr preġudizzju għar-responsabbiltà tal-emittent, l-oriġinatur u l-isponser sabiex jikkonformaw mal-Artikolu 8b tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

*Artikolu 3*

**Informazzjoni li għandha tiġi rrapportata**

Fejn strument finanzjarju strutturat ikun garantit minn kwalunkwe mill-assi sottostanti msemmija fl Artikolu 4, l-entità li tirrapporta tipprovdi l-informazzjoni li ġejja fuq is-sit tal-SFIs:

(a) l-informazzjoni dwar il-livell ta' self permezz ta' formoli standard ta' divulgazzjoni inklużi fl-Annessi I sa VII;

(b) fejn applikabbli għal strument finanzjarju strutturat, id-dokumenti li ġejjin, inkluż deskrizzjoni dettaljata tal-kaskata ta' ħlasijiet tal-istrument finanzjarju strutturat:

(i) id-dokument ta' offerta finali jew il-prospett, flimkien mad-dokumenti ta' tranżazzjoni tal-għeluq, inkluż kwalunkwe dokumenti pubbliċi referenzjati fil-prospett jew li jirregolaw il-ħidma tat-tranżazzjoni u jeskludu l-opinjonijiet legali;

(ii) il-ftehim ta' bejgħ ta' assi, ċessjoni, novazzjoni jew ftehim ta' trasferiment u kwalunkwe dikjarazzjoni rilevanti ta' fiduċja;

(iii) l-vijabilità, l-vijabilità ta' sostenn, l-amministrazzjoni u l-ftehimiet ta' mmaniġjar ta' flus;

(iv) l-att fiduċjarju, l-att ta' sigurtà, il-ftehim tal-aġenzija, il-ftehim kont tal-bank, il-kuntratt tal-investiment garantit, it-termini, il-qafas tal-fiduċjarja ewlenin, jew il-ftehim tad-definizzjonijiet ewlieni inkorporati;

(v) kwalunkwe ftehimiet bejn il-kredituri rilevanti, dokumentazzjoni ta' tpartit, ftehimiet ta' self subordinat, ftehimiet ta' self għall-ftuħ u ftehimiet dwar il-faċilità ta' likwidità;

(vi) kwalunkwe dokumentazzjoni sottostanti oħra li hija essenzjali għall-fehim tat-tranżazzjoni;

(c) Fejn prospett ma jkunx tfassal f'konformità mad-Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]), sommarju ta' tranżazzjoni jew ħarsa ġenerali lejn il-karatteristiċi ewlenin ta' strument finanzjarju strutturat, inklużi:

(i) Struttura tan-negozjar;

(ii) il-karatteristiċi tal-assi, il-flussi tal-flus, it-tisħiħ tal-kreditu u l-fatturi ta' appoġġ ta' likwidità;

(iii) id-drittijiet tal-vot tad-detentur tan-nota, ir-relazzjoni bejn id-detenturi tan-nota u kredituri ipotekarji oħra fi tranżazzjoni;

(iv) lista tal-iskattaturi u l-avvenimenti kollha msemmija fid-dokumenti pprovduti fis-sit tal-SFIs skont il-punt (b) li jista' jkollhom impatt materjali fuq il-prestazzjoni tal-istrumenti finanzjarji strutturati;

(v) id-disinni ta' strutturi li fihom ħarsa ġenerali tat-tranżazzjoni, il-flussi ta' flus u l-istruttura tas-sjieda;

(d) Ir-rapporti tal-investitur, li jkun fihom l-informazzjoni inkluża fl-Anness VIII.

*Artikolu 4*

**Assi sottostanti**

Ir-rekwiżiti ta' informazzjoni stabbiliti fl-Artikolu 3 japplikaw għal strumenti finanzjarji strutturati garantiti mill-assi sottostanti li ġejjin

(a) ipoteki residenzjali: din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati tinkludi strumenti finanzjarji strutturati garantiti minn ipoteki primi u mhux primi u self fuq l-ekwità ta' dar. Għal din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati. Għal din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati, l-informazzjoni inkluża fil-mudell fl-Anness I tkun ipprovduta għas-sit tal-SFIs;

([1]) Direttiva 2003/71/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 dwar il-prospett li għandu jiġi ppubblikat meta titoli jiġu offruti lill-pubbliku jew jiġu ammessi għall-kummerċ u li temenda d-Direttiva 2001/34/KE (ĠU L 345, 31.12.2003, p. 64).

(b) ipoteki kummerċjali: din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati tinkludi strumenti finanzjarji strutturati garantiti minn self għal proprjetà kummerċjali jew uffiċċji, selfa għal sptar, residenzi tal-kura, faċilitajiet tal-ħżin, self għal lukandi, faċilitajiet ta' infermerija, self industrijali, u proprjetajiet multifamiljari. Għal din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati, l-informazzjoni inkluża fil-mudell fl-Anness II tkun ipprovduta għas-sit tal-SFIs;

(c) self lil intrapriżi żgħar u medji: għal din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati, l-informazzjoni inkluża fil-mudell fl-Anness III tkun ipprovduta għas-sit tal-SFIs;

(d) self għal karozza: għal din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati, l-informazzjoni inkluża fil-mudell fl-Anness IV tkun ipprovduta għas-sit tal-SFIs;

(e) self għal konsum: għal din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati, l-informazzjoni inkluża fil-mudell fl-Anness V tkun ipprovduta għas-sit tal-SFIs;

(f) self fuq il-karti tal-kreditu: għal din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati, l-informazzjoni inkluża fil-mudell fl-Anness VI tkun ipprovduta għas-sit tal-SFIs;

(g) self għal individwi u/jew negozji: għal din il-klassi ta' strumenti finanzjarji strutturati, l-informazzjoni inkluża fil-mudell fl-Anness VII tkun ipprovduta għas-sit tal-SFIs;

*Artikolu 5*

**Frekwenza tar-rapportar**

1. L-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 3(a) u (d) tkun disponibbli fuq bażi trimestrali, mhux aktar tard minn xahar wara d-data li fiha hu dovut il-ħlas ta' imgħax fuq l-istrument finanzjarju strutturat inkwistjoni.

2. L-informazzjoni stipulata fl-Artikolu 3(b) u (c) tkun disponibbli mingħajr dewmien wara l-ħruġ ta' strument finanzjarju strutturat.

3. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-paragrafi 1 u 2:

(a) fejn ir-rekwiżiti stipulati fl-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([1]) dwar abbuż minn informazzjoni privileġġata u manipulazzjoni tas-suq (abbuż tas-suq) japplikaw ukoll fir-rigward ta' strument finanzjarju strutturat, kwalunkwe żvelar ta' informazzjoni skont dak l-Artikolu sussegwentement jiġi wkoll ippubblikat mingħajr dewmien fuq is-sit tal-SFIs mill-entità relatriċi;

(b) fejn il-punt (a) ma japplikax, l-entità li tirrapporta tagħmel dan mingħajr dewmien dwar kwalunkwe tibdil sinifikanti fis-sit tal-SFIs jew avveniment fi kwalunkwe mill-każijiet li ġejjin:

(i) ksur tal-obbligi stabbiliti fid-dokumenti pprovduti skont l-Artikolu 3(b);

(ii) karatteristiċi strutturali li jista' jkollhom impatt materjali fuq il-prestazzjoni tal-istrument finanzjarju strutturat;

(iii) il-karatteristiċi ta' riskju tal-istrumenti finanzjarju strutturat u tal-assi sottostanti.

*Artikolu 6*

**Proċeduri ta' rapportar**

1. L-entità relatriċi tissottometti fajls tad-data skont is-sistema ta' rappurtar tas-sit tal-SFIs u l-istruzzjonijiet tekniċi li għandhom jiġu pprovduti mill-ESMA fuq is-sit tagħha.

([1]) Ir-Regolament (UE) Nru 596/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-abbuż tas-suq (Regolament dwar l-abbuż tas-suq) u li jħassar id-Direttiva 2003/6/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttivi tal-Kummissjoni 2003/124/KE, 2003/125/KE u 2004/72/KE (ĠU L 173, 12.6.2014, p. 1).

2. L-ESMA tippubblika dawk l-istruzzjonijiet tekniċi fuq is-sit tagħha mhux aktar tard mill-1 ta' Lulju 2016.

3. L-entità relatriċi taħżen il-fajls mibgħuta lil u li jaslu lis-sit tal-SFIs f'forma elettronika għal mill-inqas ħames snin. Fuq talba, dawn il-fajls ikunu disponibbli mill-entità li tirrapporta jew l-emittent, l-oriġinatur jew l-isponser lill-awtoritajiet settorjali kompetenti kif definit fl-Artikolu 3(1)(r) tar-Regolament (KE) Nru 1060/2009.

4. Fejn l-entità relatriċi jew l-emittent, l-oriġinatur jew l-isponser, jidentifikaw żbalji fattwali fid-dejta li tkun ġiet ipprovduta lis-sit tal-SFIs jikkoreġu d-dejta rilevanti mingħajr dewmien żejjed.

*Artikolu 7*

**Ir-rapportar bejn id-data tad-dħul fis-seħħ u d-data ta' applikazzjoni**

1. Fir-rigward ta' strumenti finanzjarji strutturati maħruġa fil-perjodu ta' żmien bejn id-data tad-dħul fis-seħħ u d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, l-emittent, l-oriġinatur u l-isponser jikkonformaw mar-rekwiżiti ta' rappurtar stabbiliti f'dan ir-Regolament biss fir-rigward tal-istrumenti finanzjarji strutturati li jkunu għadhom pendenti fid-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

2. L-emittent, l-oriġinatur u l-isponser ma jkunux meħtieġa li jakkumulaw l-informazzjoni meħtieġa skont dan ir-Regolament bejn id-data tad-dħul fis-seħħ u d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 8*

**Id-dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Japplika mill-1 ta' Jannar 2017.

Madankollu, l-Artikolu 6(2) japplika mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-30 ta' Settembru 2014.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
José Manuel BARROSO

*ANNESS I*

**Mudell tar-Rappurtar għal strumenti finanzjarji strutturati abbażi ta' ipoteki residenzjali**

ASSI:

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Data tal-Maturità tal-Pula | Dinamiku | Data | Data tal-maturità tal-pula jew tal-portafoll. Id-dati kollha jieħdu l-format ta' SSSS-XX-JJ. |
| Identifikatur tal-Pula | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur tal-pula jew tal-portafoll/isem tat-tranżazzjoni. |
| Identifikatur tas-selfa | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku (ID) għal kull selfa. L-ID tas-selfa ma għandux jinbidel matul il-perjodu tat-tranżazzjoni. |
| Oriġinatur | Statiku | Test | Il-mutwanti li avvanza s-selfa oriġinali. |
| Identifikatur tas-Serviser | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku għal kull serviser biex jimmarka liema entità tkun qiegħda tisservizzja s-selfa. |
| Identifikatur tal-mutwatarju | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku (ID) għal kull mutwatarju (li ma jurix l-isem reali) - biex jippermetti li mutwatarji b'selfiet multipli fil-pula jiġu identifikati (pereż. avvanzi ulterjuri/tieni rahan jintwerew bħala entrati separati). L-ID tal-mutwatarju ma għandux jinbidel matul il-perjodu tat-tranżazzjoni. |
| Identifikatur tal-Proprjetà | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku għal kull proprjetà biex jippermetti li jiġu identifikati proprjetajiet b'selfiet multipli fil-pula (pereż. avvanzi ulterjuri/tieni rahan jintwerew bħala entrati separati). |
| **Informazzjoni dwar il-mutwatarju** | | | |
| Stat ta' Impjieg tal-Mutwatarju | Statiku | Lista | L-istat ta' impjieg tal-applikant primarju. |
| Introjtu Primarju | Statiku | Numeriku | Introjtu primarju gross annwali sottoskritt tal-mutwatarju (mhux kera). |
| Verifika tal-Introjtu għall-Introjtu Primarju | Statiku | Lista | Verifika tal-introjtu għall-introjtu primarju. |
| **Karatteristiċi tas-selfa** | | | |
| Data tal-Oriġini tas-Selfa | Statiku | Data/Numeriku | Data tal-avvanz oriġinali tas-selfa. |
| Data tal-Maturità tas-Selfa | Dinamiku | Data/Numeriku | Id-data tal-maturità tas-selfa. |
| Għan | Statiku | Lista | Għan tas-selfa. |
| Terminu tas-Selfa | Statiku | Numeriku | Terminu kuntrattwali oriġinali (għadd ta' xhur). |
| Denominazzjoni tal-Munita tas-Selfa | Statiku | Lista | Id-denominazzjoni tal-munita tas-selfa. |
| Bilanċ Oriġinali | Statiku | Numeriku | Bilanċ oriġinali tas-selfa (inklużi t-tariffi). |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Bilanċ Kurrenti | Dinamiku | Numeriku | Ammont tas-selfa pendenti fid-data tal-maturità tal-pula. Dan għandu jinkludi kwalunkwe ammont li jkun garantit bl-ipoteka u se jiġi kklassifikat bħala kapital fit-tranżazzjoni. |
| Metodu ta' Ripagament | Statiku | Lista | Tip ta' ripagament tal-kapital. |
| Frekwenza tal-Pagament | Statiku | Lista | Frekwenza tal-pagamenti dovuti, jiġifieri l-għadd ta' xhur bejn il-pagamenti. |
| Pagament Dovut | Dinamiku | Numeriku | Pagament kuntrattwali perjodiku dovut (il-pagament dovut jekk ma jkunx hemm fis-seħħ arranġament ieħor ta' pagament). |
| Tip ta' Pagament | Statiku | Lista | Tip ta' pagament tal-kapital. |
| **Rata tal-Imgħax** | | | |
| Tip ta' Rata tal-Imgħax | Statiku | Lista | Tip ta' rata tal-imgħax. |
| Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Dinamiku | Lista | Indiċi tar-rata tal-imgħax kurrenti (ir-rata ta' referenza li magħha tiġi stabbilita r-rata tal-imgħax tal-ipoteka). |
| Rata tal-Imgħax Kurrenti | Dinamiku | Numeriku | Rata tal-imgħax kurrenti (%). |
| Marġini tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Dinamiku | Numeriku | Marġini tar-rata tal-imgħax kurrenti (għal self b'rata fissa dan huwa l-istess bħar-rata tal-imgħax kurrenti, għal self b'rata varjabbli, dan huwa l-marġini fuq (jew taħt jekk l-input ikun fin-negattiv) ir-rata tal-indiċi). |
| Intervall għar-Risettjar tar-Rata tal-Imgħax | Dinamiku | Numeriku | L-intervall f'xhur li bih tiġi aġġustata r-rata tal-imgħax (għal self b'rata varjabbli). |
| Marġini ta' Reviżjoni 1 | Dinamiku | Numeriku | Il-marġini (%) għas-selfa fl-ewwel data ta' reviżjoni. |
| Data ta' Reviżjoni tal-Imgħax 1 | Dinamiku | Data/Numeriku | Id-data meta terġa' tinbidel ir-rata tal-imgħax (pereż. jinbidel il-marġini ta' skont, jintemm il-perjodu fiss, is-selfa terġa' tiġi ffissata, eċċ. Din mhijiex id-data tal-risettjar LIBOR li jmiss). |
| Marġini ta' Reviżjoni 2 | Dinamiku | Numeriku | Il-marġini (%) għas-selfa fit-tieni data ta' reviżjoni. |
| Data ta' Reviżjoni tal-Imgħax 2 | Dinamiku | Data/Numeriku | Id-data tat-tieni bidla fir-rata tal-imgħax. |
| Marġini ta' Reviżjoni 3 | Dinamiku | Numeriku | Il-marġini (%) għas-selfa fit-tielet data ta' reviżjoni. |
| Data ta' Reviżjoni tal-Imgħax 3 | Dinamiku | Data/Numeriku | Id-data tat-tielet bidla fir-rata tal-imgħax. |
| Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Rivedut | Dinamiku | Lista | Indiċi tar-rata tal-imgħax li jmiss. |
| **Proprjetà u Kollateral Addizzjonali** | | | |
| Kodiċi Postali tal-Proprjetà | Statiku | Test/Numeriku | Bħala minimu jridu jingħataw l-ewwel żewġ jew tliet karattri. |
| Tip ta' Proprjetà | Statiku | Lista | Tip ta' proprjetà. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Proporzjon Selfa għall-Valur Oriġinali | Statiku | Numeriku | Proporzjon tas-Selfa għall-Valur (LTV) oriġinali sottoskritta tal-oriġinatur. Għal selfiet tat-tieni rahan dan ikun l-LTV kombinat jew totali. |
| Ammont tal-Valwazzjoni | Statiku | Numeriku | Valur tal-proprjetà fid-data tal-aħħar avvanz tas-selfa qabel titolizzazzjoni. Ammonti tal-valwazzjoni jkunu fl-istess munita bħas-selfa. |
| Tip ta' Valwazzjoni Oriġinali | Statiku | Lista | Tip ta' valwazzjoni fl-oriġini. |
| Data tal-Valwazzjoni | Statiku | Data/Numeriku | Data tal-aħħar valwazzjoni tal-proprjetà meta jsir l-aħħar avvanz ta' selfa qabel titolizzazzjoni. |
| Proporzjon attwali tas-Selfa għall-Valur | Dinamiku | Numeriku | Proporzjon attwali tas-Selfa għall-Valur (LTV) tal-oriġinatur. Għal selfiet tat-tieni rahan dan ikun l-LTV kombinat jew totali. |
| Ammont Attwali tal-Valwazzjoni | Dinamiku | Numeriku | L-ammont l-aktar riċenti tal-valwazzjoni (jekk pereżempju fil-pussess mill-ġdid kien hemm valwazzjonijiet multipli, dan jirrifletti l-aktar wieħed baxx). Ammonti tal-valwazzjoni jkunu fl-istess munita bħas-selfa. |
| Tip ta' Valwazzjoni Attwali | Dinamiku | Lista | Tip ta' valwazzjoni attwali. |
| Data tal-Valwazzjoni Attwali | Dinamiku | Data/Numeriku | Data tal-aktar valwazzjoni riċenti. |

**Informazzjoni dwar il-Prestazzjoni**

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Status tal-Kont | Dinamiku | Lista | Status attwali tal-kont. |
| Bilanċ tal-Arretrati | Dinamiku | Numeriku | Bilanċ attwali tal-arretrati. Arretrati definiti bħala: pagamenti dovuti sal-lum TNAQQAS MINNHOM il-pagamenti totali riċevuti sal-lum TNAQQAS MINNHOM kwalunkwe ammont kapitalizzat. Dan ma jinkludi l-ebda tariffa applikata għall-kont. |
| Għadd ta' Xhur f'Arretrati | Dinamiku | Numeriku | Għadd ta' xhur f'arretrati għal din is-selfa (fid-data tal-maturità tal-pula) skont id-definizzjoni tal-emittent. |
| Arretrati Xahar Ilu | Dinamiku | Numeriku | Bilanċ tal-arretrati (definit skont il-'bilanċ tal-arretrati') għax-xahar ta' qabel. |
| Arretrati Xahrejn Ilu | Dinamiku | Numeriku | Bilanċ tal-arretrati (definit skont il-'bilanċ tal-arretrati') xahrejn ilu. |
| Litigazzjoni | Dinamiku | Iva/Le | Immarka biex tindika li huma fis-seħħ proċeduri ta' litigazzjoni. |
| Data tat-Tifdija | Dinamiku | Data/Numeriku | Data li fiha jinfeda l-kont. |
| Inadempjenza jew Preklużjoni | Dinamiku | Numeriku | Ammont totali ta' inadempjenza qabel l-applikazzjoni tar-rikavati mill-bejgħ u l-irkupri. |
| Data tal-Inadempjenza jew tal-Preklużjoni | Dinamiku | Numeriku | Data tal-inadempjenza jew tal-preklużjoni. |
| Limitu l-baxx tal-Prezz tal-Bejgħ | Dinamiku | Numeriku | Prezz miksub għall-bejgħ ta' proprjetà fil-każ ta' preklużjoni, arrodontit għall-eqreb 10k. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Telf mill-Bejgħ | Dinamiku | Numeriku | Telf totali wara li jitnaqqsu t-tariffi, l-imgħax dovut, eċċ. wara l-applikazzjoni tar-rikavati mill-bejgħ (eskluża l-imposta fuq il-prepagament jekk subordinata għall-irkupri tal-kapital). |
| Irkupri Kumulattivi | Dinamiku | Numeriku | Irkupri kumulattivi – rilevanti biss għal każijiet b'telf. |

INFORMAZZJONI DWAR IL-BONDS:

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Attributi f'Dejta fuq Livell ta' Titolu jew Bond** | | | |
| Data tar-Rapport | Dinamiku | Data | Data li fiha nħareġ ir-rapport dwar it-tranżazzjoni. Id-dati kollha jieħdu l-format ta' SSSS-XX-JJ. |
| Emittent | Statiku | Test | Isem l-emittent u s-serje tal-ħruġ, jekk applikabbli. |
| Prelevamenti taħt il-Faċilità ta' Likwidità | Dinamiku | Iva/Le | Ikkonferma jekk kienx hemm prelevament jew le taħt il-faċilità ta' likwidità fil-perjodu li jintemm fl-aħħar data tal-pagament tal-imgħax. |
| **Attributi f'Dejta fuq Livell tal-Kollateral** | | | |
| Kejl/Proporzjonijiet tal-Iskattaturi | Dinamiku | Iva/Le | Status ta' diversi kejlijiet u proporzjonijiet tad-delinkwenza, dilwizzjoni, inadempjenza, telf u kejlijiet u proporzjonijiet simili tal-kollateral fir-rigward tal-amortizzament bikri tagħhom jew livelli oħra ta' avvenimenti ta' skattar, bħal fid-data tad-determinazzjoni attwali. Seħħ xi avveniment ta' skattar? |
| Rata Medja ta' Prepagament Kostanti | Dinamiku | Numeriku | Ir-rapport għandu jinkludi l-veloċita tar-Rata Kostanti ta' Prepagament (CPR) Medja (Avg) tas-selfiet ipotekarji residenzjali sottostanti. F'xi ġuriżdizzjonijiet, il-pula ipotekarja tista' tinkludi wkoll selfiet kummerċjali. Il-veloċità Avg CPR hija l-ammont espress bħala l-perċentwali annwalizzat tal-kapital prepagat lil hinn mill-repagamenti skedati. Il-veloċità Avg CPR tiġi kalkulata billi l-ewwel il-Bilanċ tal-Kapital tas-Selfa Ipotekarja Residenzjali Attwali (jiġifieri l-bilanċ attwali) jiġi diviż bil-Bilanċ tal-Kapital tas-Selfa Ipotekarja Residenzjali Skedat u bis-suppożizzjoni li ma sarux prepagamenti (jiġifieri li tħallsu biss ripagamenti skedati). Il-kwozjent imbagħad jittella' esponenzjalment, fejn l-esponent ikun tnax diviż bin-numru ta' xhur mill-ħruġ. Naqqas dan ir-riżultat minn wieħed u mbagħad immultiplikah b'mija (100) sabiex tiddetermina l-veloċità tal-Avg CPR. Dan il-kalkolu huwa espress kif ġej: $\text{Avg CPR} = 100\left(1 - \left(\left(\frac{\text{Bilanċ tal} - \text{Kapital tas} - \text{Selfa Ipotekarja Residenzjali Attwali}}{\text{bil} - \text{Bilanċ tal} - \text{Kapital tas} - \text{Selfa Ipotekarja Residenzjali Skedat}}\right)^{\frac{12}{\text{Xhur mill} - \text{ħruġ}}}\right)\right)$ |
| **Informazzjoni ta' Kuntatt tar-Rapport dwar it-Tranżazzjoni** | | | |
| Punt ta' Kuntatt | Statiku | Test | Isem tad-dipartiment jew il-persuna/i ta' kuntatt tas-sorsi ta' informazzjoni. |
| Informazzjoni ta' Kuntatt | Statiku | Test | Numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku. |

INFORMAZZJONI DWAR IL-BONDS SKONT IS-SEGMENT:

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Attributi fil-Livell tas-Segment** | | | |
| Isem il-Klassi tal-Bond | Statiku | Test/Numeriku | Id-designazzjoni (ġeneralment ittra u/jew numru) mogħti lil segment tal-RMBS li jkollu l-istess drittijiet, prijoritajiet u karatteristiċi kif definiti fil-prospett, jiġifieri Serje 1 Klassi A1, eċċ. |
| Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli | Statiku | Test/Numeriku | Kodiċi jew kodiċijiet internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli, jew jekk ma jkunx hemm ISIN, allura kwalunkwe kodiċi uniku ieħor tat-titoli bħal CUSIP, assenjat lil dan is-segment minn kambju jew entità oħra. Jekk ikun hemm aktar minn kodiċi wieħed, daħħalhom delimitati b'virgola. |
| Data tal-Pagament tal-Imgħax | Dinamiku | Data | Data perjodika li fiha jkun skedat li jseħħ pagament tal-imgħax lid-detenturi ta' segment speċifiku ta' strument finanzjarju strutturat abbażi ta' ipoteka residenzjali. |
| Data tal-Pagament tal-Kapital | Dinamiku | Data | Data perjodika li fiha jkun skedat li jseħħ pagament tal-kapital lid-detenturi ta' segment speċifiku ta' strument finanzjarju strutturat abbażi ta' ipoteka residenzjali. |
| Munita | Statiku | Test | Unità(jiet) tal-kambju li fihom jiġu rrappurtati l-bilanċ(i) u l-pagamenti f'livell ta' titolu. |
| Rata ta' Referenza | Statiku | Lista | Indiċi tal-imgħax ta' referenza bażi kif definit fid-dokument tal-offerta (pereż. Euribor tielet xhur) applikabbli għal segment speċifiku ta' strument finanzjarju strutturat abbażi ta' ipoteka residenzjali. |
| Data tal-Ħruġ tal-Bonds | Statiku | Data | Data li fiha nħarġu l-bonds. |

*ANNESS II*

**Dejta fil-Livell tas-Selfa - Mudell tar-Rappurtar għal strumenti finanzjarji strutturati abbażi ta' ipoteki kummerċjali**

SELFA:

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Identifikaturi tas-Selfa** | | | |
| Identifikatur tal-Pula tat-Tranżazzjoni | Statiku | Test/Numeriku | Isem uniku tat-tranżazzjoni jew tan-negozju mwettaq. |
| Data tal-Maturità tal-Pula | Dinamiku | Data | Data tal-maturità tal-pula jew tal-portafoll attwali. |
| Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Data | Data tal-ħruġ tan-negozju mwettaq - L-ewwel data tal-elenkar tal-bond |
| **Termini tas-Selfa Oriġinali** | | | |
| Identifikatur tal-Grupp | Statiku | Test/Numeriku | Kodiċi alfanumeriku assenjat lil kull grupp tas-selfa fi ħdan ħarġa. |
| Identifikatur tas-Serviser tas-Selfa | Statiku | Test/Numeriku | L-istring ta' identifikazzjoni unika tas-serviser tas-selfa assenjat lis-selfa. |
| Identifikatur tas-Selfa fiċ-Ċirkolari tal-Offerta | Statiku | Test/Numeriku | Numru uniku taċ-ċirkolari tal-offerta jew il-prospett jew isem is-selfa tat-tranżazzjoni assenjat lis-selfa fi ħdan it-tranżazzjoni jew il-pula. |
| Sponsor tas-Selfa | Statiku | Test/Numeriku | Sponsor tas-selfa. |
| Data tal-Oriġini tas-Selfa | Statiku | Data | Data tal-avvanz oriġinali tas-selfa. |
| Munita tas-Selfa | Statiku | Lista | Denominazzjoni tal-munita tas-selfa. |
| Bilanċ Sħiħ tas-Selfa fid-Data tal-Oriġini | Statiku | Numeriku | Bilanċ sħiħ tas-selfa fl-oriġini li jirrappreżenta 100 % faċilità sħiħa, jiġifieri l-ammont titolizzat u mhux titolizzat/possedut u mhux possedut (fil-munita tas-selfa). |
| Terminu Oriġinali tas-Selfa | Statiku | Numeriku | Terminu kuntrattwali (f'xhur) fid-data tal-Oriġini. |
| Data tal-Bidu tal-Amortizzament | Statiku | Data | Data meta se jibda l-amortizzament fuq is-selfa sħiħa (din tista' tkun data qabel id-data tat-titolizzazzjoni). |
| Kodiċi tal-Indiċi tar-Rata tal-Imgħax | Statiku | Lista | Indiċi tar-rata tal-imgħax kurrenti (ir-rata ta' referenza li magħha tiġi stabbilita r-rata tal-imgħax tal-ipoteka). |
| Rata tal-Imgħax Oriġinali fuq is-Selfa | Statiku | Numeriku | Rata tal-imgħax komprensiva fuq is-selfa fid-data tal-oriġini. Jekk segmenti multipli b'rati tal-imgħax differenti, allura tapplika rata medja ponderata. |
| L-Ewwel Data Dovuta tal-Pagament tal-Imgħax | Statiku | Data | Data ta' meta kien dovut l-ewwel pagament tal-imgħax wara d-data tal-oriġini. |
| Pajjiż tas-Selfa | Statiku | Lista | Pajjiż tas-Selfa. |
| Għan tas-Selfa | Statiku | Lista | Għan tas-selfa. |
| Garanzija Ipotekarja | Statiku | Iva/Le | Is-selfa hija ggarantit b'ipoteki fuq il-proprjetajiet? |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Statistika tas-Selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni** | | | |
| Proporzjon ta' Kopertura tas-Servizz tad-Dejn għas-selfa (sħiħa) fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Numeriku | Proporzjon ta' Kopertura tas-Servizz tad-Dejn għas-selfa (sħiħa) fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Proporzjon ta' Selfa għall-Valur għas-selfa (sħiħa) fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Numeriku | Proporzjon ta' Selfa għall-Valur għas-selfa (sħiħa) fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Proporzjon ta' Kopertura tal-Imgħax fid-Data tat-Titolizzazzjoni (Selfa A) | Statiku | Numeriku | Kalkolu tal-proporzjon ta' kopertura tal-imgħax fit-titolizzazzjoni għas-Selfa A abbażi tad-dokumentazzjoni tal-offerta. |
| Proporzjon ta' Kopertura tas-Servizz tad-Dejn fid-Data tat-Titolizzazzjoni (Selfa A) | Statiku | Numeriku | Kalkolu tal-proporzjon ta' kopertura tas-servizz tad-dejn fit-titolizzazzjoni għas-Selfa A abbażi tad-dokumentazzjoni tal-offerta. |
| Proporzjon ta' Selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni għall-Valur (Selfa A) | Statiku | Numeriku | Fil-Proporzjon tas-Selfa għall-Valur (LTV) fit-titolizzazzjoni għas-Selfa A abbażi tad-dokumentazzjoni tal-offerta. |
| Bilanċ tal-Kapital Impenjat fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Numeriku | Bilanċ impenjat, inklużi kwalunkwe ammonti mhux prelevati, tas-selfa sħiħa fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Bilanċ Attwali tal-Kapital fid-Data tat-Titolizzazzjoni (Selfa Sħiħa) | Statiku | Numeriku | Bilanċ Attwali tal-Kapital tas-selfa sħiħa fid-Data tat-Titolizzazzjoni kif identifikat fiċ-ċirkolari tal-offerta. |
| Pagament Perjodiku tal-Kapital u l-Imgħax fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Numeriku | L-ammont skedat ta' kapital u mgħax dovut fid-Data tal-Pagament tas-Selfa li jmiss fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Rata tas-Selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Numeriku | Rata tal-imgħax totali (eż. Libor + Marġini) li qiegħda tintuża biex jiġi kkalkulat l-imgħax dovut fuq is-selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Gradazzjoni tal-Imposta fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Lista | Il-garanzija mogħtija lit-Titolizzazzjoni hija garanzija tal-ewwel gradazzjoni? |
| Terminu li Fadal fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Numeriku | Għadd ta' xhur li fadal (eskluża kwalunkwe opzjoni ta' estensjoni) sal-maturità tas-selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Terminu ta' Amortizzament li Fadal fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Numeriku | Għadd ta' xhur li fadal sal-maturità tas-selfa mit-terminu ta' amortizzament. Jekk l-amortizzament ma jkunx beda fid-Data tat-Titolizzazzjoni, dan ikun anqas mit-Terminu li Fadal fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Data tal-Maturità tas-Selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Data | Data tal-maturità tas-selfa kif definita fil-ftehim tas-selfa. Din ma tikkunsidra l-ebda data tal-maturità estiża li tista' tkun permessa skont il-ftehim tas-selfa, iżda d-data tal-maturità inizjali. |
| Bilanċ Attwali tal-Kapital fid-Data tat-Titolizzazzjoni (Selfa A) | Statiku | Numeriku | Bilanċ Attwali tal-Kapital tas-selfa tan-Nota A fid-Data tat-Titolizzazzjoni kif identifikat fiċ-ċirkolari tal-offerta. |
| Opzjoni ta' Estensjoni | Dinamiku | Iva/Le | Indika jekk hemmx opzjoni biex jiġi estiż it-terminu tas-self u tittawwal id-data tal-maturità. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Durata tal-Iqsar Opzjoni ta' Estensjoni | Statiku | Numeriku | Durata f'xhur tal-iqsar opzjoni ta' estensjoni disponibbli għas-selfa. |
| Natura tal-opzjoni ta' estensjoni | Statiku | Lista | Tip ta' opzjoni ta' estensjoni. |
| **Dettalji tal-Kollateral** | | | |
| Għadd ta' Proprjetajiet fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Numeriku | Għadd ta' proprjetajiet li jservu bħala garanzija għas-selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Għadd ta' Proprjetajiet fid-Data tal-maturità tal-Pula | Dinamiku | Numeriku | Għadd ta' proprjetajiet li jservu ta' garanzija għas-selfa fid-data tal-maturità tal-pula. |
| Proprjetajiet Kollateralizzati għas-Selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Statiku | Test/Numeriku | Daħħal l-identifikaturi uniċi tal-proprjetà (PC1) tal-proprjetajiet li servew bħala garanzija għas-selfa fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Proprjetajiet Kollateralizzati għas-Selfa fid-data tal-maturità tal-Pula | Dinamiku | Test/Numeriku | Daħħal l-identifikaturi uniċi tal-proprjetà (PC1) tal-proprjetajiet li jservu bħala garanzija għas-selfa fid-data tal-maturità. |
| **Dettalji tal-Patt tas-Selfa** | | | |
| Data tal-Valwazzjoni fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Dinamiku | Data | Id-data meta tħejjiet il-valwazzjoni għall-valuri divulgati fiċ-ċirkolari tal-offerta. |
| Valur tal-Possess Vakant fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Dinamiku | Numeriku | Valur tal-Possess Vakant fid-Data tat-Titolizzazzjoni. |
| Erja Kummerċjali | Dinamiku | Numeriku | L-erja Kummerċjali totali netta li tista' tinkera tal-proprjetà f'metri kwadri li sservi bħala garanzija għas-selfa fl-aktar rapport ta' valwazzjoni riċenti. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Erja Residenzjali | Dinamiku | Numeriku | L-erja residenzjali totali netta li tista' tinkera tal-proprjetà f'metri kwadri li sservi bħala garanzija għas-selfa skont l-aktar rapport ta' valwazzjoni riċenti. |
| Munita tal-informazzjoni Finanzjarja | Dinamiku | Lista | Denominazzjoni tal-munita tas-selfa. |
| **Dettalji Finanzjarji YTD l-Aktar Riċenti tal-Proprjetà** | | | |
| Perċentwal Allokat Attwali tas-Selfa | Dinamiku | Numeriku | Il-perċentwal allokat tas-selfa attribwibbli għall-proprjetà fid-Data tal-Pagament tas-Selfa meta jkun hemm aktar minn proprjetà waħda li tiggarantixxi s-selfa, is-somma tal-perċentwali kollha għandha tkun 100 %. Dan jista' jkun stipulat fil-Ftehim tas-Selfa. |
| Ammont Allokat Attwali tat-Tmiem tas-Selfa | Dinamiku | Numeriku | Applika l-perċentwal Allokat Attwali għall-Bilanċ Reali pendenti fuq is-Selfa. |
| L-Aktar informazzjoni Finanzjarja Riċenti mid-Data tal-Bidu | Dinamiku | Data | L-ewwel jum tal-informazzjoni finanzjarja użata għall-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel). |
| L-Aktar informazzjoni Finanzjarja Riċenti mid-Data tat-Tmiem | Dinamiku | Data | Id-data tat-tmiem tal-informazzjoni finanzjarja użata għall-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel). |
| L-Aħħar Xahar tas-Sena użat għar-Rappurtar tal-informazzjoni Finanzjarja | Dinamiku | Test/Numeriku | Daħħal ix-xahar li fih se tintemm l-informazzjoni finanzjarja għal kull sena (l-aktar riċenti, ta' qabel u t-tieni preċedenti). |
| L-Aktar Indikatur Finanzjarju Riċenti | Dinamiku | Lista | Dan l-attribut jintuża biex jiddeskrivi l-perjodu li għalih hija riflessal-aktar dejta finanzjarja riċenti. |
| Dħul l-Aktar Riċenti | Dinamiku | Numeriku | Id-dħul totali għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (eż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel) għall-proprjetajiet kollha. Għal proprjetajiet multipli, għodd flimkien id-dħul. |
| Spejjeż Operazzjonali l-Aktar Riċenti | Dinamiku | Numeriku | Spejjeż operazzjonali totali għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel) għall-proprjetajiet kollha. |
| Introjtu Operazzjonali Nett l-Aktar Riċenti | Dinamiku | Numeriku | Dħul totali tnaqqas minnu l-ispejjeż operazzjonali totali għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti. |
| Nefqa Kapitali l-Aktar Riċenti | Dinamiku | Numeriku | Nefqa Kapitali Totali (b'differenza mit-tiswijiet u l-manutenzjoni) għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel) għall-proprjetajiet kollha. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Fluss tal-Flus Nett l-Aktar Riċenti | Dinamiku | Numeriku | Introjtu Operazzjonali Nett Totali tnaqqas minnu l-Ispejjeż Kapitali għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti. |
| Ammont tas-Servizz tad-Dejn l-Aktar Riċenti | Dinamiku | Numeriku | Pagamenti totali skedati tal-kapital u l-imgħax dovuti matul il-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il Xahar ta' Qabel). |
| DSCR l-Aktar Riċenti (NOI) | Dinamiku | Numeriku | Ikkalkula d-DSCR fuq il-bażi tal-NOI għall-perjodu kopert mill-aktar rapport finanzjarju operazzjonali riċenti (pereż. Kull Xahar, Kull Tliet Xhur, Sena sad-Data jew it-12-il xahar ta' qabel). |
| Introjtu Kuntrattwali Annwali mill-Kera | Dinamiku | Numeriku | Introjtu kuntrattwali annwali mill-kera derivat mill-aktar skeda riċenti tal-kirja tal-Mutwatarju. |
| **Dettalji tal-Okkupanza tal-Proprjetà** | | | |
| Okkupanza mid-Data | Dinamiku | Data | Id-data tal-aktar pagament tal-kirja//skeda tal-kirja riċenti riċevut. (għall-proprjetajiet tal-ospitalità (lukandi) u tal-kura tas-saħħa uża l-okkupanza medja għall-perjodu li jirreferu għalih ir-rapporti finanzjarji). |
| Okkupanza Fiżika fid-Data tat-Titolizzazzjoni | Dinamiku | Numeriku | Fit-Titolizzazzjoni, il-perċentwal disponibbli ta' spazju li jista' jinkera li fil-fatt ikun okkupat (jiġifieri fejn l-inkwilini jkunu realment f'okkupazzjoni u mhux vakati). Għandu jiġi derivat mill-pagament tal-kirjiet jew dokument ieħor li jindika l-okkupanza b'mod konsistenti mal-informazzjoni tas-sena finanzjarja l-aktar riċenti. |
| Okkupanza Fiżika l-Aktar Riċenti | Dinamiku | Numeriku | L-aktar perċentwal riċenti disponibbli dwar l-ispazju li jista' jinkera li fil-fatt ikun okkupat (jiġifieri fejn l-inkwilini jkunu realment f'okkupazzjoni u mhux vakati). Għandu jiġi derivat mill-pagament tal-kirjiet jew dokument ieħor li jindika l-okkupanza b'mod konsistenti mal-informazzjoni tas-sena finanzjarja l-aktar riċenti. |
| Dejta Disponibbli Inkwilin b'Inkwilin | Dinamiku | Iva/Le | L-informazzjoni dwar l-inkwilini hija disponibbli fuq bażi ta' inkwilin b'inkwilin? |
| Termini Medji Ponderati tal-Lokazzjoni | Dinamiku | Numeriku | Termini medji ponderati tal-lokazzjoni fi snin. |
| Termini Medji Ponderati tal-Lokazzjoni (l-Ewwel Brejk) | Dinamiku | Numeriku | Termini medji ponderati tal-lokazzjoni (fi snin) wara l-opzjonijiet tal-ewwel brejk. |
| **Dettalji tal-Akbar Tliet Inkwilini** | | | |
| Perċentwali tal-Introjtu li jiskadi fi żmien xahar sa 12-il xahar | Dinamiku | Numeriku | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 1 sa 12 xahar. |
| Perċentwali tal-Introjtu li jiskadi fi żmien 13-il xahar sa 24 xahar | Dinamiku | Numeriku | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 13 sa 24 xahar. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Perċentwal tal-Introjtu li jiskadi fi żmien 25 sa 36 xahar | Dinamiku | Numeriku | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 25 sa 36 xahar. |
| Perċentwal tal-Introjtu li jiskadi fi żmien 37 sa 48 xahar | Dinamiku | Numeriku | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 37 sa 48 xahar. |
| Perċentwal tal-Introjtu li jiskadi fi żmien 49 xahar jew aktar | Dinamiku | Numeriku | Perċentwal tal-introjtu li jiskadi fi żmien 49 xahar jew aktar. |
| L-Akbar Inkwilin skont l-introjtu (Nett) | Dinamiku | Test/Numeriku | Isem tal-akbar inkwilin attwali skont il-kera netta. |
| Data tal-Iskadenza tal-Lokazzjoni tal-Akbar Inkwilin | Dinamiku | Data | Id-data ta' skadenza tal-lokazzjoni tal-akbar inkwilin attwali (skont il-kera netta). |
| Kera Pagabbli mill-Akbar Inkwilin | Dinamiku | Numeriku | Kera Annwali pagabbli mill-akbar inkwilin attwali. |
| It-Tieni l-Akbar Inkwilin skont l-Introjtu (Nett) | Dinamiku | Test/Numeriku | Isem tat-tieni l-akbar inkwilin attwali (skont il-kera netta). |
| Data tal-Iskadenza tal-Lokazzjoni tat-Tieni l-Akbar Inkwilin | Dinamiku | Data | Data ta' skadenza tal-lokazzjoni tat-tieni l-akbar inkwilin attwali (kera netta annwali). |
| Kera Pagabbli mit-Tieni l-Akbar Inkwilin | Dinamiku | Numeriku | Kera Pagabbli mit-tieni l-akbar inkwilin attwali. |
| It-Tielet l-Akbar Inkwilin skont l-Introjtu (Nett) | Dinamiku | Test/Numeriku | Isem tat-tielet l-akbar inkwilin attwali (skont il-kera netta). |
| Data tal-Iskadenza tal-Lokazzjoni tat-Tielet l-Akbar Inkwilin | Dinamiku | Data | Data ta' skadenza tat-tielet l-akbar inkwilin attwali (kera netta annwali). |
| Kera Pagabbli mit-Tielet l-Akbar Inkwilin | Dinamiku | Numeriku | Kera Pagabbli mit-tielet l-akbar inkwilin attwali. |
| Munita tal-Kera | Dinamiku | Lista | Denominazzjoni tal-munita tal-kera. |
| **Dettalji tal-Preklużjoni** | | | |
| Data li fiha l-Assi huwa Mistenni li jiġi Riżolt jew Preklużjoni | Dinamiku | Data | Data estimata li s-Serviser Speċjali jistenna r-riżoluzzjoni. Jekk ikun hemm aktar minn proprjetà waħda, daħħal l-aħħar data mill-proprjetajiet affiljati. Jekk fi preklużjoni = Id-Data Mistennija tal-Preklużjoni u jekk il-Pussess tal-Proprjetà = Id-Data Mistennija tal-Bejgħ. |
| Data tal-Bidu tal-Proċedimenti tal-Pussess | Dinamiku | Data | Data li fiha l-proċedimenti tal-preklużjoni jew il-proċeduri alternattivi ta' infurzar kienu mibdija kontra jew maqbula mill-mutwatarju. |
| Data tar-Riċevitura | Dinamiku | Data | Data li fiha nkiseb it-titolu għal (jew forma alternattiva ta' kontroll effettiv u l-abilità ta' disponiment minn) il-proprjetà tal-kollateral. |

INFORMAZZJONI DWAR IL-BONDS:

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Dettalji Ġenerali tal-Bonds** | | | |
| Identifikatur tal-Pula tat-Tranżazzjoni | Statiku | Test/Numerika | L-istring ta' identifikazzjoni unika tat-tranżazzjoni jew tal-pula. |
| Data tad-Distribuzzjoni | Statiku | Data | Id-data ta' pagament tal-imgħax u tal-kapital tas-segment tal-bond. |
| Data tar-Rekord | Statiku | Data | Data li minnha trid tinżamm il-klassi tan-nota sabiex titqies bħala detentur tar-rekord. |
| Isem il-Klassi tal-Bond | Statiku | Test/Numerika | Designazzjoni (ġeneralment ittra u/jew numru) mogħti lil segment ta' strument finanzjarju strutturat abbażi ta' ipoteka kummerċjali li juri l-istess drittijiet, prijoritajiet u karatteristiċi kif definiti fil-prospett, jiġifieri Serje 1 Klassi A1 eċċ. |
| CUSIP (Regola 144 A) | Statiku | Test/Numerika | Kodiċi ta' identifikazzjoni tat-titolu assenjat lil kull klassi ta' nota jew segment skont l-istandards stabbiliti mill-Kumitat dwar Proċeduri Uniformi għall-Identifikazzjoni tat-Titoli, numru għar-rekwiżiti tar-Regola 144 A jew kodiċi ieħor tat-titoli stabbilit minn kambju jew entità oħra. |
| Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli | Statiku | Test/Numerika | Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-titoli assenjat lil kull klassi ta' nota jew segment skont l-istandards stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandards (ISIN) jew kodiċi ieħor tat-titoli stabbilit minn kambju jew entità oħra. |
| Kodiċi Komuni (Regola 144 A) | Statiku | Test/Numerika | Kodiċi ta' identifikazzjoni b'disa' figuri maħruġ b'mod konġunt għal kull klassi ta' nota jew segment mis-CEDEL u l-Euroclear. |
| Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli (Reg. S) | Statiku | Test/Numerika | Kodiċi ta' identifikazzjoni tat-titoli assenjat lil kull klassi ta' nota jew segment skont l-istandards stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandards (ISIN) għar-rekwiżiti tar-Regolament S jew kodiċi ieħor tat-titoli stabbilit minn kambju jew entità oħra. |
| Kodiċi Komuni (Reg. S) | Statiku | Test/Numerika | Kodiċi ta' identifikazzjoni tat-titoli assenjat lil kull klassi ta' nota jew segment skont l-istandards stabbiliti mill-Kumitat dwar Proċeduri Uniformi għall-Identifikazzjoni tat-Titoli, numru għar-rekwiżiti tar-Regolament S jew kodiċi ieħor tat-titoli stabbilit minn kambju jew entità oħra. |
| Data tal-Ħruġ tal-Bond | Statiku | Data | Id-data tal-ħruġ tal-bond. |
| Data tal-Maturità Legali | Statiku | Data | Data li fiha klassi ta' nota jew segment speċifiku jridu jitħallsu lura sabiex ma jkunux f'inadempjenza. |
| Munita | Statiku | Lista | Tip ta' munita li fiha huwa espress il-valur monetarju tal-klassi tan-nota jew is-segment. |
| Bilanċ Oriġinali tal-Kapital | Statiku | Numeriku | Bilanċ kapitali oriġinali tal-klassi tan-nota jew is-segment speċifiku fid-data tal-ħruġ. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Dettalji tal-Kapital tal-Bonds** | | | |
| Bandiera Nozzjonali | Statiku | Iva/Le | Iva għal Nozzjonali, Le jekk din il-klassi ta' nota jew segment tkun imgħax biss, jiġifieri strip tal-imgħax biss. |
| Bilanċ tal-Kapital fil-Bidu | Statiku | Numeriku | Bilanċ pendenti tal-kapital tal-klassi tan-nota jew is-segment fil-bidu tal-perjodu attwali. |
| Kapital Skedat | Statiku | Numeriku | Il-kapital skedat imħallas lill-klassi tan-nota jew is-segment matul il-perjodu. |
| Kapital Mhux Skedat | Dinamiku | Numeriku | Kapital mhux skedat imħallas lill-klassi tan-nota jew is-segment matul il-perjodu. |
| Distribuzzjoni tal-Kapital Totali | Dinamiku | Numeriku | Kapital totali (skedat u mhux skedat) imħallas lill-klassi tan-nota jew is-segment matul il-perjodu. |
| Tip ta' Amortizzament | Statiku | Lista | Metodu ta' amortizzament li bih il-klassi tan-nota jew is-segment jitħallsu perjodikament. |
| Tul tal-Perjodu tal-Imgħax Biss | Statiku | Numeriku | Tul tal-perjodu ta' mgħax biss f'xhur. |
| Imgħax Kapitalizzat | Dinamiku | Numeriku | Kwalunkwe mgħax miżjud mal-bilanċ tal-klassi, inkluż l-amortizzament negattiv. |
| Telf ta' Kapital | Dinamiku | Numeriku | Telf totali ta' kapital għall-perjodu tar-rappurtar. |
| Telf Kumulattiv ta' Kapital | Dinamiku | Numeriku | Telf ta' kapital allokat b'mod kumulattiv sad-data. |
| Bilanċ tal-Kapital fit-Tmiem | Dinamiku | Numeriku | Bilanċ pendenti ta' kapital tal-klassi tan-nota jew is-segment fit-tmiem tal-perjodu kurrenti. |
| Fattur tan-Nota tal-Pagament | Dinamiku | Numeriku | Kapital imħallas fuq il-klassi tan-nota jew is-segment fil-perjodu tar-rappurtar bħala frazzjon tal-bilanċ (inizjali) oriġinali tan-nota jew is-segment (0<x< 1), sa 12-il punt deċimali. |
| Fattur tan-Nota tat-Tmiem | Dinamiku | Numeriku | Kapital tal-klassi tan-nota jew is-segment fit-tmiem wara l-pagamenti tal-perjodu tar-rappurtar attwali bħala frazzjon tal-bilanċ (inizjali) oriġinali tan-nota jew is-segment (0<x< 1), sa 12-il punt deċimali. |
| Data tal-Pagament tan-Nota li Jmiss | Dinamiku | Data | Id-data tal-pagament/distribuzzjoni tal-klassi tan-nota jew is-segment fil-perjodu li jmiss. |
| **Dettalji tal-Imgħax tal-Bond** | | | |
| Tip ta' Rata tal-Indiċi | Statiku | Lista | Indiċi tal-imgħax bażi ta' referenza kif definit fid-dokument tal-offerta applikabbli għall-klassi tan-nota jew is-segment speċifiċi. Indiċi tar-rata tal-imgħax attwali. |
| Rata tal-Indiċi Attwali | Dinamiku | Numeriku | Il-valur attwali tar-rata tal-indiċi applikata għall-klassi tan-nota jew is-segment speċifiċi matul il-perjodu tad-dovuti attwali, sa minimu ta' 5 postijiet deċimali. |
| Metodu tad-Dovuti | Statiku | Lista | Metodu tad-dovuti li bih jiġu kkalkulati perjodikament il-klassi tan-nota jew is-segment. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Ġranet tad-Dovuti Kurrenti | Dinamiku | Numeriku | Numru ta' ġranet tad-dovuti applikabbli għall-kalkolu tal-imgħax tar-rimessa fil-perjodu attwali. |
| Imgħax Dovut | Dinamiku | Numeriku | Ammont ta' mgħax dovut. |
| Limitu Massimu Applikabbli fuq il-Fondi Disponibbli | Statiku | Iva/Le | Il-klassi tan-Nota tibbenefika minn mekkaniżmu ta' Limitu Massimu fuq il-Fondi Disponibbli (AFC)? |
| Ammont tat-Tnaqqis fil-Valutazzjoni | Dinamiku | Numeriku | Tnaqqis fil-valutazzjoni attwali allokat għal din il-klassi. |
| Tnaqqis Kumulattiv fil-Valutazzjoni | Dinamiku | Numeriku | Tnaqqis allokat fil-valutazzjoni kumulattiva totali. |
| Distribuzzjoni Oħra tal-Imgħax | Dinamiku | Numeriku | Żidiet speċifiċi oħra mal-imgħax. |
| Nuqqas Attwali fl-Imgħax | Dinamiku | Numeriku | Ammont ta' nuqqas fl-imgħax għal dan il-perjodu ta' rappurtar għal din il-klassi. |
| Nuqqas Kumulattiv fl-Imgħax | Dinamiku | Numeriku | Nuqqas Kumulattiv fl-Imgħax sad-data. |
| Distribuzzjoni tal-Imgħax Totali | Dinamiku | Numeriku | Pagament totali tal-imgħax magħmul. |
| Bilanċ tal-Imgħax Mhux Imħallas fil-Bidu | Dinamiku | Numeriku | Nuqqas fl-imgħax pendenti fil-bidu tal-perjodu attwali. |
| Imgħax Mhux Imħallas għal Terminu Qasir | Dinamiku | Numeriku | Kwalunkwe mgħax differit fil-perjodu attwali u pagabbli fid-Data tal-Pagament li jmiss. |
| Imgħax Mhux Imħallas għal Terminu fit-Tul | Dinamiku | Numeriku | Kwalunkwe mgħax differit fil-perjodu attwali u pagabbli fid-Data tal-Maturità. |
| Avveniment ta' Skattar tal-Limitu Massimu fuq il-Fondi Disponibbli | Dinamiku | Iva/Le | Ġie skattat xi avveniment ta' Limitu Massimu fuq il-Fondi Disponibbli (AFC). |
| Rata tal-Indiċi tal-Perjodu li Jmiss | Dinamiku | Numeriku | Valur tar-rata tal-Indiċi fil-perjodu li jmiss. |
| Data tar-Risettjar tal-Indiċi li Jmiss | Dinamiku | Data | Data tar-risettjar tar-Rata tal-Indiċi fil-perjodu li jmiss. |
| **Dettalji tal-Faċilità ta' Likwidità** | | | |
| Faċilità ta' Likwidità - Bilanċ tal-Bidu | Dinamiku | Numeriku | Bilanċ inizjali tal-faċilità ta' likwidità. |
| Aġġustamenti fil-Faċilità tal-Likwidità | Dinamiku | Numeriku | Kwalunkwe aġġustament fil-faċilità tal-likwidità. |
| Prelevamenti mill-Faċilità tal-Likwidità | Dinamiku | Numeriku | Ammont prelevat mill-faċilità tal-likwidità. |
| Ripagamenti lill-Faċilità tal-Likwidità | Dinamiku | Numeriku | Ammonti tar-ripagamenti lill-faċilità tal-likwidità. |
| Bilanċ tal-Faċilità tal-Likwidità fl-Għeluq | Dinamiku | Numeriku | Bilanċ tal-għeluq. |
| Munita tal-Faċilità tal-Likwidità | Dinamiku | Lista | Munita tal-faċilità tal-likwidità. |

*ANNESS III*

**Dejta f'Livell tas-Selfa - Mudell tar-Rappurtar għal strumenti finanzjarji strutturati appoġġati b'self lil intrapriżi żgħar u medji**

ASSI:

| Isem tal-Attribut | Statiku/ Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Data tal-Maturità tal-Pula | Dinamiku | Data | Data tal-maturità tal-pula jew tal-portafoll attwali. |
| Identifikatur tal-Pula | Statiku | Test/Numeriku | L-istring ta' identifikazzjoni unika tat-tranżazzjoni jew tal-pula/isem it-tranżazzjoni. |
| Identifikatur tas-selfa | Statiku | Test/Numeriku | L-identifikatur uniku għal kull selfa. |
| Oriġinatur | Statiku | Test | Il-mutwanti li avvanza s-selfa oriġinali. |
| Identifikatur tas-Serviser | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku għal kull serviser biex jimmarka liema entità tkun qiegħda tisservizzja s-selfa. |
| Isem is-Serviser | Dinamiku | Test | Isem is-serviser. |
| Identifikatur tal-mutwatarju | Statiku | Test/Numeriku | L-identifikatur uniku għal kull mutwatarju - biex jippermetti li jiġu identifikati mutwatarji b'selfiet multipli fil-pula (pereż. aktar avvanzi/selfiet oħra murija bħala entrati separati) |

**Informazzjoni dwar l-Obbligant**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Pajjiż | Statiku | Lista | Pajjiż tal-istabbiliment permanenti. |
| Kodiċi Postali | Statiku | Test | Bħala minimu jridu jingħataw l-ewwel żewġ jew tliet karattri. Tagħtix il-kodiċi postali sħiħ. |
| Forma Legali tal-Obbligant/Tip ta' Negozju | Statiku | Lista | |
| Segment tal-Mutwatarju skont Basel III | Statiku | Lista | |
| Affiljat tal-Oriġinatur? | Statiku | Iva/Le | Il-mutwatarju huwa affiljat tal-oriġinatur? |
| Tip ta' Assi | Statiku | Lista | |
| Superjorità | Dinamiku | Lista | |
| Stima Interna mill-Bank tat-Telf fil-Każ ta' Inadempjenza (LGD) | Dinamiku | Numeriku | Telf fil-Każ ta' Inadempjenza f'kundizzjonijiet ekonomiċi normali. |
| Kodiċi Industrijali NACE | Statiku | Test/Numeriku | Kodiċi industrijali NACE tal-mutwatarju. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/ Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Karatteristiċi tal-Lokazzjoni** | | | |
| Data tal-Oriġini tas-Selfa | Statiku | Data | Data tal-avvanz oriġinali tas-selfa. |
| Data tal-Maturità Finali | Statiku | Data | Data tal-maturità finali tas-selfa. |
| Munita tad-Denominazzjoni tas-Selfa | Statiku | Lista | Denominazzjoni tas-selfa. |
| Selfa ħheġġjata | Dinamiku | Iva/Le | Is-selfa speċifika ġiet iħheġġjata għar-riskju tal-munita? |
| Bilanċ Oriġinali tas-Selfa | Statiku | Numeriku | Bilanċ oriġinali totali tas-selfa. |
| Bilanċ Kurrenti | Dinamiku | Numeriku | Ammont tas-selfa pendenti fid-data tal-maturità tal-pula. Dan għandu jinkludi kwalunkwe ammont li jkun ikklassifikat bħala kapital fit-tranżazzjoni. Pereżempju jekk ikunu ġew miżjuda tariffi mal-bilanċ tas-selfa u jkunu parti mill-kapital fit-tranżazzjoni, dawn għandhom jiġu miżjuda. Esklużi kwalunkwe arretrati ta' mgħax jew ammonti ta' penali. |
| Ammont tas-Selfa Titolizzat | Statiku | Numeriku | Bilanċ tas-selfa titolizzata fid-data tal-maturità |
| Frekwenza tal-Pagament tal-Kapital | Statiku | Lista | Frekwenza tal-pagamenti tal-kapital dovuti, jiġifieri n-numru ta' xhur bejn il-pagamenti. |
| Frekwenza tal-Pagament tal-Imgħax | Statiku | Lista | Frekwenza tal-pagamenti tal-imgħax dovuti, jiġifieri n-numru ta' xhur bejn il-pagamenti. |
| Tip ta' Amortizzament | Dinamiku | Lista | Tip ta' amortizzament. |
| Tip ta' Selfa | Statiku | Lista | |
| Ammont Balloon | Dinamiku | Numeriku | L-ammont tal-pagament tal-balloon |
| Tip ta' Pagament | Dinamiku | Lista | |
| **Rata tal-Imgħax** | | | |
| Rata tal-Imgħax Kurrenti | Dinamiku | Numeriku | Rata tal-imgħax attwali (%) |
| Rata Massima tal-Imgħax | Dinamiku | Numeriku | Limitu massimu tar-rata tal-imgħax (%). |
| Rata Minima tal-Imgħax | Statiku | Numeriku | Limitu minimu tar-rata tal-imgħax (%). |
| Tip ta' Rata tal-Imgħax | Dinamiku | Lista | Tip ta' Rata tal-Imgħax. |
| Indiċi tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Dinamiku | Lista | Indiċi tar-rata tal-imgħax kurrenti (ir-rata ta' referenza li magħha tiġi stabbilita r-rata tal-imgħax tal-ipoteka). |

| Isem tal-Attribut | Statiku/ Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Marġini tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Dinamiku | Numeriku | Il-marġini tar-rata tal-imgħax attwali (għal self b'rata fissa dan huwa l-istess bħar-rata tal-imgħax attwali, għal self b'rata varjabbli dan huwa l-marġini fuq jew taħt jekk l-input ikun negattiv) ir-rata tal-indiċi. |
| Perjodu tar-Risettjar tal-Imgħax | Statiku | Lista | |

**Informazzjoni dwar il-Prestazzjoni**

| | | | |
|---|---|---|---|
| Ammont ta' Arretrati tal-Imgħax | Dinamiku | Numeriku | Bilanċ attwali ta' arretrati tal-imgħax. |
| Numru ta' Ġranet f'Arretrati tal-Imgħax | Dinamiku | Numeriku | Għadd ta' jiem f'arretrati għal din is-selfa (fid-data tal-maturità tal-pula) skont id-definizzjoni tal-emittent. |
| Ammont ta' Arretrati tal-Kapital | Dinamiku | Numeriku | Bilanċ attwali ta' arretrati tal-kapital. Arretrati huma definiti bħala: Pagamenti totali tal-kapital dovut sal-lum TNAQQAS MINNHOM il-pagamenti totali ta' kapital riċevuti sal-lum TNAQQAS MINNHOM kwalunkwe ammont kapitalizzat. |
| Għadd ta' Ġranet f'Arretrati tal-Kapital | Dinamiku | Numeriku | Għadd ta' jiem f'arretrati għal din is-selfa (fid-data tal-maturità tal-pula) skont id-definizzjoni tal-emittent. |
| Inadempjenza jew Preklużjoni fuq is-selfa skont id-definizzjoni tat-tranżazzjoni | Dinamiku | Iva/Le | Jekk kienx hemm inadempjenza jew preklużjoni fuq is-self skont id-definizzjoni tat-tranżazzjoni. |
| Inadempjenza jew Preklużjoni fuq is-selfa skont id-definizzjoni ta' Basel III | Dinamiku | Iva/Le | Jekk kienx hemm inadempjenza jew preklużjoni fuq is-selfa skont id-definizzjoni ta' Basel III. |
| Raġuni għall-Inadempjenza (definizzjoni ta' Basel II) | Dinamiku | Lista | Bl-użu tad-Definizzjoni tar-Raġuni tal-Inadempjenza ta' Basel II. |
| Data tal-Inadempjenza | Dinamiku | Data | Data meta seħħet l-inadempjenza fuq is-selfa skont id-definizzjoni tal-inadempjenza tat-tranżazzjoni. |
| Ammont tal-Inadempjenza | Dinamiku | Numeriku | Ammont totali ta' inadempjenza (skont id-definizzjoni tal-inadempjenza tat-tranżazzjoni) qabel l-applikazzjoni tar-rikavati mill-bejgħ u l-irkupri. |
| Irkupri Kumulattivi | Dinamiku | Numeriku | L-irkupri totali li jinkludu r-rikavati kollha mill-bejgħ. Rilevanti biss għal selfiet li jkunu inadempjenti/ġew preklużi. |
| Telf Allokat | Dinamiku | Numeriku | Telf allokat sal-lum. |
| Data Meta Ġie Allokat it-Telf | Dinamiku | Data | Data meta kien allokat it-telf. |

PROFIL TAL-AMORTIZZAMENT:

| Isem tal-Attribut | Statiku/ Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Bilanċ Pendenti fil-Perjodu 1 | Dinamiku | Numeriku | Profil tal-amortizzament b'0 % prepagamenti |

| Isem tal-Attribut | Statiku/ Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Data tal-Bilanċ Pendenti fil-Perjodu 1 | Dinamiku | Data | Data assoċjata mal-Bilanċ tal-Perjodu 1 |
| Bilanċ Pendenti fil-Perjodu [2-120] | Dinamiku | Numeriku | Profil tal-amortizzament b'0 % prepagamenti |
| Data tal-Bilanċ Pendenti fil-Perjodu [2-120] | Dinamiku | Data | Data assoċjata mal-Bilanċ tal-Perjodu [2-120] |

KOLLATERAL:

| Isem tal-Attribut | Statiku/ Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Kollateral** | | | |
| ID tal-Kollateral | Statiku | Test | Il-kodiċi uniku tal-kollateral għall-entità tal-oriġini. |
| Identifikatur tas-selfa | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku tas-selfa assoċjat mal-kollateral. Dawn għandhom jaqblu mal-identifikaturi mill-attribut "Identifikatur tas-Selfa". |
| Tip ta' Titolu | Statiku | Lista | Hemm imposta Fissa jew Varjabbli fuq l-assi? |
| Tip ta' Kollateral | Statiku | Lista | Tip ta' Kollateral. |
| Ammont tal-Valwazzjoni Oriġinali | Statiku | Numeriku | Valur tal-proprjetà mid-data tal-aħħar avvanz tas-qabel titolizzazzjoni. |
| Data tal-Valwazzjoni Oriġinali | Statiku | Data | Data tal-aħħar valwazzjoni tal-proprjetà fil-ħin tal-aħħar avvanz tas-selfa qabel titolizzazzjoni. |
| Data tal-Valwazzjoni Attwali | Dinamiku | Data | Din għandha tkun id-data tal-aktar valwazzjoni riċenti. |
| Tip ta' Valwazzjoni Oriġinali | Statiku | Lista | Tip ta' valwazzjoni fl-oriġini. |
| Gradazzjoni | Dinamiku | Test | |
| Kodiċi Postali tal-Proprjetà | Statiku | Test | Bħala minimu jridu jingħataw l-ewwel żewġ jew tliet karattri. |
| Kanal tal-Oriġini/Bank jew Diviżjoni tal-Arranġament | Statiku | Lista | |
| Munita tal-Kollateral | Statiku | Lista | Din għandha tkun il-munita relatata mal-ammont tal-valwazzjoni fil-"Valur tal-Kollateral". |
| Numru ta' Entrati ta' Kollateral li Jiggarantixxu s-Selfa | Dinamiku | Numeriku | Numru totali ta' entrati ta' kollateral li jiggarantixxu s-selfa. In-numru għandu jirrifletti n-numru ta' rapporti ta' kollateral sottomessi għas-selfa fil-fajl kurrenti. |

INFORMAZZJONI DWAR IL-BONDS:

| Isem tal-Attribut | Dinamiku/ Statiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Attributi f'Dejta fuq Livell ta' Titolu jew Bond** | | | |
| Data tar-Rapport | Dinamiku | Data | Data li fiha nħareġ ir-rapport dwar it-tranżazzjoni. |
| Emittent | Statiku | Test | Isem l-emittent u s-serje tal-ħruġ, jekk applikabbli. |
| Prelevamenti taħt il-Faċilità ta' Likwidità | Dinamiku | Iva/Le | Jekk it-tranżazzjoni jkollha faċilità ta' likwidità, ikkonferma jekk kienx hemm prelevament jew le taħt il-faċilità ta' likwidità fil-perjodu li jintemm fl-aħħar data tal-pagament tal-imgħax. |
| **Attributi f'Dejta fuq Livell tal-Kollateral** | | | |
| Kejl/Proporzjonijiet tal-Iskattaturi | Dinamiku | Iva/Le | Seħħ xi avveniment ta' skattar? Status ta' diversi kejlijiet u proporzjonijiet tad-delinkwenza, dilwizzjoni, inadempjenza, telf u kejlijiet u proporzjonijiet simili tal-kollateral fir-rigward tal-amortizzament bikri tagħhom jew livelli oħra ta' avvenimenti ta' skattar, bħal fid-data tad-determinazzjoni attwali. |
| Rata Medja ta' Prepagament Kostanti | Dinamiku | Numeriku | Ir-rapport għandu jinkludi l-veloċità tar-Rata ta' Prepagament Kostanti (CPR) Medja (Avg) tas-selfiet sottostanti. Il-veloċità tas-CPR Avg hija l-ammont espress bħala perċentwal annwalizzat tal-kapital prepagat lil hinn mir-ripagamenti skedati. Il-veloċità tas-CPR Avg hija kkalkulata billi l-ewwel jiġi diviż il-Bilanċ Attwali tal-Kapital tas-Selfa (jiġifieri l-bilanċ reali) bil-Bilanċ Skedat tal-Kapital tas-Selfa meta wieħed jassumi li ma saru l-ebda prepagamenti (jiġifieri saru biss ir-ripagamenti skedati). Dan il-kwozjent imbagħad jittella' esponenzjalment, fejn l-esponent ikun il-kwantità tnax diviża bin-numru ta' xhur mill-ħruġ. Naqqas dan ir-riżultat minn wieħed u mbagħad immultiplikah b'mija (100) biex tiddetermina l-veloċità tas-CPR Avg. |
| **Attributi għall-Informazzjoni ta' Kuntatt tar-Rapport dwar it-Tranżazzjoni** | | | |
| Punt ta' Kuntatt | Statiku | Test | Isem tad-dipartiment jew il-persuna/i ta' kuntatt tas-sorsi ta' informazzjoni. |
| Informazzjoni ta' Kuntatt | Statiku | Test | Numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku. |

INFORMAZZJONI DWAR IL-BONDS SKONT IS-SEGMENT:

| Isem tal-Attribut | Dinamiku/ Statiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Attributi fil-Livell tas-Segment** | | | |
| Isem il-Klassi tal-Bond | Statiku | Test/Numerika | Designazzjoni (ġeneralment ittra u/jew numru) mogħti lil segment ta' Bonds li juru l-istess drittijiet, prijoritajiet u karatteristiċi kif definit fil-prospett, jiġifieri Serje 1, Klassi A1 eċċ. |
| Numru Internazzjonali għall-Identifikazzjoni tat-Titoli | Statiku | Test/Numerika | Il-kodiċi ta' identifikazzjoni tat-titoli assenjat lil kull klassi ta' SME skont l-istandards stabbiliti mill-Organizzazzjoni Internazzjonali għall-Istandards (ISIN) jew kodiċi uniku ieħor tat-titoli stabbilit minn kambju jew entità oħra. |

| Isem tal-Attribut | Dinamiku/ Statiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Data tal-Pagament tal-Imgħax | Dinamiku | Data | Data perjodika li fiha jkun skedat li jseħħ l-aħħar pagament tal-imgħax lid-detenturi ta' segment speċifiku tal-bonds. |
| Data tal-Pagament tal-Kapital | Dinamiku | Data | L-aħħar data perjodika li fiha jkun skedat li jseħħ pagament tal-kapital lid-detenturi ta' segment speċifiku tal-bonds. |
| Munita tal-Bond | Statiku | Test | Denominazzjoni tal-bonds. |
| Rata ta' Referenza | Statiku | Lista | Indiċi tal-imgħax bażi ta' referenza kif definit fid-dokument tal-offerta (pereż. Euribor tliet xhur) applikabbli għal segment speċifiku tal-bonds. |
| Maturità Legali | Statiku | Data | Data li qabilha segment speċifiku tal-bonds irid jitħallas lura sabiex ma jkunx f'inadempjenza. |
| Data tal-Ħruġ tal-Bonds | Statiku | Data | Data li fiha nħarġu l-bonds. |

*ANNESS IV*

**Dejta f'Livell tas-Selfa - Mudell tar-Rappurtar għal strumenti finanzjarji strutturati appoġġati b'self għal karozza**

ASSI:

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Informazzjoni Speċifika għat-Tranżazzjoni** | | | |
| Data tal-Maturità tal-Pula | Dinamiku | SSSS-XX-JJ | Data tal-maturità tal-pula jew tal-portafoll. Din hija d-data li fiha tkun referenzjata d-dejta dwar l-assi sottostanti fi ħdan ir-rapport. |
| Identifikatur tal-Pula | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur tal-pula jew tal-portafoll/isem tat-tranżazzjoni. |
| Isem is-Serviser | Dinamiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku għal kull serviser biex jimmarka liema entità tkun qiegħda tisservizzja s-selfa jew il-lokazzjoni. |
| Isem is-Serviser ta' Riserva | Dinamiku | Test | Isem tas-Serviser ta' Riserva. |
| **Informazzjoni f'Livell tas-Selfa jew tal-Lokazzjoni** | | | |
| Identifikatur tas-Selfa jew tal-Lokazzjoni | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku għas-selfa jew il-lokazzjoni. L-ID ma għandux jinbidel matul il-perjodu tat-tranżazzjoni. |
| Oriġinatur | Statiku | Test | Mutwanti li avvanza s-selfa jew il-lokazzjoni oriġinali. |
| Identifikatur tal-mutwatarju | Statiku | Test/Numeriku | Identifikatur uniku għall-mutwatarju jew il-lokatarju. |
| Identifikatur tal-Kumpanija tal-Grupp | Dinamiku | Test | Identifikatur uniku tal-kumpanija tal-grupp li jidentifika l-kumpanija prinċipali aħħarija tal-mutwatarju. |
| Denominazzjoni tal-Munita tas-Selfa jew tal-Lokazzjoni | Statiku | Lista | Denominazzjoni tal-munita tas-selfa jew tal-lokazzjoni. |
| Stat ta' Impjieg tal-Mutwatarju | Statiku | Lista | L-istat ta' impjieg tal-applikant primarju. |
| Introjtu Primarju | Statiku | 9(11).99 | Introjtu gross annwali sottoskritt tal-mutwatarju primarju. |
| Munita tal-Introjtu Primarju | Statiku | Lista | Denominazzjoni tal-munita tal-introjtu. |
| Tip ta' Amortizzament | Dinamiku | Lista | Tip ta' amortizzament. |
| Verifika tal-Introjtu għall-Introjtu Primarju | Statiku | Lista | Verifika tal-introjtu għall-introjtu primarju. |
| Reġjun Ġeografiku | Statiku | Lista | Reġjun fejn ikun jinsab il-mutwatarju fis-sottoskrizzjoni. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Data tal-Oriġini | Statiku | SSSS-XX | Data tal-avvanz oriġinali tas-selfa jew il-bidu tal-lokazzjoni. |
| Maturità Mistennija tas-Selfa jew tal-Lokazzjoni | Dinamiku | SSSS-XX | Data mistennija tal-maturità tas-selfa jew l-iskadenza tal-lokazzjoni. |
| Terminu Oriġinali tas-Selfa jew tal-Lokazzjoni | Statiku | Numeriku | Terminu kuntrattwali oriġinali (għadd ta' xhur). |
| Data taż-Żieda fil-Pula | Statiku | SSSS-XX | Data meta s-selfa jew il-lokazzjoni kienet trasferita fl-SPV. |
| Bilanċ Oriġinali tal-Kapital | Statiku | 9(11).99 | Bilanċ tal-kapital tas-selfa jew il-bilanċ skontat tal-lokazzjoni tal-mutwatarju (inklużi t-tariffi kapitalizzati) fl-oriġini. |
| Bilanċ Pendenti Attwali tal-Kapital | Dinamiku | 9(11).99 | Bilanċ tas-selfa jew tal-lokazzjoni skontata tal-mutwatarju fid-data tal-maturità tal-pula. Dan għandu jinkludi kwalunkwe ammont li jkun garantit bil-vettura. Pereżempju jekk ikunu ġew miżjuda tariffi mal-bilanċ u jkunu parti mill-kapital fit-tranżazzjoni, dawn għandhom jiġu miżjuda. |
| Pagament Skedat Dovut | Dinamiku | 9(11).99 | Pagament kuntrattwali skedat dovut li jmiss (il-pagament dovut jekk ma jkun hemm fis-seħħ l-ebda arranġament ieħor ta' pagament). |
| Frekwenza tal-Pagament Skedat | Dinamiku | Lista | Frekwenza tal-Pagament Skedat. |
| Ammont ta' Ħlas Akkont | Statiku | 9(11).99 | Ammont ta' depożitu/ħlas akkont fl-oriġini tas-selfa jew il-lokazzjoni (dan għandu jinkludi l-valur tal-vetturi mparta eċċ.) |
| Proporzjon Selfa għall-Valur Oriġinali | Statiku | 9(3).99 | LTV tal-vettura fl-oriġini, li tista' tkun arrodontita sal-eqreb 5 fil-mija. |
| Tip ta' Prodott | Statiku | Lista | Tip ta' Prodott. |
| Prezz tal-Opzjoni ta' Xiri | Statiku | 9(11).99 | Ammont li l-mutwatarju jrid iħallas fit-tmiem tal-lokazzjoni jew is-selfa biex jieħu s-sjieda tal-vettura. |
| Intervall għar-Risettjar tar-Rata tal-Imgħax | Statiku | 9(2).99 | Numru ta' xhur bejn kull data tar-risettjar tar-rata tal-imgħax fuq is-selfa jew il-lokazzjoni. |
| Rata tal-Imgħax jew ta' Skont Attwali | Dinamiku | 9(4).9(5) | Rata tal-imgħax jew ta' skont (%) totali attwali applikabbli għas-selfa jew il-lokazzjoni (tista' tkun arrodontita għall-eqreb nofs wieħed fil-mija). |
| Bażi tar-Rata tal-Imgħax Attwali | Dinamiku | Lista | Bażi tar-rata tal-imgħax attwali. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Marġini tar-Rata tal-Imgħax Kurrenti | Dinamiku | 9(4).9(5) | Marġini tar-rata tal-imgħax (%) attwali tas-selfa jew il-lokazzjoni (jista' jiġi arrodontit għall-eqreb nofs wieħed fil-mija). Għal selfiet b'rata fissa, dan huwa l-istess bħar-Rata tal-Imgħax jew ta' Skont Attwali. Għal selfiet b'rata varjabbli, dan huwa l-marġini fuq (jew taħt, f'liema każ jiddaħħal bħala negattiv) ir-rata tal-indiċi. |
| Rata ta' Skont | Statiku | 9(4).9(5) | Rata ta' skont applikata għar-riċevibbli meta jinbiegħ lill-SPV (tista' tiġi arrodontita għall-eqreb nofs wieħed fil-mija). |
| Manifattur tal-Karozza | Statiku | Test | Isem kummerċjali tal-manifattur tal-vettura. |
| Mudell tal-Karozza | Statiku | Test/Numeriku | Isem il-mudell tal-karozza. |
| Karozza Ġdida jew Użata | Statiku | Lista | Kundizzjoni tal-vettura fil-punt tas-selfa jew fl-oriġini tal-lokazzjoni. |
| Valur Residwu Oriġinali tal-Vettura | Statiku | 9(11).99 | Valur residwu stmat tal-vettura, fid-data tas-selfa jew fl-oriġini tal-lokazzjoni. It-tweġiba tista' tiġi arrodontita. |
| Valur Residwu Titolizzat | Statiku | 9(11).99 | Ammont tal-valur residwu li jkun ġie titolizzat biss. It-tweġiba tista' tiġi arrodontita. |
| Valur Residwu Aġġornat tal-Vettura | Dinamiku | 9(11).99 | L-aktar valur residwu stmat riċenti tal-vettura fit-tmiem tal-kuntratt. It-tweġiba tista' tiġi arrodontita. |
| Data tal-Valwazzjoni Residwa Aġġornata tal-Vettura | Dinamiku | SSSS-XX | Data meta kienet ikkalkulata l-aktar stima aġġornata riċenti tal-valur residwu tal-vettura. Jekk ma sar l-ebda aġġornament, daħħal id-data tal-valwazzjoni oriġinali. |
| Tip ta' Konsumatur | Statiku | Lista | Forma legali tal-konsumatur. |
| Metodu ta' Pagament | Dinamiku | Lista | Metodu ta' pagament tas-soltu (jista' jkun ibbażat fuq l-aħħar pagament riċevut). |
| Data tat-Tneħħija mill-Pula | Dinamiku | SSSS-XX | Data li fiha s-selfa jew il-lokazzjoni tneħħiet mill-pula, pereż. mar-riakkwist, tifdija, prepagament jew tmiem tal-proċess ta' rkupru. |
| Rata Massima tal-Imgħax | Dinamiku | 9(4).9(8) | Jekk hemm limitu massimu għar-rata tal-imgħax li tista' tiġi ddebitata fuq dan il-kont, daħħal dan il-limitu massimu hawnhekk – tinkludix is-simbolu %. |
| Rata Minima tal-Imgħax | Dinamiku | 9(4).9(8) | Jekk hemm limitu minimu għar-rata tal-imgħax li tista' tiġi ddebitata fuq dan il-kont, daħħal dan il-limitu minimu hawnhekk – tinkludix is-simbolu %. |
| Bilanċ tal-Arretrati | Dinamiku | 9(11).99 | Bilanċ attwali tal-arretrati. |
| Numru ta' Xhur f'Arretrati | Dinamiku | 9(5).99 | Numru ta' xhur li s-selfa jew il-lokazzjoni tkun b'lura mid-data tal-maturità tal-pula. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Data tal-Inadempjenza | Dinamiku | SSSS-XX | Data tal-inadempjenza. |
| Ammont Gross ta' Inadempjenza | Dinamiku | 9(11).99 | Ammont gross ta' inadempjenza fuq dan il-kont. |
| Prezz tal-Bejgħ | Dinamiku | 9(11).99 | |
| Telf mill-Bejgħ | Dinamiku | 9(11).99 | Ammont gross ta' inadempjenza tnaqqas minnu r-rikavati mill-bejgħ (eskluża l-imposta fuq il-prepagament jekk subordinata għall-irkupri tal-kapital). |
| Irkupri Kumulattivi | Dinamiku | 9(11).99 | Irkupri kumulattivi fuq dan il-kont, wara li jitnaqqsu l-kostijiet. |
| Data tat-Tifdija | Dinamiku | SSSS-XX | Data li fiha nfeda l-kont jew id-data meta ntemm il-proċess tal-irkupru għas-self inadempjenti. |
| Telf fil-Valur Residwu | Dinamiku | 9(11).99 | Telf fil-valur residwu li jirriżulta mal-għoti lura tal-vettura. |
| Status tal-Kont | Dinamiku | Lista | Stat attwali tal-kont |

INFORMAZZJONI DWAR IL-BONDS:

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Informazzjoni f'Livell tal-Bonds** | | | |
| Data tar-Rapport | Dinamiku | SSSS-XX-JJ | Data li fiha nħareġ ir-rapport dwar it-tranżazzjoni, jiġifieri d-data tas-sottomissjoni tal-mudell mimli tad-dejta fil-livell tas-selfa lir-repożitorju tad-dejta. |
| Emittent | Statiku | Test | Isem l-emittent u s-serje tal-ħruġ, jekk applikabbli. |
| Il-Kontijiet Kollha ta' Riserva fil-Mira Bilanċ | Dinamiku | Iva/Le | Il-kontijiet kollha ta' riserva (riserva ta' flus, riserva mħallta, riserva ta' tpaċija, eċċ.) qegħdin fil-livelli meħtieġa tagħhom? |
| Prelevamenti taħt il-Faċilità ta' Likwidità | Dinamiku | Iva/Le | Il-faċilità ta' likwidità ntużat biex tkopri nuqqasijiet fil-perjodu li jintemm fl-aħħar data tal-pagament tal-imgħax? |
| Kejl/Proporzjonijiet tal-Iskattaturi | Dinamiku | Iva/Le | Seħħ xi avveniment ta' skattar? |
| Rata tal-Prepagament Konstanti Annwalizzata | Dinamiku | 9(3).99 | Rata ta' Prepagament Kostanti (CPR) annwalizzata tar-riċevibbli sottostanti abbażi tal-aktar CPR perjodika riċenti. CPR perjodika hija ugwali għall-kapital mhux skedat totali riċevut fl-aktar perjodu riċenti diviż bil-bilanċ tal-kapital fil-bidu tal-perjodu. |
| Riċevibbli Totali Mibjugħa lill-SPV | Dinamiku | 9(11).99 | Total tal-ammont kapitali ta' riċevibbli mibjugħa lill-SPV (jiġifieri fl-għeluq u matul il-perjodu ta' rikostituzzjoni jekk applikabbli) sal-lum. |

| Isem tal-Attribut | Statiku/Dinamiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| Inadempjenzi Grossi Kumulattivi – Pula | Dinamiku | 9(11).99 | Total tal-inadempjenzi grossi kollha mill-għeluq, fl-ammont tal-munita. |
| Irkupri Kumulattivi - Pula | Dinamiku | 9(11).99 | Total tal-irkupri kollha mill-għeluq, wara li jitnaqqsu l-kostijiet, fl-ammont tal-munita. |
| Data tat-Tmiem tal-Perjodu Ċirkolanti | Dinamiku | SSSS-XX | Data li fiha l-perjodu ċirkolanti jkun mistenni li jintemm, jew fil-fatt ikun intemm. |
| **Informazzjoni ta' Kuntatt tar-Rapport dwar it-Tranżazzjoni** | | | |
| Punt ta' Kuntatt | Statiku | Test/Numeriku | Isem tad-dipartiment u l-persuna/i tal-punt tas-sorsi ta' informazzjoni. |
| Informazzjoni ta' Kuntatt | Statiku | Test/Numeriku | Numru tat-telefon u l-indirizz elettroniku. |

INFORMAZZJONI DWAR IL-BONDS SKONT IS-SEGMENT:

| Isem tal-Attribut | Dinamiku/Statiku | Tip ta' Dejta | Definizzjoni u Kriterji tal-Attribut |
|---|---|---|---|
| **Informazzjoni f'Livell tas-Segment** | | | |
| Isem il-Klassi tal-Bond | Statiku | Test/Numeriku | Designazzjoni (ġeneralment ittra u/jew numru) mogħti lil dan is-segment ta' bonds li juru l-istess drittijiet, prijoritajiet u karatteristiċi kif definit fil-prospett, jiġifieri Serje 1 Klassi A1a eċċ. |
| Numru tal-Identifikazzjoni Internazzjonali tat-Titoli | Statiku | Test/Numeriku | Kodiċi jew kodiċijiet internazzjonali għall-identifikazzjoni tat-titoli, jew jekk ma jkunx hemm ISIN, allura kwalunkwe kodiċi uniku ieħor tat-titoli bħal CUSIP, assenjat lil dan is-segment minn kambju jew entità oħra. Jekk ikun hemm aktar minn kodiċi wieħed, daħħalhom delimitati b'virgola. |
| Data tal-Pagament tal-Imgħax | Dinamiku | SSSS-XX-JJ | L-ewwel data li sseħħ, wara d-data tal-maturità tal-pula li qed tiġi rrappurtata, meta l-pagamenti tal-imgħax ikunu skedati li jiġu distribwiti lid-detenturi ta' bonds ta' dan is-segment. |
| Data tal-Pagament tal-Kapital | Dinamiku | SSSS-XX-JJ | L-ewwel data li sseħħ, wara d-data tal-maturità tal-pula li qed tiġi rrappurtata, meta l-pagamenti tal-kapital ikunu skedati li jiġu distribwiti lid-detenturi ta' bonds ta' dan is-segment. |
| Munita tal-Bond | Statiku | Lista | Denominazzjoni ta' dan is-segment. |
| Rata ta' Referenza | Statiku | Lista | Indiċi tal-imgħax bażi ta' referenza kif definit fid-dokument tal-offerta (pereż. Euribor tliet xhur) applikabbli għal dan is-segment speċifiku. |
| Maturità Legali | Statiku | SSSS-XX-JJ | Data li qabilha dan is-segment speċifiku jrid jitħallas lura sabiex ma jkunx f'inadempjenza. |
| Data tal-Ħruġ tal-Bonds | Statiku | SSSS-XX-JJ | Data li fiha nħarġu l-bonds. |
| Frekwenza tal-Pagament tal-Imgħax | Statiku | Lista | Il-frekwenza li biha jkun dovut jitħallax l-imgħax fuq dan is-segment. |

*ANNESS V*

